32003O0016

8.3.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 69/1

# LINJI GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## ta' l-1 ta' Diċembru 2003

## li temenda l-Linja gwida BĊE/2000/7 dwar politika monetarja u proċeduri ta' l-Eurosistema

## *(BĊE/2003/16)*

(2004/202/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-ewwel sub-inċiż ta' l-Artikolu 105(2),

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u partikolarment l-Artikoli 12(1) u 14(3), flimkien ma' l-ewwel sub-inċiż ta' l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 18(2) u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20,

Billi:

(1) Biex tkun stabbilita politika monetarja waħda jeħtieġ li jkun hemm tifsira ta' l-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Eurosistema, li hija magħmula mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) ta' l-Istati Membri li adottaw il-euro (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri parteċipanti") u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), biex iwettqu din il-politika b'mod uniformi fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

(2) Il-BĊE għandu l-awtorità li jistabbilixxi l-linji gwida meħtieġa biex iwettaq il-politika monetarja waħda ta' l-Eurosistema, u l-banek ċentrali nazzjonali għandhom id-dmir li jaġixxu skond dawk il-linji gwida.

(3) It-tibdil ta' dan l-aħħar fit-tifsira u fit-twettiq tal-politika monetarja waħda ta' l-Eurosistema għandu jkun rifless kif jixraq billi jinbidel l-Anness I tal-Linja gwida tal-BĊE dwar strumenti u proċeduri ta' politika monetarja waħda ta' l-Eurosistema li tinsab fis-seħħ bħalissa.

(4) Skond l-Artikoli 12(1) u 14(3) ta' l-Istatut, linji gwida tal-BĊE jagħmlu parti integrali mil-liġi tal-Komunità,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*L-Artikolu 1*

### Prinċipji, strumenti, proċeduri u kriterji għat-twettiq tal-politika monetarja waħda ta' l-Eurosistema

L-Aness I tal-Linja gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awissu, 2000, dwar strumenti u proċeduri ta' politika monetarja ta' l-Eurosistema ([1]), kif emendat bil-Linja gwida BĊE/2002/2 ([2]), imsejjaħ "Il-politika monetarja waħda fiż-żona euro – Dokumentazzjoni ġenerali dwar strumenti u proċeduri ta' politika monetarja ta' l-Eurosistema" huwa mibdul bl-Anness għal din il-Linja gwida imsejjaħ "L-implimentazzjoni ta' politika monetarja fiż-żona euro – Dokumentazzjoni ġenerali dwar strumenti u proċeduri ta' politika monetarja ta' l-Eurosistema".

*L-Artikolu 2*

### Verifika

Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jibagħtu lill-BĊE, sa mhux aktar tard mis-16 Jannar, 2004, dettalji tat-testi u tal-mezzi li bihom ikunu beħsiebhom iħarsu din il-linja gwida.

([1]) ĠU L 310, tal-11.12.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 185, tal-15.7.2002, p. 1.

*L-Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti.

2. Din il-Linja gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara li tkun adottata. L-Artikolu 1 għandu japplika mit-8 ta' Marzu, 2004.

3. Din il-Linja gwida għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-1 ta' Diċembru 2003.

*F'isem il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE*

*Il-President*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS*

# L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA MONETARJA FIŻ-ŻONA TA' L-EURO

## Dokumentazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro

**Frar 2004**

KONTENUT

| | | Paġna |
|---|---|---|
| **Introduzzjoni** | | 347 |
| KAPITOLU 1 | | |
| 1. | **Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-politika monetarja** | 348 |
| 1.1. | Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali | 348 |
| 1.2. | L-Oġġettivi tas-sistema ta' l-euro | 348 |
| 1.3. | L-istrumenti tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro | 348 |
| 1.3.1. | L-Operazzjonijiet tas-suq miftuħ | 348 |
| 1.3.2. | Faċilitajiet wieqfa | 349 |
| 1.3.3. | Riservi minimi | 349 |
| 1.4. | Kontro-partijiet | 349 |
| 1.5. | Assi li jservu ta' bażi | 350 |
| 1.6. | Modifikazzjonijiet għall-istruttura tal-politika monetarja | 350 |
| KAPITOLU 2 | | |
| 2. | **Kontropartijiet eliġibbli** | 351 |
| 2.1. | Kriterji ġenerali għall-eliġibilità | 351 |
| 2.2. | Selezzjoni ta' kontropartijiet għal sejħiet għall-offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali | 351 |
| 2.3. | Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet tal-kontroparti | 352 |
| 2.4. | Sospensjoni jew esklużjoni għal raġunijiet ta' prudenza | 352 |
| KAPITOLU 3 | | |
| 3. | **Operazzjonijiet tas-suq miftuħ** | 353 |
| 3.1. | Transazzjonijiet opposti | 353 |
| 3.1.1. | Konsiderazzjonijiet ġenerali | 353 |
| 3.1.2. | Operazzjonijiet ewlenin għall-iffinanzjar mill-ġdid | 353 |
| 3.1.3. | Operazzjonijiet għall-iffinanzjar mill-ġdid fuq terminu itwal | 354 |
| 3.1.4. | Bidliet żgħar f'operazzjonijiet opposti | 354 |
| 3.1.5. | Operazzjonijiet opposti strutturali | 355 |
| 3.2. | Transazzjonijiet li jsiru f'daqqa | 355 |
| 3.3. | Il-ħrug ta' ċertifikati tad-debitu ta' l-ECB | 356 |
| 3.4. | Bidliet tal-kambju | 357 |
| 3.5. | Il-ġbir ta' depożiti fuq terminu fiss | 358 |
| KAPITOLU 4 | | |
| 4. | **Faċilitajiet wieqfa** | 358 |
| 4.1. | Il-faċilità marġinali tas-self | 358 |
| 4.2. | Il-faċilità tad-depożitu | 359 |
| KAPITOLU 5 | | |
| 5. | **Proċeduri** | 360 |
| 5.1. | Proċeduri għas-sejħiet għall-offerti | 360 |
| 5.1.1. | Konsiderazzjonijiet ġenerali | 360 |
| 5.1.2. | Kalendarju ta' l-operazzjonijiet għas-sejħiet għall-offerti | 362 |
| 5.1.3. | Tħabbir ta' operazzjonijiet għas-sejħiet għall-offerti | 363 |
| 5.1.4. | 5.1.4. Il-preparazzjoni u s-sottomissjoni tal-kontropartijiet għas-sejħiet għall-offerti | 364 |
| 5.1.5. | Proċeduri ta' l-assenjazzjoni tas-sejħiet għall-offerti | 365 |

| | | *Paġna* |
|---|---|---|
| 5.1.6. | It-tħabbir tar-riżultati tas-sejħiet għall-offerti | 368 |
| 5.2. | Il-Proċeduri għall-operazzjonijiet bilaterali | 369 |
| 5.3. | Proċeduri għar-risolviment | 370 |
| 5.3.1. | Konsiderazzjonijiet ġenerali | 370 |
| 5.3.2. | Risolviment ta' l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ | 370 |
| 5.3.3. | Proċeduri fi tmiem il-ġurnata | 371 |

KAPITOLU 6

| | | |
|---|---|---|
| 6. | **Assi eliġibbli** | 371 |
| 6.1. | Konsiderazzjonijiet ġenerali | 371 |
| 6.2. | Assi fuq l-ewwel livell | 372 |
| 6.3. | Assi fuq it-tieni livell | 374 |
| 6.4. | Miżuri għall-kontroll tar-riskju | 378 |
| 6.4.1. | Miżuri għall-kontroll tar-riskju għal assi fuq l-ewwel livell | 379 |
| 6.4.2. | Miżuri għall-kontroll tar-riskju għal assi fuq it-tieni livell | 382 |
| 6.5. | Prinċipji ta' ivvalutar għal assi li jservu ta' bażi | 384 |
| 6.6. | L-użu bejn il-fruntieri ta' assi li jservu ta' bażi | 385 |
| 6.6.1. | Mudell bankarju ċentrali korrispondenti | 385 |
| 6.6.2. | Ħoloq bejn sistemi tas-sigurtà għar-risolviment | 386 |

KAPITOLU 7

| | | |
|---|---|---|
| 7. | **Riservi minimi** | 387 |
| 7.1. | Konsiderazzjonijiet ġenerali | 387 |
| 7.2. | Istituzzjonijiet suġġetti għar-riservi minimi | 387 |
| 7.3. | Id-determinazzjoni tar-riservi minimi | 388 |
| 7.4. | Il-manteniment ta' *holdings* ta' riserva | 390 |
| 7.5. | Ir-rappurtaġġ, l-għarfien u l-verifika tal-bażi ta' riserva | 391 |
| 7.6. | Nuqqas ta' konformità ma' obbligi ta' riservi minimi | 391 |

**Annessi**

| | | |
|---|---|---|
| Anness 1 | Eżempji ta' operazzjonijiet u proċeduri tal-politika monetarja | 393 |
| Anness 2 | Glossarju | 404 |
| Anness 3 | Selezzjoni ta' kontropartijiet għal operazzjonijiet ta' intervent għall-bdil tal-kambju u l-bdil tal-kambju għall-għanijiet tal-politika monetarja | 412 |
| Anness 4 | L-istruttura ta' rappurtaġġ għall-istatistiċi tal-flus u tal-bankar tal-Bank Ċentrali Ewropew | 413 |
| Anness 5 | Is-siti elettroniċi tas-sistema ta' l-euro | 423 |
| Anness 6 | Proċeduri u sanzjonijiet li għandhom japplikaw f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi tal-kontroparti | 424 |

**Lista ta' ċarts, tabelli u kaxex**

*Ċarts*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-perijodu ta' żmien normali għall-passi operazzjonali għal sejħiet għall-offerti standard | 361 |
| 2. | Il-perijodu ta' żmien normali għall-passi operazzjonali għal sejħiet għall-offerti mgħaġġla | 362 |
| 3. | Il-mudell korrispondenti ta' bankar ċentrali | 385 |
| 4. | Ħoloq bejn sistemi tas-sigurtà għar-risolviment | 386 |

| | | Paġna |
|---|---|---|
| *Tabelli* | | |
| 1. | Operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro | 350 |
| 2. | Ġranet normali tan-negozju għal operazzjonijiet ewlenin u fuq perijodu itwal ta' iffinanzjar mill-ġdid | 363 |
| 3. | Dati normali għar-risolviment ta' operazzjonijiet tas-suq miftuħ għas-sistema ta' l-euro | 371 |
| 4. | Assi eliġibbli għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro | 375 |
| *Kaxex* | | |
| 1. | Il-ħruġ ta' ċertifikati tad-debitu ta' l-ECB | 356 |
| 2. | Il-bdil tal-kambju | 357 |
| 3. | Passi operazzjonali għal proċeduri fis-sejħiet għall-offerti | 361 |
| 4. | L-assenjazzjoni ta' sejħiet għall-offerti b'rata fissa | 365 |
| 5. | L-assenjazzjoni ta' sejħiet għall-offerti b'rati varjabbli f'euro | 366 |
| 6. | L-assenjazzjoni ta' sejħiet għall-offerti fi bdil tal-kambju b'rati varjabbli | 367 |
| 7. | Miżuri għall-kontroll tar-riskju | 378 |
| 8. | Kategoriji ta' likwidità għal assi fuq l-ewwel livell | 379 |
| 9. | Livelli ta' evalwazzjoni ta' *haircuts* ( %) applikabbli għal assi eliġibbli fuq l-ewwel livell f'relazzjoni ma' istrumenti *fixed coupon*u *zero coupon* | 380 |
| 10. | Livelli ta' evalwazzjoni ta' *haircuts* ( %) applikabbli għal istrumenti ta' *inverse floating rate* eliġibbli fuq l-ewwel livell | 380 |
| 11. | Kalkolu ta' sejħiet marġinali | 381 |
| 12. | Livelli ta' evalwazzjoni ta' *haircuts* applikabbli għal assi eliġibbli fuq it-tieni livell | 383 |
| 13. | Il-bażi ta' riserva u l-proporzjonijiet ta' riserva | 389 |
| 14. | Il-kalkolu tar-renumerazzjoni ta' *holdings* ta' riservi rikjesti | 391 |


## Taqsiriet

| | |
|---|---|
| CCBM | Mudell korrispondenti ta' bankar ċentrali |
| C.E.T. | Ħin Ċentrali Ewropew |
| CIs | Istituzzjonijiet tal-kreditu |
| CSD | Depożitarju Ċentrali tas-Sigurtajiet |
| DVP | Tqassim-Kontra-Pagament |
| EC | Komunità Ewropea |
| ECB | Bank Ċentrali Ewropew |
| EEA | Żona Ekonomika Ewropea |
| EEC | Komunità Ekonomika Ewropea |
| EPM | Il-m ekkaniżmu tal-pagamenti ta' l-ECB |
| ESCB | Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali |
| EU | Unjoni Ewropea |
| FOP | Liberu mill-ħlas |
| FRN | Nota tal-*Floating-rate* |
| IDC | Kreditu li jsir fl-istess ġurnata |
| ISIN | Numru ta' Identifikazzjoni tas-Sigurtajiet Internazzjonali |
| MFI | Istituzzjoni Finanzjarja Monetarja |
| MMF | Fond tas-suq tal-flus |
| MMP | Karta tas-suq tal-flus |
| MU | Unjoni Monetarja |
| MUMS | Unjoni Monetarja ta' l-Istati Membri |
| NCB | Bank Ċentrali Nazzjonali |
| RoW | Il-bqija tad-dinja |
| RTGS | Risolviment totali f'ħin reali |
| SSS | Sistema għar-risolviment tas-sigurtajiet |
| Strip | Kummerċ separat ta' interess u prinċipal |
| TARGET | Sistema ta' Trasferiment Awtomatizzat Espress min-naħa għal oħra ta' l-Ewropa ta' Risolviment Totali f'Ħin Reali |
| UCITS | Intrapriża għall-investiment kollettiv f'sigurtajiet transferibbli |

## Introduzzjoni

Dan id-dokument jippreżenta l-istruttura operazzjonali magħżula mis-sistema ta' l-euro [1] għall-politika monetarja waħdanija fiż-żona ta' l-euro. Id-dokument, li jifforma parti mill-istruttura legali tas-sistema ta' l-euro għal istrumenti u proċeduri għas-sistema ta' l-euro, huwa intenzjonat li jservi bħala "Dokumentazzjoni Ġenerali" fuq l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro, partikolarment bil-għan li jipprovdu lill-kontropartijiet bl-informazzjoni meħtieġa fir-rigward ta' l-istruttura tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro.

Id-Dokumentazzjoni Ġenerali fiha nfisha la tagħti drittijiet u lanqas timponi obbligi fuq il-kontro-partijiet. Ir-relazzjoni legali bejn is-sistema ta' l-euro u l-kontropartjiet hija stabbilita f'arranġamenti kontrattwali jew regolatorji xierqa.

Dan id-dokument huwa mqassam f'sebà kapitoli. Kapitolu 1 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istruttura operazzjonali tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro. F'Kapitolu 2, il-kriterji ta' l-eliġibilità għal kontropartijiet li qegħdin jieħdu sehem fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro huma speċifikati. Kapitolu 3 jiddeskrivi l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ, waqt li Kapitolu 4 jippreżenta l-faċilitajiet wieqfa għad-disposizzjoni tal-kontropartijiet. Kapitolu 5 jispeċifika l-proċeduri applikati fl-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja. F'Kapitolu 6, il-kriterji għall-eliġibilità ta' assi li jservu ta' bażi għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja huma definiti. Kapitolu 7 jippreżenta s-sistema ta' riservi minimi tas-sistema ta' l-euro.

L-annessi fihom eżempji ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja, glossarju, il-kriterji għas-selezzjoni ta' kontropartijiet għal operazzjonijiet ta' intervent tal-bdil tal-kambju għas-sistema ta' l-euro, preżentazzjoni ta' l-istruttura ta' rappurtaġġ għall-istatistiċi ta' flus u ta' bankar tal-Bank Ċentrali Ewropew, lista ta' siti ta' l-internet tas-sistema ta' l-euro u deskrizzjoni tal-proċeduri u s-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi tal-kontroparti.

[1] Il-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew fitehem li juża t-terminu "Eurosystem" bħala espressjoni li tiddenota l-komposizzjoni li fiha s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taqdi l-funzjonijiet bażiċi tagħha, jiġifieri l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li adottaw il-munita waħdanija skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Bank Ċentrali Ewropew.

KAPITOLU 1

# 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTRUTTURA TAL-POLITIKA MONETARJA

## 1.1. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ESCB) tikkonsisti fil-Bank Ċentrali Ewropew (ECB)u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri ([2]) ta' l-Unjoni Ewropea (UE). L-attivitajiet ta' l-ESCB isiru skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat) u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew (Statut ta' l-ESCB). L-ESCB huwa mmexxi mill-entitajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet ta' l-ECB. F'dan ir-rigward, il-Kunsill li Jiggverna fl-ECB huwa responsabbli mill-formulazzjoni tal-politika monetarja, waqt li l-Bord Eżekuttiv għandu l-poter li jimplementa l-politika monetarja skond id-deċiżjonijiet li jittieħdu u l-linji ta' gwida mniżżla mill-Kunsill Amministrattiv. Sa fejn huwa meqjus possibbli u xieraq u bil-għan li tiġi assigurata effiċjenza operazzjonali, l-ECB għandu dritt idur fuq il-banek ċentrali nazzjonali ([3]) għat-twettiq ta' operazzjonijiet li jiffurmaw parti mix-xogħlijiet tas-sistema ta' l-euro. L-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro huma esegwiti taħt termini u kondizzjonijiet uniformi fl-Istati Membri kollha ([4]).

## 1.2. Oġġettivi tas-sistema ta' l-euro

L-oġġettiv primarju tas-sistema ta' l-euro huwa li jkun hemm stabbilità fil-prezz, kif definit fl-Artikolu 105 tat-Trattat. Mingħajr preġudizzju għall-oġġettiv primarju ta' l-istabbilità fil-prezz, is-sistema ta' l-euro għandha ssostni l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Komunità Ewropea. Waqt li ssegwi dawn l-oġġettivi, is-sistema ta' l-euro għandha taġixxi skond il-prinċipji ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

## 1.3. L-istrumenti tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro

Sabiex tilħaq dawn l-oġġettivi, is-sistema ta' l-euro għandha għad-dispożizzjoni tagħha, sett ta' istrumenti tal-politika monetarja; is-sistema ta' l-euro tmexxi operazzjonijiet tas-suq miftuħ, toffri faċilitajiet wieqfa u titlob lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu riservi minimi fuq kontijiet mas-sistema ta' l-euro.

### 1.3.1. *Operazzjonijiet tas-suq miftuħ*

L-operazzjonijiet tas-suq miftuħ għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro bil-għan li jagħtu direzzjoni lir-rati ta' interess, jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u jagħtu sinjal lix-xejra tal-politika monetarja. Hemm ħames tipi ta' istrumenti għad-dispożizzjoni tas-sistema ta' l-euro sabiex tmexxi l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ. L-aktar istrument importanti huwa t-transazzjoni opposta (li tapplika fuq il-bażi ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew self garantit). Is-sistema ta' l-euro tista' wkoll tuża transazzjonijiet f'daqqa, il-ħruġ ta' ċertifikati tad-debitu, bdil tal-kambju u l-kollezzjoni ta' depożiti fuq terminu fiss. Operazzjonijiet tas-suq miftuħ huma mibdija mill-ECB, li jiddeċiedi wkoll fuq l-istrument li għandu jintuża u t-termini u l-kondizzjonijiet għall-esekuzzjoni tagħhom. Huma jistgħu jiġu esegwiti fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti standard, sejħiet għall-offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali ([5]). Fir-rigward ta' l-għanijiet tagħhom, ir-regolarità u l-proċeduri, l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro jistgħu jiġu mqassma f'dawn l-erbà kategoriji li ġejjin (ara wkoll Tabella 1):

- l-operazzjonijiet ewlenin ta' l-iffinanzjar mill-ġdid huma transazzjonijiet regolari opposti li jipprovdu likwidità bi frekwenza ta' darba fil-ġimgħa u b'maturità li normalment tkun ta' ġimgħa. Dawn l-operazzjonijiet huma esegwiti mill-banek ċentrali nazzjonali fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti standard. L-operazzjonijiet ewlenin ta' iffinanzjar mill-ġdid jaqdu rwol ewlieni fis-segwitu ta' l-għanijiet ta' l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro u jipprovdu l-parti l-kbira ta' iffinanzjar mill-ġdid lis-settur finanzjarju.

([2]) Għandu jkun innutat li l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx il-munita waħdanija skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat) iżommu s-setgħat tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skond il-liġi nazzjonali u għalhekk m'humiex involuti fil-kondotta tal-politika monetarja waħdanija.

([3]) F'kull parti ta' dan id-dokument, it-terminu "banek ċentrali nazzjonali" jirreferi għall-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li adottaw il-munita waħdanija skond it-Trattat.

([4]) F'kull parti ta' dan id-dokument, it-terminu "Stat Membru" jirreferi għal Stat Membru li adotta l-munita waħdanija skond it-Trattat.

([5]) Il-proċeduri differenti għall-eżekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet fis-suq miftuħ ta' l-Eurosystem, jiġifieri offerti standard, offerti ta' malajr u proċeduri bilaterali, huma speċifikati f'Kapitolu 5. Għall-offerti standard, hin massimu ta' 24 siegħa jgħaddi bejn is-sejħa għall-offerti u ċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat ta' l-assenjazzjoni. Il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' l-eliġibilità speċifikati f'Sezzjoni 2.1 jistgħu jipparteċipaw fl-offerti standard. Offerti ta' malajr huma eżegwiti fi żmien siegħa. L-Eurosystem tista' tagħżel numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw fl-offerti ta' malajr. It-terminu "proċeduri bilaterali" jirreferi għal kwalunkwe każ li fih l-Eurosystem tmexxi transazzjoni ma' wieħed jew xi kontropartijiet mingħajr ma tuża proċeduri ta' l-offerti. Proċeduri bilaterali jinkludu operazzjonijiet eżegwiti permezz tal-Borża jew aġenti tas-swieq.

– l-operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal huma transazzjonijiet opposti li jipprovdu likwidità bi frekwenza ta' darba fix-xahar u b'maturità li normalment tkun ta' tliet xhur. Dawn l-operazzjonijiet għandhom l-għan li jipprovdu lill-kontropartijiet b'iffinanzjar addizzjonali mill-ġdid fuq perijodu itwal u huma esegwiti mill-banek ċentrali nazzjonali fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti standard. F'dawn l-operazzjonijiet, is-sistema ta' l-euro, bħala regola, m'għandhiex l-intenzjoni li tibgħat sinjali lis-suq u għalhekk normalment topera għat-teħid tar-rata.

– Tibdiliet żgħar fl-operazzjonijiet huma esegwiti fuq bażi ad hoc bl-għan li jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u li jagħtu direzzjoni lir-rati ta' l-interessi, b'mod partikolari biex itaffu l-effetti fuq ir-rati ta' interess ikkawżati minn tibdil fil-likwidità mhux mistenni fis-suq. Tibdiliet żgħar fl-operazzjonijiet huma esegwiti primarjament bħala transazzjonijiet opposti, iżda jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' transazzjonijiet li jsiru f'daqqa, bdil fil-kambju u l-kollezzjoni ta' depożiti fuq perijodu fiss. L-istrumenti u l-proċeduri applikati fit-twettiq ta' tibdiliet żgħar fl-operazzjonijiet, huma adattati għat-tipi ta' transazzjonijiet u l-oġġettivi speċifiċi segwiti fl-operazzjonijiet. Tibdiliet żgħar fl-operazzjonijiet normalment huma esegwiti mill-banek ċentrali nazzjonali permezz ta' sejħiet għall-offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali. Il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB għandu jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, tibdiliet żgħar għal operazzjonijiet bilaterali jistgħux jiġu esegwiti mill-ECB innifsu.

– barra minn hekk, is-sistema ta' l-euro tistà twettaq operazzjonijiet strutturali permezz tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu, transazzjonijiet opposti u transazzjonijiet f'daqqa. Dawn l-operazzjonijiet huma esegwiti meta l-ECB jixtieq li jaġġusta l-pożizzjoni strutturali tas-sistema ta' l-euro vis a' vis is-settur finanzjarju (fuq bażi regolari jew mhux regolari). Operazzjonijiet strutturali taħt il-forma ta' transazzjonijiet opposti u l-ħruġ ta' istrumenti ta' debitu jitwettqu mill-banek ċentrali nazzjonali permezz ta' sejħiet għall-offerti standard. Operazzjonijiet strutturali taħt il-forma ta' transazzjonijiet li jsiru mill-ewwel huma esegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali.

1.3.2. *Faċilitajiet wieqfa*

Faċilitajiet wieqfa għandhom l-għan li jipprovdu u jassorbixxu likwidità fuq perijodu qasir, jagħtu sinjal taxxejra ġenerali tal-politika monetarja u jorbtu r-rati ta' interessi tas-suq fuq perijodu qasir. Żewġ faċilitajiet wieqfa huma disponibbli għal kontropartijiet eliġibbli fuq l-inizjattiva tagħhom, suġġett għat-twettiq ta' ċerti kondizzjonijiet għall-aċċess operazzjonali (ara wkoll Tabella 1):

– kontropartijiet eliġibbli fuq l-inizjattiva tagħhom, suġġett għas-sodisfazzjon minnhom ta' ċerti kondizzjonijiet għall-aċċess operazzjonali (ara wkoll Tabella 1):

– il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità għas-self marġinali biex jakkwistaw likwidità fuq perijodu qasir mill-banek ċentrali nazzjonali sakemm ikun hemm assi eliġibbli. Taħt ċirkostanzi normali, ma hemmx limiti għall-kreditu jew restrizzjonijiet fuq l-aċċess tal-kontropartijiet għall-faċilità ħlief għall-kondizzjoni li jiġu ppreżentati assi suffiċjenti bħala bażi. Ir-rata ta' interess fuq il-faċilità għas-self marġinali normalment tipprovdi limitu għar-rata ta' interess fis-suq fuq perijodu qasir.

– il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità tad-depożitu biex jagħmlu depożiti fuq perijodu qasir mal-banek ċentrali nazzjonali. Taħt ċirkostanzi normali, ma hemmx limiti għad-depożitu jew restrizzjonijiet oħra fuq l-aċċess tal-kontropartijiet għall-faċilità. Ir-rata ta' interess fuq il-faċilità tad-depożitu normalment tipprovdi bażi għar-rata ta' interess tas-suq fuq perijodu qasir.

Il-faċilitajiet wieqfa huma amministrati b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali.

1.3.3. *Riservi minimi*

Is-sistema tar-riservi minimi tas-sistema ta' l-euro tapplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro u primarjament issegwi l-għanijiet li tistabilizza r-rati ta' interessi fis-suq tal-flus u li toħloq (jew tkabbar) in-nuqqas ta' likwidità strutturali. Il-bżonn ta' riserva ta' kull istituzzjoni huwa determinat f'relazzjoni ma' elementi mill-karta tal-bilanċ tagħha. Sabiex issegwi l-għan li tistabilizza r-rati ta' interess, is-sistema ta' riservi minimi tas-sistema ta' l-euro tippermetti lill-istituzzjonijiet jagħmlu użu minn dispożizzjonijiet medji. Il-konformità mal-kondizzjonijiet ta' riserva meħtieġa hija determinata fuq il-bażi ta' riservi medji ta' *holdings* ta' kuljum ta' l-istituzzjonijiet fuq il-perijodu tal-manteniment. Il-*holdings* ta' riservi meħtieġa ta' l-istituzzjonijiet huma renumerati bir-rata ta' l-operazzjonijiet ewlenin ta' iffinanzjar mill-ġdid tas-sistema ta' l-euro.

1.4. **Kontropartijiet**

L-istruttura tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro hija fformulata bil-għan li tassigura l-parteċipazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' kontropartijiet. L-istituzzjonijiet suġġetti għall-kondizzjonijiet meħtieġa ta' riservi minimi skond l-Artikolu 19.1 ta' l-Istatut ta' l-ESCB jistà jkollhom aċċess għall-faċilitajiet wieqfa u jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ ibbażati fuq sejħiet għall-offerti standard. Is-sistema ta' l-euro tistà tagħżel numru limitat ta' kontropartijiet sabiex jipparteċipaw f'tibdiliet żgħar fuq l-operazzjonijiet. Għal transazzjonijiet f'daqqa, m'hemmx restrizzjonijiet minn qabel fuq il-firxa tal-kontropartijiet. Għal bidliet fil-kambju li jsiru għal raġunijiet ta' politika monetarja, fatturi attivi fis-suq barrani tal-kambju huma wżati. Is-sett ta' kontropartijiet għal dawn l-operazzjonijiet huwa limitat għal dawk l-istituzzjonijiet magħżula għall-operazzjonijiet ta' intervent ta' bdil tal-kambju tas-sistema ta' l-euro li huma lokalizzati fiż-żona ta' l-euro.

## 1.5. Assi li jservu ta' bażi

In segwitu ta' l-Artikolu 18.1 ta' l-Istatut ta' l-ESCB, l-operazzjonijiet kollha ta' kreditu tas-sistema ta' l-euro (i.e. operazzjonijiet li jipprovdu likwidità) iridu jkunu bbażati fuq garanzija adegwata. Is-sistema ta' l-euro taċċetta firxa wiesgħa ta' assi biex iservu ta' bażi għall-operazzjonijiet tagħha. Issir distinzjoni, essenzalment għal raġunijiet interni għas-sistema ta' l-euro, bejn żewġ kategoriji ta' assi eliġibbli: "fuq l-ewwel livell" u "fuq it-tieni livell" rispettivament. L-ewwel livell jikkonsisti f'istrumenti ta' debitu li jistgħu jiġu nnegozjati li jissodisfaw kriterji uniformi ta' eliġibilità maż-żona kollha ta' l-euro kif speċifikati mill-ECB. It-tieni livell jikkonsisti f'assi addizzjonali, li jistgħu jiġu nnegozjati jew le, li huma ta' importanza partikolari għas-swieq finanzjarji nazzjonali u s-sistemi bankarji u li għalihom ġew stabbiliti kriterji ta' eliġibilità mill-banek ċentrali nazzjonali, suġġett għall-approvazzjoni ta' l-ECB. Ma ssirx distinzjoni bejn iż-żewġ livelli fir-rigward tal-kwalità ta' l-assi u l-eliġibilità tagħhom għal tipi varji ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro (ħlief li l-assi fuq it-tieni livell normalment m'humiex użati mis-sistema ta' l-euro għal transazzjonijiet f'daqqa). Assi eliġibbli jistgħu jintużaw bejn il-fruntieri, permezz tal-mudell korrispondenti ta' bankar ċentrali (CCBM) jew permezz ta' ħoloq eliġibbli bejn is-Sistemi tar-Risolviment tas-Sigurtajiet fl-UE (SSSs), biex jikkollateralizzaw it-tipi kollha ta' kreditu tas-sistema ta' l-euro ([6]). L-assi kollha eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro jistgħu jintużaw bħala assi ta' bażi għal kreditu fl-istess ġurnata.

## 1.6. Modifikazzjonijiet għall-istruttura tal-politika monetarja

Il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB jistà, f'kull ħin, jibdel l-istrumenti, il-kondizzjonijiet, il-kriterji u l-proċeduri għall-esekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro.

TABELLA 1

**Operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro**

| Politika Monetarja | Tipi ta' transazzjonijiet | | Maturità | Frekwenza | Proċedura |
|---|---|---|---|---|---|
| | Proviżjoni tal-likwidità | Assorbiment tal-likwidità | | | |
| *Operazzjonijiet tas-suq miftuħ* | | | | | |
| **Operazzjonijiet Ewlenin għall-iffinanzjar millġdid** | Transazzjonijiet opposti | – | Ġimgħa waħda | Kull ġimgħa | Sejħiet għall-offerti standard |
| **Operazzjonijiet għall-iffinanzjar mill-ġdid Fuq perijodu itwal** | Transazzjonijiet opposti | – | Tliet xhur | Kull xahar | Sejħiet għall-offerti standard |
| **Operazzjonijiet ta' tibdiliet żgħar** | – Transazzjonijiet opposti<br>– Bdil tal-kambju | – Transazzjonijiet opposti<br>– Kollezzjoni ta' Depożiti fuq terminu fiss<br>– Bdil tal-kambju | Mhux standardizzati | Mhux regolari | – Sejħiet għall-offerti mgħaġġla<br>– Proċeduri bilaterali |
| | Xiri F'daqqa | Bejgħ f'daqqa | – | Mhux regolari | Proċeduri bilaterali |
| **Operazzjonijiet Strutturali** | Transazzjonijiet opposti | Il-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu | Standardizzati/ Mhux standardizzati | Regolari u Mhux regolari | Sejħiet għall-offerti standard |
| | Xiri F'daqqa | Bejgħ f'daqqa | – | Mhux regolari | Proċeduri bilaterali |
| *Faċilitajiet wieqfa* | | | | | |
| **Faċilità għas-self marġinali** | Transazzjonijiet opposti | – | Fi żmien qasir | Aċċess għad-diskrezzjoni tal-kontropartijiet | |
| **Faċilità għad-depożitu** | – | Depożiti | Fi żmien qasir | Aċċess għad-diskrezzjoni tal-kontropartijiet | |

([6]) Ara Sezzjonijiet 6.6.1 u 6.6.2.

KAPITOLU 2

## 2. KONTROPARTIJIET ELIĠIBBLI

### 2.1. Kriterji ġenerali għall-eliġibilità

Il-kontropartijiet ta' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro jridu jissodisfaw ċerti kriterji ta' eliġibilità [7]. Dawn il-kriterji huma definiti bil-għan li jagħtu lil firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet aċċess għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro, jenfasizzaw it-trattament ugwali ta' l-istituzzjonijiet madwar iż-żona ta' l-euro u jassiguraw li l-kontropartijiet jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet operazzjonali u li jitolbu prudenza:

– huma biss l-istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema ta' riserva minima tas-sistema ta' l-euro skond l-Artikolu 19.1 ta' l-Istatut ta' l-ESCB li huma eliġibbli biex ikunu kontropartijiet. L-istituzzjonijiet li huma eżenti mill-obbligi tagħhom taħt is-sistema minima ta' riserva tas-sistema ta' l-euro (ara Sezzjoni 7.2) m'humiex eliġibbli biex ikunu kontropartijiet għal faċilitajiet wieqfa tas-sistema ta' l-euro u operazzjonijiet tas-suq miftuħ,

– il-kontropartijiet iridu jkunu finanzjarjament sodi. Huma jridu jkunu suġġetti għal ta' l-anqas forma waħda ta' superviżjoni armonizzata ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-EU/EEA [8]. Iżda, istituzzjonijiet sodi finanzjarjament suġġetti għal superviżjoni nazzjonali mhux armonizzata ta' standard komparabbli tista' tkun aċċettata bħala kontroparti, eż: fergħat stabbiliti fiż-żona ta' l-euro ta' istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA).

– il-kontropartijiet iridu jissodisfaw kull kriterju operazzjonali speċifikat fil-ftehim kontrattwali jew regolatorju relevanti applikat mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv (jew l-ECB), sabiex jassigura t-tmexxija effiċjenti ta' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro.

Dawn il-kriterji ġenerali ta' eliġibiltà huma uniformi madwar iż-żona ta' l-euro.L-istituzzjonijiet li qed jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' l-eliġibilità jistgħu:

– ikollhom aċċess għall-faċilitajiet wieqfa tas-sistema ta' l-euro, u

– jipparteċipaw f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro ibbażati fuq sejħiet għall-offerti standard.

Istituzzjoni jista' jkollha aċċess għall-faċilitajiet wieqfa tas-sistema ta' l-euro u ta' l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ ibbażati fuq sejħiet għall-offerti standard, biss permezz tal-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih hi stabbilita. Jekk istituzzjoni għandha stabbilimenti (uffiċċju ewlieni jew fergħat) f'aktar minn Stat Membru wieħed, kull stabbiliment għandu aċċess għal dawn l-operazzjonijiet permezz tal-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn hu stabbilit, minkejja l-fatt li l-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti ta' istituzzjoni jistgħu jintefgħu biss minn stabbiliment wieħed (mill-uffiċċju ewlieni jew minn fergħa indikata) f'kull Stat Membru.

### 2.2. Is-Selezzjoni ta' kontropartijiet għal sejħiet għall-offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali

Għal transazzjonijiet f'daqqa, m'hemmx restrizzjonijiet imposti minn qabel fuq il-firxa tal-kontropartijiet.

Għal tibdil fil-kambju maħruġ għal raġunijiet tal-politika monetarja, il-kontropartijiet iridu jkunu kapaċi jmexxu operazzjonijiet ta' bdil tal-kambju ta' volum kbir, b'mod effettiv taħt il-kondizzjonijiet kollha tas-suq. Il-firxa ta' kontropartijiet għall-bdil tal-kambju tikkorrispondi mal-kontropartijiet lokalizzati fiż-żona ta' l-euro li huma magħżula għal operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju tas-sistema ta' l-euro. Il-kriterji u l-proċeduri applikati għall-għażla tal-kontropartijiet għall-operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju huma ppreżentati fl-Anness 3.

Għal operazzjonijiet oħra bbażati fuq sejħiet għall-offerti mgħaġġla u proċeduri bilaterali (tibdiliet żgħar għal transazzjonijiet opposti u l-kollezzjoni ta' depożiti fuq terminu fiss), kull bank ċentrali nazzjonali jagħżel sett ta' kontropartijiet minn fost l-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Istat Membru tiegħu, li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità tal-kontroparti. F'dan ir-rigward, l-attività fis-suq tal-flus hija kriterju selettiv ewlieni. Kriterji oħra li tista' tittieħed konsiderazzjoni tagħhom huma, per eżempju, l-effiċjenza tal-mejda tan-negozjar u l-potenzal ta' l-ordnijiet.

F'sejħiet għall-offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali l-banek ċentrali nazzjonali jittrattaw esklussivament mal-kontropartijiet li huma inklużi fis-sett rispettiv tagħhom ta' tibdiliet żgħar tal-kontropartijiet. Jekk, għal raġunijiet operazzjonali, bank ċentrali nazzjonali ma jistax jittratta mal-kontropartijet kollha li jeħtieġu tibdi-

[7] Għal transazzjonijiet ċari, l-ebda restrizzjonijiet ma jitpoġġew a priori fuq il-firxa tal-kontropartijiet.

[8] Sorveljanza armonizzata ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu hija bbażata fuq id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 relatata mal-bidu u l-eżerċitazzjoni ta' negozju ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu, ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1, kif emendat.

liet żgħar, is-selezzjoni tal-kontropartijiet f'dan l-Istat Membru se tkun ibbażata fuq skema ta' rotazzjoni sabiex tassigura aċċess ugwali.

Il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB, se jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, operazzjonijiet bilaterali ta' tibdiliet żgħar, jistgħux isiru mill-ECB innifsu. Jekk l-ECB kellu jwettaq operazzjonijiet bilaterali, is-selezzjoni tal-kontropartijiet f'dawn il-każijiet ikollha ssir mill-ECB skond skema ta' rotazzjoni fost dawk il-kontropartijiet fiż-żona ta' l-euro li huma eliġibbli għal sejħiet għall-offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali sabiex jassiguraw aċċess ugwali.

## 2.3. Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet tal-kontroparti

L-ECB għandu jimponi sanzjonijiet, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jimponi sanzjonijiet ([9]), ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (KE) Nru 2157/1999 tat-23 ta' Settembru 1999 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ECB/1999/4) ([10]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew ([11]), kif emendat, u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi (ECB/2003/9) ([12]), fuq istituzzjonijiet li ma jikkonformawx ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet ta' l-ECB dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi. Is-sanzjonijiet u r-regoli proċedurali relevanti għall-applikazzjoni tagħhom huma speċifikati fir-Regolamenti msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, f'każ ta' nuqqasijiet serji fil-konsiderazzjonijiet tar-riservi minimi, is-sistema ta' l-euro tista' tissospendi l-parteċipazzjoni tal-kontropartijiet fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ.

Skond id-disposizzjonijiet fl-arranġamenti kontrattwali jew regolatorji applikati mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv (jew mill-ECB), is-sistema ta' l-euro ser timponi penali finanzjarji fuq il-kontropartijiet jew tissospendi l-parteċipazzjoni tal-kontropartijiet f'operazzjonijiet tas-suq miftuħ jekk il-kontropartijiet jonqsu li jikkonformaw ma' l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt l-arranġamenti kontrattwali jew regolatorji applikati mill-banek ċentrali nazzjonali (jew mill-ECB) kif indikat hawn taħt.

Dan jirrigwarda każijiet ta' ksur tar-regoli tas-sejħiet għall-offerti (jekk xi kontroparti mhix kapaċi tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' assi bħala bażi biex tissetilja l-ammont ta' likwidità assenjat lilha f'operazzjoni li tipprovdi likwidità jew jekk mhix kapaċi tqassam ammont ta' flus suffiċjenti biex tissetilja l-ammont assenjat lilha f'operazzjoni għall-assorbiment tal-likwidità) u ta' regoli għal transazzjonijiet bilaterali (jekk xi kontroparti mhix kapaċi tqassam ammont suffiċjenti ta' assi eliġibbli li jservu ta' bażi jew jekk mhix kapaċi tqassam ammont ta' flus suffiċjenti biex tissetilja l-ammont maqbul f'transazzjonijiet bilaterali).

Dan japplika wkoll f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità minn xi kontroparti mar-regoli għall-użu ta' l-assi li jservu ta' bażi (jekk xi kontroparti qiegħda tuża assi li huma jew li saru ineliġibbli, jew li ma jistgħux jintużaw mill-kontroparti, e.ż. minħabba relazzjoni mill-qrib, jew l-identità ta' l-*issuer*/garanti u l-kontroparti) u n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-proċeduri ta' tmiem il-ġurnata u l-kondizzjonijiet għall-aċċess tal-faċilità marġinali tas-self (jekk kontroparti li għandha bilanċ negattiv fuq il-kont fl-aħħar tal-ġurnata, ma tissodisfax il-kondizzjonijiet għall-aċċess tal-faċilità marġinali tas-self).

Barra minn hekk, miżura ta' sospensjoni biex tittieħed vis a' vis il-kontroparti li tonqos li tikkonforma, tista' tiġi applikata għal fergħat ta' l-istess istituzzjoni lokalizzata fi Stati Membri oħra. Fejn, bħala miżura eċċezzjonali, dan huwa meħtieġ minħabba s-serjetà ta' każ ta' nuqqas ta' konformità, kif ippruvat mill-frekwenza jew it-tul ta' żmien tiegħu, per eżempju, il-kontroparti tista' tiġi sospiża mill-operazzjonijiet futuri kollha tal-politika monetarja għal perijodu ta' żmien definit.

Penali finanzjarji imposti minn banek ċentrali nazzjonali f'każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward ta' ksur tar-regoli dwar l-operazzjonijiet tas-sejħiet għall-offerti, transazzjonijiet bilaterali, assi li jservu ta' bażi, proċeduri ta' tmiem il-ġurnata jew il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali għandhom jiġu kkalkulati fuq rata ta' penali li tkun speċifikata minn qabel (kif imniżżel fl-Anness 6).

## 2.4. Sospensjoni jew esklużjoni għal raġunijiet ta' prudenza

Skond id-disposizzjonijiet fl-arranġamenti kontrattwali jew regolatorji applikati mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv (jew mill-ECB), is-sistema ta' l-euro tista' tissospendi jew teskludi l-aċċess tal-kontropartijiet għall-istrumenti tal-politika monetarja għal raġunijiet ta' prudenza.

---

([9]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4.
([10]) ĠU L 264, 12.10.1999, p. 21.
([11]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1.
([12]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

Barra minn hekk, is-sospensjoni jew l-esklużjoni tal-kontropartijiet tista' tkun meħtieġa f'uħud minn dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "nuqqas" kontroparti kif definit fl-arranġamenti kontrattwali jew regolatorji applikati mill-banek ċentrali nazzjonali.

KAPITOLU 3

## 3. OPERAZZJONIJIET TAS-SUQ MIFTUĦ

L-operazzjonijiet tas-suq miftuħ għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-politika monetarja tas-sistema ta' l-euro, isegwu l-għanijiet li jmexxu r-rati ta' interess, jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u jagħtu sinjal tax-xejra tal-politika monetarja. Fir-rigward ta' l-għanijiet, tar-regolarità u tal-proċeduri tagħhom, l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro jistgħu jinqasmu f'erbà kategoriji: l-operazzjonijiet ewlenin għall-finanzjament mill-ġdid, l-operazzjonijiet għall-finanzjament mill-ġdid fuq perijodu itwal, operazzjonijiet ta' tibdiliet żgħar u operazzjonijiet strutturali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istrumenti wżati, it-transazzjonijiet opposti huma l-istrument ewlieni tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro u jistgħu jiġu mħaddma fl-erbà kategoriji ta' operazzjonijiet, waqt li ċ-ċertifikati ta' debitu jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet ta' assorbiment strutturali. Barra minn hekk, is-sistema ta' l-euro għandha tliet strumenti oħra għad-dispożizzjoni tat-tħaddim ta' l-operazzjonijiet ta' tibdiliet żgħar: transazzjonijiet f'daqqa, bdil tal-kambju u l-kollezzjoni ta' depożiti fuq terminu fiss. Fis-sezzjonijiet li ġejjin, fatturi speċifiċi tat-tipi differenti ta' l-istrumenti tas-suq miftuħ użati fis-sistema ta' l-euro huma ppreżentati fid-detall.

### 3.1. Transazzjonijiet opposti

#### 3.1.1. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

(a) Tip ta' istrument

Transazzjonijiet opposti jirreferu għal dawk l-operazzjonijiet fejn is-sistema ta' l-euro tixtri jew tbiegħ assi eliġibbli taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jew tmexxi operazzjonijiet ta' kreditu kontra assi eliġibbli bħala garanzija. Transazzjonijiet opposti huma wżati għal operazzjonijiet ewlenin ta' iffinanzjar mill-ġdid u għal operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal. Barra minn hekk, is-sistema ta' l-euro tista' tuża transazzjonijiet opposti għal operazzjonijiet strutturali u ta' tibdiliet żgħar.

(b) Natura legali

Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jesegwixxu transazzjonijiet opposti jew fil-forma ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid (i.e. il-pussess ta' l-assi jiġi trasferit għal għand il-kreditur, waqt li l-partijiet jaqblu li jreġġgħu lura t-transazzjoni permezz ta' trasferiment mill-ġdid ta' l-assi lid-debitur f'data futura) jew bħala djun kollateralizzati (i.e. interess infurzabbli tas-sigurtà huwa pprovdut fuq l-assi, iżda, fuq l-ipotesi tas-sodisfazzjon ta' l-obbligazzjoni tad-debitu, il-pussess ta' l-assi jinżamm mid-debitur). Aktar disposizzjonijiet għal transazzjonijiet opposti bbażati fuq ftehim ta' xiri mill-ġdid huma speċifikati fl-arranġamenti kontrattwali applikati mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv (jew l-ECB). Arranġamenti għal transazzjonijiet opposti bbażati fuq self kollateralizzat jieħdu konsiderazzjoni tal-proċeduri u l-formalitajiet differenti meħtieġa sabiex jippermettu l-istabbiliment u r-realizzazzjoni sussegwenti ta' interess relevanti fil-garanzija (e.ż. rahan) li japplikaw f'ġurisdizzjonijiet differenti.

(c) Termini ta' l-interess

Id-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz tax-xiri mill-ġdid taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jikkorrispondi ma' l-interess dovut fuq l-ammont ta' flus misluf jew imsellef fuq il-maturità ta' l-operazzjoni, i.e. il-prezz tax-xiri mill-ġdid jinkludi l-interess rispettiv li jrid jitħallas. Ir-rata ta' l-interess fuq transazzjoni opposta taħt il-forma ta' self garantit hija determinata bl-applikazzjoni tar-rata ta' l-interessi speċifikata fuq l-ammont ta' kreditu fuq il-maturità ta' l-operazzjoni. Ir-rata ta' interessi applikata għal operazzjonijiet opposti tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro hija rata ta' interessi sempliċi bid-*day-count convention* "attwali/360".

#### 3.1.2. *Operazzjonijiet ewlenin għall-iffinanzjar mill-ġdid*

L-operazzjonijiet ewlenin għall-iffinanzjar mill-ġdid huma l-aktar operazzjonijiet importanti tas-suq miftuħ immexxija mis-sistema ta' l-euro, jaqdu rwol importanti fis-segwitu ta' l-għanijiet li jagħtu direzzjoni lir-rati ta' interess, jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u jagħtu sinjal tax-xejra tal-politika monetarja. Huma jipprovdu wkoll il-parti l-kbira ta' l-iffinanzjar mill-ġdid għas-settur finanzjarju.

Il-fatturi operazzjonali ta' l-operazzjonijiet għall-iffinanzjar mill-ġdid jista' jiġi mqassar kif ġej:

– huma operazzjonijiet li jipprovdu likwidità;

– jiġu esegwiti regolarment kull ġimgħa ([13]);

– normalment huma għandhom maturità ta' ġimgħa ([14]);

– huma esegwiti b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali;

– huma esegwiti permezz ta' sejħiet għall-offerti standard (kif speċifikat f'Sezzjoni 5.1);

– il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità (kif speċifikat f'Sezzjoni 2.1) jistgħu jissottomettu l-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti għall-operazzjonijiet ewlenin ta' iffinanzjar mill-ġdid; u

– sew assi fuq l-ewwel kif ukoll fuq it-tieni livell (kif speċifikat f'Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi li jservu ta' bażi għall-operazzjonijiet ewlenin ta' iffinanzjar mill-ġdid.

3.1.3. *Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal*

Is-sistema ta' l-euro tesegwixxi wkoll operazzjonijiet regolari ta' iffinanzjar mill-ġdid, normalment b'maturità ta' tliet xhur, li għandhom l-għan li jipprovdu iffinanzjar mill-ġdid addizzjonali fuq perijodu itwal lis-settur finanzjarju. Dawn l-operazzjonijiet jirrappreżentaw biss parti limitata mill-volum globali ta' iffinanzjar mill-ġdid. F'dawn l-operazzjonijiet, is-sistema ta' l-euro, bħala regola, m'għandhiex l-intenzjoni li tibgħat sinjali lis-suq u għalhekk normalment taġixxi biex tieħu r-rati. Għalhekk, operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal, is-soltu jiġu esegwiti fil-forma ta' sejħiet għall-offerti b'rati varjabbli u, minn żmien għal żmien, l-ECB jindika l-volum ta' l-operazzjoni li għandha tiġi assenjata għal sejħiet għall-offerti fil-futur. Taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, is-sistema ta' l-euro tista' wkoll tesegwixxi operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal permezz ta' sejħiet għall-offerti b'rati fissi.

Il-fatturi operazzjonali ta' l-operazzjonijiet għall-iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

– huma operazzjonijiet li jipprovdu likwidità;

– huma esegwiti b'mod regolari kull xahar ([15]);

– normalment għandhom maturità ta' tliet xhur ([16]);

– huma esegwiti b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali;

– huma esegwiti permezz ta' sejħiet għall-offerti standard (kif speċifikat f'Sezzjoni 5.1);

– il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' l-eliġibilità (kif speċifikat f'Sezzjoni 2.1) jistgħu jissottomettu sejħiet għall-offerti għall-operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal; u

– kemm assi fuq l-ewwel kif ukoll fuq it-tieni livell (kif speċifikat f'Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi ta' bażi għall-operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal.

3.1.4. *Tibdiliet żgħar għal operazzjonijiet opposti*

Is-sistema ta' l-euro tista' tesegwixxi tibdiliet żgħar għall-operazzjonijiet taħt il-forma ta' transazzjonijiet opposti tas-suq miftuħ. Tibdiliet żgħar għall-operazzjonijiet għandhom l-għan li jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u li jagħtu direzzjoni lir-rati ta' interess, b'mod partikolari sabiex itaffu l-effetti fuq ir-rati ta' l-interessi kkawżati minn ċaqliq mhux mistenni fil-likwidità fis-suq. Il-ħtieġa potenzali għal azzjoni mgħaġġla f'każ ta' żviluppi mhux mistennija fis-suq, jagħmluha aktar attraenti li wieħed iżomm livell għoli ta' flessibilità fl-għażla tal-proċeduri u l-fatturi operazzjonali fit-tmexxija ta' dawn l-operazzjonijiet.

Il-fatturi operazzjonali ta' tibdiliet żgħar għal operazzjonijiet opposti jistgħu jiġu mqassra kif ġej-

– jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità jew li jassorbu l-likwidità;

– il-frekwenza tagħhom mhix standardizzata;

– il-maturità tagħhom mhix standardizzata;

– tibdiliet żgħar għal transazzjonijiet opposti li jipprovdu likwidità normalment huma esegwiti permezz ta' sejħiet għall-offerti mgħaġġla, għalkemm il-possibilità li jintużaw proċeduri bilaterali mhix eskluża (ara Kapitolu 5);

---

([13]) L-operazzjonijiet prinċipali u għal żmien itwal ta' finanzjament mill-ġdid huma eżegwiti skond il-kalendarju ta' l-operazzjonijiet ta' l-offerti imħabbra minn qabel ta' l-Eurosystem (ara ukoll Sezzjoni 5.1.2), li jista' jinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int); ara ukoll is-siti ta' l-Eurosystem (Anness 5).

([14]) Il-maturità ta' l-operazzjonijiet prinċipali u għal żmien itwal ta' finanzjament mill-ġdid jista' jvarja okkażjonalment skond, fost ħwejjeġ oħra, vaganzi tal-bank fl-Istati Membri.

([15]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 13 hawn fuq.

([16]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 14 hawn fuq.

– tibdiliet żgħar għal transazzjonijiet opposti li jassorbu likwidità huma esegwiti, bħala regola, permezz ta' proċeduri bilaterali (kif speċifikat f'Sezzjoni 5.2);

– dawn l-operazzjonijiet normalment huma esegwiti f'manjiera deċentralizzata mill-banek ċentrali nazzjonali (il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB ser jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, tibdiliet żgħar għal operazzjonijiet bilaterali opposti jistgħux jiġu esegwiti mill-ECB);

– is-sistema ta' l-euro tista' tisselezzjona, skond il-kriterji speċifikati f'Sezzjoni 2.2, numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw f'tibdiliet żgħar għal operazzjonijiet opposti;

– kemm assi fuq l-ewwel kif ukoll fuq it-tieni livell (kif speċifikat f'Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi ta' bażi għal tibdiliet żgħar f'operazzjonijiet opposti.

3.1.5. *Operazzjonijiet opposti strutturali*

Is-sistema ta' l-euro tista' tesegwixxi operazzjonijiet strutturali taħt il-forma ta' transazzjonijiet opposti għas-suq miftuħ bil-għan li jaġġustaw il-pożizzjoni struttrali tas-sistema ta' l-euro vis a' vis is-settur finanzjarju.

Il-fatturi operazzjonali ta' dawn l-operazzjonijiet jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

– huma operazzjonijiet li jipprovdu likwidità;

– il-frekwenza tagħhom tista' tkun regolari jew mhux regolari;

– il-maturità tagħhom mhix standardizzata minn qabel;

– huma esegwiti permezz ta' sejħiet għall-offerti standard (kif speċifikat f'Sezzjoni 5.1);

– huma esegwiti b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali;

– il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità (kif speċifikat f'Sezzjoni 2.1) jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għal sejħiet għall-offerti għal operazzjonijiet strutturali opposti; u

– sew assi fuq l-ewwel kif ukoll fuq it-tieni livell (kif speċifikat f'Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi ta' bażi għal operazzjonijiet strutturali opposti.

3.2. **Transazzjonijiet f'daqqa**

(a) Tip ta' istrument

Transazzjonijiet tas-suq miftuħ li jsiru f'daqqa jirreferu għal operazzjonijiet fejn is-sistema ta' l-euro tixtri u tbiegħ assi eliġibbli f'daqqa fuq is-suq. Dawn l-operazzjonijiet huma esegwiti biss għal raġunijiet strutturali u ta' tibdiliet żgħar.

(b) Natura legali

Transazzjoni f'daqqa timplika trasferiment totali tal-pussess mill-bejjiegħ għax-xerrej mingħajr ma jkun hemm trasferiment oppost tal-pussess konness. It-transazzjonijiet huma esegwiti skond il-konvenzjonijiet tas-suq għall-istrument tad-debitu użat fit-transazzjoni.

(c) Termini tal-prezz

Fil-kalkolu tal-prezzijiet, is-sistema ta' l-euro taġixxi skond l-aktar konvenzjoni wiesgħa aċċettata għall-istrumenti tad-debitu użati fit-transazzjoni.

(d) Fatturi operazzjonali oħra

Il-fatturi operazzjonali tat-transazzjonijiet f'daqqa tas-sistema ta' l-euro jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

– jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet li jipprovdu likwidità (xiri f'daqqa) jew li jassorbu likwidità (bejgħ f'daqqa);

– il-frekwenza tagħhom mhix standardizzata;

– huma esegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali (kif speċifikat f'Sezzjoni 5.2);

– normalment huma esegwiti b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali (il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, tibdiliet żgħar f'operazzjonijiet f'daqqa jistgħux jiġu esegwiti mill-ECB);

– m'hemmx restrizzjonijiet minn qabel fuq il-firxa tal-kontropartijiet għal transazzjonijiet f'daqqa; u

– istrumenti fuq l-ewwel livell biss (kif speċifikat f'Sezzjoni 6.1) huma normalment użati bħala assi ta' bażi fi transazzjonijiet f'daqqa.

## 3.3. Il-ħruġ ta' ċertifikati tad-debitu ta' l-ECB

(a) Tip ta' istrument

L-ECB jista' joħroġ ċertifikati ta' debitu bl-għan li jaġġusta l-pożizzjoni strutturali tas-sistema ta' l-euro vis a' vis is-settur finanzjarju sabiex joħloq (jew ikabbar) nuqqas ta' likwidità fis-suq.

(b) Natura legali

Iċ-ċertifikati jikkostitwixxu obbligu ta' debitu ta' l-ECB vis a' vis il-persuna li għandha pussess taċ-ċertifikat. Iċ-ċertifikati jinħarġu u jinżammu f'format li bih jinżammu l-kotba f'depożitarji għas-sigurtajiet fiż-żona ta' l-euro. L-ECB ma jimponix restrizzjonijiet fuq it-trasferibbilta taċ-ċertifikati. Aktar disposizzjonijiet relatati maċ-ċertifikati tad-debitu ta' l-ECB għandhom jinżammu fit-termini u l-kondizzjonijiet ta' dawn iċ-ċertifikati.

(c) Termini ta' interess

Iċ-ċertifikati jinħarġu bi skont; i.e. huma jinħarġu taħt prezz anqas mill-ammont nominali u jinfdew fid-data tal-maturità għall-ammont nominali. Id-differenza bejn l-ammont li fih jinħarġu u l-ammont li fih jinfdew huwa ugwali għall-ammont ta' interess li jiżdied fuq l-ammont li fih jinħarġu, bir-rata ta' interessi maqbula, fuq il-maturità taċ-ċertifikat. Ir-rata ta' interessi applikabbli hija rata ta' interess sempliċi b' *day-count convention* "attwali/360". Il-kalkolu ta' l-ammont li fih jinħarġu huwa muri f'Kaxxa 1.

KAXXA 1

**Il-Ħruġ ta' ċertifikati tad-debitu ta' l-ECB**

Fejn:

$N$ = ammont nominali taċ-ċertifikat ta' debitu

$r_I$ = rata ta' l-interessi (bħala %)

$D$ = maturità taċ-ċertifikat ta' debitu (fi ġranet)

$P_T$ = l-ammont li fih inħareġ iċ-ċertifikat ta' debitu

L-ammont li fih inħareġ hu:

$$P_T = N \times \frac{1}{1+\frac{r_I \times D}{36\,000}}$$

(d) Fatturi operazzjonali oħra

Il-fatturi operazzjonali għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' debitu ta' l-ECB jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

– iċ-ċertifikati jinħarġu sabiex jassorbu l-likwidità mis-suq;

– iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu fuq bażi regolari jew mhux regolari;

– iċ-ċertifikati għandhom maturità ta' anqas minn tnax-il xahar;

– iċ-ċertifikati jinħarġu permezz ta' sejħiet għall-offerti standard (kif speċifikat f'Sezzjoni 5.1);

– iċ-ċertifikati jinħarġu u jiġu ssetiljati b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali; u

– il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità (kif speċifikat f'Sezzjoni 2.1) jistgħu jissottomettu sejħiet għall-offerti għas-sottoskrizzjoni taċ-ċertifikati tad-debitu ta' l-ECB.

### 3.4. **Bdil tal-kambju**

(a) Tip ta' istrument

Bdil tal-kambju esegwit għal raġunijiet tal-politika monetarja, jikkonsisti fi transazzjonijiet *spot and forward* ta' l-euro kontra l-munita barranija. Huma wżati għal raġunijiet ta' tibdiliet żgħar, l-aktar bl-għan li jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u jagħtu direzzjoni lir-rati ta' l-interessi.

(b) Natura legali

Bidliet tal-kambju esegwiti għal raġunijiet tal-politika monetarja jirreferu għal operazzjonijiet fejn is-sistema ta' l-euro tixtri (jew tbiegħ) *spot*ta' l-euro kontra l-munita barranija u, fl-istess ħin, tbiegħha (jew tixtriha) lura fi transazzjoni *forward* f' data speċifika għax-xiri mill-ġdid. Aktar disposizzjonijiet għall-bdil tal-kambju huma speċifikati fl-arranġament kontrattwali applikati mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv (jew l-ECB).

(c) Termini tar-rati tal-muniti u l-bdil tal-kambju

Bħala regola, is-sistema ta' l-euro topera biss f'muniti li huma nnegozjati b'mod wiesa' u skond il-prattika standard tas-suq. F'kull operazzjoni ta' bdil tal-kambju, is-sistema ta' l-euro u l-kontropartijiet jaqblu dwar il-punti ta' bdil għal kull transazzjoni. Il-punti ta' bdil huma d-differenza bejn ir-rata ta' l-iskambju tal-*forward transaction* u r-rata ta' l-iskambju ta' l-i*spot transaction*. Il-punti tal-bdil ta' l-euro vis-a'-vis il-munita barranija huma kkwotati skond il-konvenzjonijiet ġenerali tas-suq. It-termini tar-rati tal-kambju tal-bdil tal-kambju huma speċifikati f'Kaxxa 2.

KAXXA 2

**Bdil tal-kambju**

S = *spot* (fid-data tat-transazzjoni tal-bdil tal-kambju) tar-rata tal-kambju bejn l-euro (EUR) u l-munita barranija ABC

$$S = \frac{x \times ABC}{1 \times EUR}$$

$F_M$ = rata tal-kambju *forward* bejn l-euro u l-munita barranija ABC fid-data tax-xiri mill-ġdid tal-bdil (M)

$$F_M = \frac{y \times ABC}{1 \times EUR}$$

$\Delta_M$ = punti *forward* bejn l-euro u l-ABC fid-data tax-xiri mill-ġdid tal-bdil (M)

$$\Delta_M = F_M - S$$

N(.) = ammont *spot* tal-munita; $N(.)_M$ huwa l-ammont *forward* tal-munita:

$$N(ABC) = N(EUR) \times S \text{ jew } N(EUR) = \frac{N(ABC)}{S}$$

$$N(ABC)_M = N(EUR)_M \times F_M \text{ or } N(EUR)_M = \frac{N(ABC)_M}{F_M}$$

(d) Fatturi operazzjonali oħra

Il-fatturi operazzjonali tal-bdil tal-kambju jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

– jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità jew li jassorbu l-likwidità;

– il-frekwenza tagħhom mhix standardizzata;

– il-maturità tagħhom mhix standardizzata;

– huma esegwiti permezz ta' sejħiet għall-offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali (ara Kapitolu 5);

– normalment huma esegwiti f'manjiera deċentralizzata mill-banek ċentrali nazzjonali (il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB se jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, bdil tal-kambju bilaterali jistax jiġi esegwit mill-ECB); u

– is-sistema ta' l-euro tista' tagħżel, skond kriterji speċifikati f'Sezzjoni 2.2 u l-Anness 3, numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw fi bdil tal-kambju.

### 3.5. Il-ġbir ta' depożiti fuq terminu fiss

(a) Tip ta' istrument

Is-sistema ta' l-euro tista' tistieden lill-kontropartijiet ipoġġu depożiti renumerati b'terminu fiss mall-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih hija stabbilita l-kontroparti. Il-ġbir ta' depożiti fuq terminu fiss huwa previst biss għal raġunijiet ta' tibdiliet żgħar sabiex jassorbi l-likwidità fis-suq.

(b) Natura legali

Id-depożiti aċċettati mill-kontropartijiet huma għal terminu fiss u b'rata ta' interessi fissa. Il-banek ċentrali nazzjonali ma jagħtux garanzija għad-depożiti.

(c) Termini ta' l-interessi

Ir-rata ta' interessi applikata għad-depożitu hija rata ta' interessi sempliċi bil-konvenzjoni *day-count* "attwali/360". L-interessi jitħallsu mal-maturità tad-depożitu.

(d) Fatturi operazzjonali oħra

Il-fatturi operazzjonali għall-ġbir ta' depożiti fuq terminu fiss jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

– id-depożiti jinġabru sabiex jassorbu l-likwidità;

– il-frekwenza li biha jinġabru d-depożiti mhix standardizzata;

– il-maturità tad-depożiti mhix standardizzata;

– il-ġbir tad-depożiti huwa normalment esegwit permezz ta' sejħiet għall-offerti mgħaġġla, għalkemm il-possibilità li jintużaw proċeduri bilaterali mhix eskluża (ara Kapitolu 5);

– il-ġbir ta' depożiti normalment huwa esegwit f'manjiera deċentralizzata mill-banek ċentrali nazzjonali (il-Kunsill Amministrattiv ta' l-ECB se jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, il-ġbir bilaterali ta' depożiti fissi ([17]) tistax tiġi esegwita mill-ECB); u

– is-sistema ta' l-euro tista' tagħżel, skond il-kriterji speċifikati f'Sezzjoni 2.2, numru limitat ta' kontropartijiet għall-ġbir ta' depożiti fuq terminu fiss.

KAPITOLU 4

## 4. FAĊILITAJIET WIEQFA

### 4.1 Il-faċilità tas-self marġinali

(a) Tip ta' istrument

Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità marġinali tas-self biex jottjenu likwidità fi żmien qasir mill-banek ċentrali nazzjonali fuq rata ta' l-interessi li tkun speċifikata minn qabel kontra l-assi eliġibbli (kif imniżżel f'Kapitolu 6). Il-faċilità hija intenzjonata li tissodisfa l-bżonnijiet tal-likwidità temporanja tal-kontropartijiet. Taħt ċirkostanzi normali, ir-rata ta' l-interessi fuq il-faċilità tipprovdi limitu għar-rata ta' l-interessi fis-suq fuq perijodu qasir. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-faċilità huma identiċi madwar iż-żona ta' l-euro.

(b) Natura legali

Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu l-likwidità taħt il-faċilità tas-self marġinali jew taħt il-forma ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid fuq perijodu qasir (i.e. il-pussess ta' l-ass jiġi trasferit għal għand il-kreditur, waqt li l-partijiet jiftiehmu li jreġġgħu lura t-transazzjoni permezz ta' trasferiment mill-ġdid ta' l-ass lid-debitur fil-jum tan-negozju li jkun imiss) jew bħala self kollateralizzat fuq perijodu qasir (i.e. jiġi pprovdut interess tas-sigurtà infurzabbli fuq l-assi iżda, jekk l-obbligu tad-debitu jiġi ssodisfat, il-pussess ta' l-ass jiġi

([17]) Depożiti b'termini fissi jkunu miżmuma fuq kontijiet mal-banek ċentrali nazzjonali; dan ikun il-każ anki jekk tali operazzjonijiet jiġu eżegwiti b'mod ċentralizzat mill-BĊE.

miżmum mid-debitur). Aktar disposizzjonijiet dwar il-ftehim ta' xiri mill-ġdid huma speċifikati fil-ftehim kontrattwali applikati mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv. Arranġamenti biex jipprovdu l-likwidità fil-forma ta' self kollateralizzat jagħtu każ tal-proċeduri u l-formalitajiet differenti meħtieġa biex jippermettu lill-istabbiliment u r-realizzazzjoni sussegwenti ta' l-interess relevanti fil-garanzija (rahan) li japplikaw f'ġurisdizzjonijiet differenti.

(c) Kondizzjonijiet għall-aċċess

L-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità tal-kontroparti speċifikati f'Sezzjoni 2.1 jista' jkollhom aċċess għall-faċilità tas-self marġinali. L-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali huwa mogħti permezz tal-bank ċentrali nazzjonali fl-Istat Membru li fih hi stabbilita l-istituzzjoni. L-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali jingħata biss fi ġranet meta s-sistema tar-risolviment totali f'ħin reali (RTGS) u l-SSS(s) relevanti huma operazzjonali.

Fl-aħħar tal-ġurnata, il-posizzjonijiet tad-debitu tal-kontropartijiet għal dik il-ġurnata, li jkunu mniżżla fil-kont tagħhom mal-banek ċentrali nazzjonali huma awtomatikament ikkunsidrati bħala talba biex dawn iduru fuq il-faċilità tas-self marġinali. Il-proċeduri għall-aċċess għall-faċilità marġinali tas-self fl-aħħar tal-ġurnata huma speċifikati f'Sezzjoni 5.3.3.

Kontroparti tista' wkoll tingħata aċċess għall-faċilità tas-self marġinali billi tagħmel talba għal dan lill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih il-kontroparti hi stabbilita. Biex il-bank ċentrali nazzjonali jipproċessa t-talba fl-istess ġurnata, it-bank ċentrali nazzjonali jrid jirċievi t-talba sa 30 minuta wara l-ħin ta' l-għeluq tat-TARGET ([18]), ([19]). Bħala regola ġenerali, il-ħin ta' l-għeluq tas-sistema TARGET huwa s-6p.m. ħin ta' l-ECB (C.E.T.). I-żmien li fih għandu jintalab aċċess għall-faċilità tas-self marġinali huwa pospost bi 30 minuta oħra fuq l-aħħar ġurnata tan-negozju tas-sistema ta' l-euro ta' perijodu ta' riserva għall-manteniment. F'din it-talba, l-ammont ta' kreditu għandu jiġi ddikjarat u, jekk assi ta' bażi għat-transazzjoni għadhom ma ġewx depożitati minn qabel mal-banek ċentrali nazzjonali, l-assi li jservu ta' bażi li għandhom jitqassmu għat-transazzjoni għandhom jiġu speċifikati.

Appart mill-konsiderazzjoni li jiġu ppreżentati assi eliġibbli suffiċjenti li jservu ta' bażi, m'hemmx limitu fuq l-ammont ta' fondi li jistgħu jiġu mgħoddija taħt il-faċilità tas-self marġinali.

(d) Termini tal-maturità u ta' l-interessi

Il-maturità tal-kreditu estiż permezz tal-faċilità sseħħ fi żmien qasir ħafna – *overnight*. Għall-kontropartijiet li qegħdin jipparteċipaw direttament fit-TARGET, il-kreditu jitħallas lura fil-ġurnata ta' wara li s-sistema nazzjonali ta' l-RTGS u l-SSS(s) relevanti huma operazzjonali, fil-ħin li fih jiftħu dawk is-sistemi.

Ir-rata ta' l-interessi titħabbar minn qabel mis-sistema ta' l-euro u hija kkalkulata bħala rata sempliċi ta' l-interessi bid-*day-count convention* "attwali/360". L-ECB jista' jibdel ir-rata ta' l-interessi f'kull ħin, b'effett mhux aktar kmieni mill-ġurnata ta' xogħol li jkun imiss tas-sistema ta' l-euro ([20]). L-interess taħt il-faċilità jitħallas lura bil-ħlas lura tal-kreditu.

(e) Sospensjoni tal-faċilità

L-aċċess għall-faċilità jingħata biss skond l-oġġettivi u l-konsiderazzjonijiet ġenerali tal-politika monetarja ta' l-ECB. L-ECB jista' jadatta l-kondizzjonijiet tal-faċilità jew jissospendieha f'kull ħin.

### 4.2. Il-faċilità tad-depożitu

(a) Tip ta' istrument

Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità tad-depożitu biex jagħmlu depożiti fi żmien qasir – *overnight* – mal-banek ċentrali nazzjonali. Id-depożiti huma renumerati b'rata ta' l-interessi li tkun speċifikata minn qabel. Taħt ċirkostanzi normali, ir-rata ta' l-interessi fuq il-faċilità isservi ta' bażi għar-rata ta' l-interessi fis-suq fuq perijodu qasir – *overnight*. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-faċilità tad-depożitu huma identiċi madwar iż-żona ta' l-euro ([21]).

---

([18]) F'uħud mill-Istati Membri, il-bank ċentrali nazzjonali (jew uħud mill-fergħat tiegħu) jista' ma jkunx miftuħ għall-iskop li jmexxi operazzjonijiet tal-politika monetarja f'ċerti ġranet tan-negozju ta' l-Eurosystem minħabba vaganzi tal-bank nazzjonali jew reġjonali. F'dawn il-każijiet, il-bank ċentrali nazzjonali relevanti huwa responsabbli li jinforma lill-kontropartijiet minn qabel dwar l-arranġamenti li għandhom isiru għall-aċċess tal-faċilità tas-self marġinali fir-rigward tal-vaganza tal-bank.

([19]) Il-ġranet ta' l-għeluq tat-TARGET huma mħabbra fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int); ara ukoll is-sit ta' l-Eurosystem (Anness 5).

([20]) F'kull parti ta' dan id-dokument, it-terminu "ġurnata tan-negozju ta' l-Eurosystem" jirreferi għal kwalunkwe ġurnata li fih il-BĊE u mill-inqas bank ċentrali nazzjonali wieħed ikunu miftuħa għall-iskop li jmexxu operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Eurosystem.

([21]) Differenzi operazzjonali li ġejjin mill-eżistenza ta' strutturi tal-kontijiet differenti bejn l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jeżistu fil-pajjiżi fiż-żona ta' l-euro.

(b) Natura legali

Id-depożiti fuq perijodu qasir – *overnight* – aċċettati mill-kontropartijiet huma renumerati b'rata ta' l-interessi fissa. Ma tingħatax garanzija lill-kontroparti bi bdil għad-depożiti.

(c) Kondizzjonijiet għall-aċċess ([22])

L-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità tal-kontroparti speċifikati f'Sezzjoni 2.1 jista' jkollhom aċċess għall-faċilità tad-depożitu. L-aċċess għall-faċilità tad-depożitu tingħata mill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih l-istituzzjoni hi stabbilita. L-aċċess għall-faċilità tad-depożitu tingħata biss fi ġranet meta s-sistema relevanti nazzjonali ta' l-RTGS tkun miftuħa.

Biex tingħata aċċess għall-faċilità tad-depożitu, il-kontroparti trid tibgħat talba lill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih il-kontroparti hi stabbilita. Biex il-bank ċentrali nazzjonali jipproċessa t-talba fl-istess ġurnata, il-bank ċentrali nazzjonali jrid jirċievi t-talba sa mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin ta' l-għeluq attwali tat-TARGET, li hu, bħala regola ġenerali, is-6p.m. ħin ta' l-ECB (C.E.T.) ([23]), ([24]). Il-ħin ta' l-għeluq biex jintalab aċċess għall-faċilità tad-depożitu huwa pospost bi 30 minuta oħra fl-aħħar jum tan-negozju tas-sistema ta' l-euro ta' perijodu ta' riserva għall-manteniment. Fit-talba, l-ammont li se jiġi ddepożitat taħt il-faċilità jrid jiġi ddikjarat.

M'hemmx limitu għall-ammont li l-kontroparti tista' tiddepożita taħt il-faċilità.

(d) Termini tal-maturità u ta' l-interessi

Il-maturità tad-depożiti taħt il-faċilità hija *overnight*. Għall-kontropartijiet li qegħdin jipparteċipaw direttament fit-TARGET, id-depożiti miżmuma taħt il-faċilità jimmaturaw fil-ġurnata ta' wara li s-sistema nazzjonali relevanti ta' l-RTGS tibda topera, fil-ħin li fih tiftaħ is-sistema. Ir-rata ta' l-interessi tiġi mħabbra minn qabel mis-sistema ta' l-euro u hija kkalkulata bħala rata ta' l-interessi sempliċi bid-*day-count convention* "attwali/360". L-ECB jista' jibdel ir-rata ta' l-interessi f'kull ħin, b'effett mhux aktar kmieni mill-ġurnata tan-negozju tas-sistema ta' l-euro li jkun imiss. L-interess fuq id-depożiti jitħallas mal-maturità tad-depożitu.

(e) Sospensjoni tal-faċilità

L-aċċess għall-faċilità jingħata biss skond l-oġġettivi u l-konsiderazzjonijiet ġenerali tal-politika monetarja ta' l-ECB. L-ECB jista' jadatta l-kondizzjonijiet tal-faċilità jew jissospendieha f'kull ħin.

KAPITOLU 5

# 5. PROĊEDURI

## 5.1. Proċeduri għas-sejħiet għall-offerti

### 5.1.1. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

Operazzjonijiet tas-suq miftuħ tas-sistema ta' l-euro normalment huma esegwiti fil-forma ta' proċeduri għas-sejħiet għall-offerti. Il-proċeduri għas-sejħiet għall-offerti tas-sistema ta' l-euro isiru f'sitt stadji operazzjonali, kif speċifikat f'Kaxxa 3.

Is-sistema ta' l-euro tiddistingwi bejn żewġ tipi differenti ta' sejħiet għall-offerti: sejħiet għall-offerti standard u sejħiet għall-offerti mgħaġġla. Il-proċeduri għal sejħiet għall-offerti standard u mgħaġġla huma identiċi ħlief għall-perijodu ta' żmien u l-firxa ta' kontropartijiet.

([22]) Minħabba l-eżistenza ta' strutturi tal-kontijiet differenti fil-banek ċentrali nazzjonali, il-BĊE jista' jħalli lill-banek ċentrali nazzjonali japplikaw kondizzjonijiet għall-aċċess li huma ftit differenti minn dawk imsemmija hawn. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe devjazzjoni ta' dan it-tip mill-kondizzjonijiet ta' l-aċċess deskritti f'dan id-dokument.

([23]) F'uħud mill-Istati Membri, il-bank ċentrali nazzjonali (jew uħud mill-fergħat tiegħu) jista' ma jkunx miftuħ għall-iskop li jmexxi operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Eurosystem f'ċerti ġranet tan-negozju ta' l-Eurosystem minħabba vaganzi tal-bank nazzjonali jew reġjonali. F'dawn il-każijiet, il-bank ċentrali nazzjonali relevanti huwa responsabbli li jinforma lill-kontropartijiet minn qabel dwar l-arranġamenti li għandhom isiru għall-aċċess tal-faċilità tad-depożitu fir-rigward tal-vaganza tal-bank.

([24]) Il-ġranet ta' l-għeluq tat-TARGET huma mħabbra fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int); ara ukoll is-sit ta' l-Eurosystem (Anness 5).

KAXXA 3

**Stadji operazzjonali għall-proċeduri għas-sejħiet għall-offerti**

**Step 1** **Dikjarazzjoni tas-sejħa għall-offerti**

a. Dikjarazzjoni mill-ECB permezz ta' servizzi pubbliċi tax-xandir

b. Dikjarazzjoni mill-banek ċentrali nazzjonali permezz ta' servizzi nazzjonali tax-xandir u direttament lill-kontropartijiet individwali (jekk meqjus neċessarju)

**Step 2** **Il-preparazzjoni tal-kontropartijiet u s-sottomissjoni ta' l-offerti**

**Step 3** **Ġabra ta' offerti mis-sistema ta' l-euro**

**Step 4** **Allokazzjoni tas-sejħiet għall-offerti u dikjarazzjoni tar-riżultati tas-sejħiet għall-offerti**

a. Deċiżjoni ta' l-allokazzjoni mill-ECB

b. Dikjarazzjoni tar-riżultat ta' l-allokazzjoni

**Step 5** **Ċertifikazzjoni tar-riżultati ta' allokazzjoni individwali**

**Step 6** **Risolviment tat-transazzjonijiet** (ara Sezzjoni 5.3)

(a) Sejħiet għall-offerti standard

Għal sejħiet għall-offerti standard, massimu ta' 24 siegħa jridu jgħaddu mid-dikjarazzjoni tas-sejħa għall-offerti saċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat ta' l-allokazzjoni (fejn il-ħin bejn l-għeluq taż-żmien għas-sottomissjoni u d-dikjarazzjoni tar-riżultat ta' l-allokazzjoni huwa bejn wieħed u ieħor ta' sagħtejn). Ċart 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-perijodu normali ta' ħin għall-istadji operazzjonali għal sejħiet għall-offerti standard. L-ECB jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-perijodu ta' ħin f'operazzjonijiet individwali, jekk dan jitqies xieraq.

L-operazzjonijiet ewlenin għall-iffinanzjar mill-ġdid, l-operazzjonijiet għall-iffinanzjar mill-ġdid fuq terminu itwal u l-operazzjonijiet strutturali (bl-eċċezzjoni ta' transazzjonijiet li jsiru f'daqqa) dejjem jiġu esegwiti fil-forma ta' sejħiet għall-offerti standard. Il-kontropartijiet li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità speċifikati f'Sezzjoni 2.1 jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti standard.

ĊART 1

**Il-perijodu ta' ħin normali għall-istadji operazzjonali għal sejħiet għall-offerti standard**

*(il-ħinijiet huma ddikjarati f'ħin ta' l-ECB (C.E.T.))*




*Nota:* Il-figuri jirreferu għall-istadji operazzjonali kif definiti f'Kaxxa 3.

(b) Sejħiet għall-offerti mgħaġġla

Sejħiet għall-offerti mgħaġġla normalment huma esegwiti fi żmien siegħa mit-tħabbir tas-sejħa għall-offerti, biċ-ċertifikazzjoni sseħħ immedjetament wara t-tħabbir tar-riżultat għall-allokazzjoni. Il-perijodu ta' żmien normali għall-istadji operazzjonali għas-sejħiet għall-offerti mgħaġġla huwa speċifikat f'Ċart 2. L-ECB jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-perijodu ta' żmien f'operazzjonijiet individwali, jekk dan jitqies xieraq. Sejħiet għall-offerti mgħaġġla jintużaw biss biex jitwettqu operazzjonijiet ta' tibdiliet żgħar. Is-sistema ta' l-euro tista' tagħżel, skond il-kriterji u l-proċeduri speċifikati f'Sezzjoni 2.2, numru limitat ta' kontropartijeit biex jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti mgħaġġla.

ĊART 2

**Perijodu ta' żmien normali għall-istadji operazzjonali ta' sejħiet mgħaġġla**




*Nota:* Il-figuri jirreferu għall-istadji operazzjonali kif definiti f'Kaxxa 3.

(c) Sejħiet għall-offerti b'rata fissa u b'rata varjabbli

Is-sistema ta' l-euro għandha l-għażla li tidderieġi kemm sejħiet għall-offerti b'rata fissa (volum) jew b'rata varjabbli (interess). F'sejħa għall-offerti b'rata fissa, l-ECB jispeċifika r-rata ta' l-interess minn qabel u l-kontropartijiet li qegħdin jipparteċipaw joffru l-ammont ta' flus li jridu biex jittransiġu bir-rata ta' interess fissa ([25]). F'sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, il-kontropartijiet joffru l-ammonti ta' flus u r-rati ta' interess li bihom huma jridu jidħlu fi transazzjonijiet mal-banek ċentrali nazzjonali ([26]).

5.1.2. *Kalendarju għall-operazzjonijiet ta' sejħiet għall-offerti*

(a) Operazzjonijiet ewlenin u fuq perijodu itwal ta' iffinanzjar mill-ġdid

L-operazzjonijiet ewlenin u fuq perijodu itwal ta' iffinanzjar mill-ġdid huma esegwiti skond il-kalendarju indikattiv ippubblikat mis-sistema ta' l-euro ([27]). Il-kalendarju hu ppubblikat ta' l-anqas tliet xhur qabel il-bidu tas-sena li fiha jkun validu. Il-ġranet normali ta' negozju għall-operazzjonijiet ewlenin u fuq perijodu itwal ta' iffinanzjar mill-ġdid huma speċifikati f'Kaxxa 2. L-ECB għandu l-għan li jassigura li l-kontropartijiet fl-Istati Membri kollha jistgħu jipparteċipaw fl-operazzjonijiet ewlenin u fuq perijodu itwal ta' iffinanzjar mill-ġdid. Għalhekk, waqt il-ġabra tal-kalendarju għal dawn l-operazzjonijiet, l-ECB jagħmel aġġustamenti xierqa lill-iskeda normali biex jieħu kont tal-ġranet ta' vaganzi fl-Istati Membri individwali.

([25]) Fl-offerti ta' tibdil ta' skambji ma' barra b'rata fissa, il-BĊE jiffissa l-punti tat-tibdil ta' l-operazzjoni u l-kontropartijiet joffru l-ammont tal-munita miżmuma fissa li huma jixtiequ jbiegħu (u jixtru lura) jew jixtru (u jbiegħu lura) b'dik ir-rata.

([26]) Fl-offerti ta' tibdil ta' skambji ma' barra b'rata varjabbli, il-kontropartijiet joffru l-ammont tal-munita miżmuma fissa u l-kwotazzjoni tal-punti tat-tibdil li fihom jixtiequ jidħlu fl-operazzjoni

([27]) Il-kalendarju għall-operazzjonijiet ta' l-offerti ta' l-Eurosystem jista' jinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int); ara ukoll is-siti ta' l-Eurosystem (Anness 5).

KAXXA 2

**Ġranet normali tan-negozju għall-operazzjonijiet ewlenin u fuq perijodu itwal ta' iffinanzjar mill-ġdid**

| Tip ta' operazzjoni | Ġurnata normali tan-negozju (T) |
|---|---|
| Operazzjonijiet ewlenin għall-iffinanzjar mill-ġdid | Kull nhar ta' Tlieta |
| Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq perijodu itwal | L-aħħar Erbgħa ta' kull xahar (1) |

(1) Minħabba fil-perijodu tal-Milied, l-operazzjoni ta' Diċembru titressaq "il quddiem b" ġimgħa normalment i.e. għall-Erbgħa ta' qabel ta' dak ix-xahar.

(b) Operazzjonijiet strutturali

Operazzjonijiet strutturali, permezz ta' offerta standard ma jsirux skond kalendarju speċifikat minn qabel. Madankollu, normalment jitmexxew u jiġu riżolti biss f'jiem ta' xogħol tal-BĊN ([28]) fl-Istati Membri kollha.

(c) Operazzjonijiet ta' irfinar

Operazzjonijiet ta' irfinar ma jsirux skond kalendarju speċifikat minn qabel. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jmexxi operazzjonijiet ta' irfinar fi kwalunkwe jum ta' xogħol tal-eurosistema. Huma biss il-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri fejn il-jum ta' negozju, il-jum li fih jiġu riżolti l-operazzjonijiet u l-jum ta' rifużjoni huma jiem ta' xogħol tal-BĊN, li jipparteċipaw f'operazzjonijiet bħala dawn.

5.1.3. *It-tħabbir ta' operazzjonijiet ta' l-offerti*

L-offerti standard tal-eurosistema jitħabbru pubblikament permezz ta' servizzi bil-fili. Barra minn hekk, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu javżaw lil kontropartijiet bl-operazzjoni tal-offerta mingħajr ma jagħmlu użu mis-servizzi bil-fili. Il-messaġġ ta' l-offerta normalment ikun jinkludi fih l-informazzjoni li ġejja:

– in-numru ta' referenza ta' l-operazzjoni ta' l-offerta;

– id-data ta' l-operazzjoni ta' l-offerta;

– it-tip ta' l-operazzjoni (proviżjon jew assorbiment tal-likwidità u t-tip ta' l-istrument ta' politika monetarja li se jintuża);

– il-maturià ta' l-operazzjoni;

– it-tip ta' l-irkant (sejħa għall-offerti b' rata fissa jew rata varjabbli);

– il-metodu ta' l-allokazzjoni (irkant "Olandiż" jew "Amerikan", kif spjegat f'Taqsima 5.1.5 d);

– il-volum intenzjonat ta' l-operazzjoni (normalment dan japplika biss fil-każ ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid għal żmien twil);

– il-punt fiss tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax ta' l-offerta (fil-każ ta' offerti b' rata fissa);

– il-punt minimu/massimu aċċettat tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax (jekk applikabbli);

– id-data tal-bidu u d-data tal-maturità ta' l-operazzjoni (jekk applikabbli) jew id-data tal-valur u d-data tal-maturità ta' l-istrument (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu);

– il-muniti involuti u l-munita, li l-ammont tagħha jinżamm fiss (fil-każ ta' skambju b' kambju ta' muniti barranin);

([28]) F'kull parti ta' dan id-dokument, it-terminu "ġurnata tan-negozju tal-BĊN" jirreferi għal kwalunkwe ġurnata li fih il-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru speċifiku jkun miftuħ għall-iskop li jmexxi operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Eurosystem. F'uħud mill-Istati Membri, fergħat tal-bank ċentrali nazzjonali jistgħu jkunu magħluqin fil-ġranet tan-negozju tal-BĊN minħabba vaganzi tal-bank nazzjonali jew reġjonali. F'dawn il-każijiet, il-bank ċentrali nazzjonali relevanti huwa responsabbli li jinforma lill-kontropartijiet minn qabel dwar l-arranġamenti li għandhom isiru għat-transazzjonijiet li jinvolvu dawn il-fergħat

– ir-rata tal-kambju ta' referenza li tkun se tintuża għall-kalkolu ta' l-offerti (fil-każ ta' skambju b' kambju ta' muniti barranin);

– il-limitu massimu ta' l-offerta (jekk hemm);

– l-ammont minimu ta' l-allokazzjoni individwali (jekk hemm);

– ir-razzjon minimu ta' l-allokazzjoni (jekk hemm);

– l-iskeda taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti;

– id-denominazzjoni taċ-ċertifikati (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu); u

– il-kodiċi ISIN tal-ħarġa (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu).

Bil-għan li tittejjeb it-trasparenza fl-operazzjonijiet tagħha ta' irfinar, l-Ewrosistema normalment tħabbar offerti mgħaġġla bil-quddiem. Madankollu, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, il-B¬E jista' jiddeċiedi li ma jħabbarx offerti mgħaġġla pubblikament bil-quddiem. It-tħabbir ta' offerti mgħaġġla isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-offerti standard. F'offerta mgħaġġla, irrispettivament minn jekk titħabbarx pubblikament jew le, il-kontropartijiet magħżula jiġu kkuntatjati direttament mill-bank ċentrali nazzjonali.

5.1.4. *Il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' l-offerti għall-offerta mill-kontropartijiet*

L-offerti għall-offerta mill-kontropartijiet għandha tkun fil-forma li ssegwi l-eżempju tal-pro forma pprovduta mill-bank ċentrali nazzjonali għall-operazzjoni relevanti. L-offerti għall-offerta għandhom ikunu sottomessi lill-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li fih hija stabbilita l-istituzzjoni (l-uffiċċju ewlieni jew fergħa). L-offerti għall-offerta ta' istituzzjoni jistgħu jiġu sottomessi biss minn stabbiliment wieħed (jew l-uffiċċju ewlieni jew il-fergħa appuntata) f'kull Stat Membru.

F'offerti a' rata fissa, ifl-offerti tagħhom il-kontropartijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' flus li huma lesti li jinnegozjaw mill-banek ċentrali nazzjonali ([29]).

F'offerti b' rata varjabbli, il-kontropartijiet jistgħu jissottomettu l-offerti għal mhux aktar minn għaxar livelli ta' punti ta' rati/prezz/skambju ta' imgħax. F'kull offerta, għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' flus li huma lesti li jinnegozjaw mal-banek ċentrali nazzjonali u r-rata ta' l-imgħax rispettiva ([30]), ([31]). L-offerta tar-rati ta' l-imgħax għandha tkun espressa bħala multipli ta' 0,01 punti perċentwali. Fil-każ ta' offerta ta' skambju b' rata varjabbli ta' kambju b' muniti barranijn, il-punti ta' l-iskambju għandhom jiġu kkwotati skond il-konvenzjonijiet standard tas-suq u l-offerti għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' 0,01 punti ta' skambju.

Għall-operazzjonijiet ewlenin ta' finanzjament mill-ġdid, l-ammont minimu ta' l-offerta huwa EUR 1 000 000 Offerti li jeċċedu dan l-ammont għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' EUR 100 000. Għandhom jiġu applikati l-istess offerta minima u l-istess ammonti multipli fl-operazzjonijiet ta' irfinar u strutturali. L-ammont minimu ta' l-offerta jiġi applikat għal kull livell individwali ta' punti ta' rati/prezz/skambju ta' imgħax.

Għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid għal żmien twil, kull bank ċentrali nazzjonali jiddefinixxi ammont minimu għal offerta li jvarja minn EUR 10 000 sa EUR 1 000 000. Offerti li jeċċedu l-ammont minimu definit għandhom ikunu espressi f'multipli ta' EUR 10 000. L-ammont minimu ta' l-offerta jiġi applikat għal kull livell individwali ta' rata ta' l-imgħax.

Il-BĊE jistgħu jimponu limitu massimu għal offerta sabiex jevitaw offerti sproporzjonalment kbar. Kwalunkwe limitu massimu bħal dan ikun dejjem speċifikat fil-messaġġ tat-tħabbir tal-offerta pubblika.

Il-kontropartijiet huma mistennija li jkunu dejjem f'posizzjoni li jkopru l-ammonti allokati lilhom b' ammont suffiċjenti ta' attiv eliġibbli primarju ([32]). L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv jippermettu l-imposizzjoni ta' penalitajiet jekk xi kontroparti ma tkunx tista' tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' attiv primarju jew flus kontanti biex tħallas l-ammont li tkun ġiet allokata fl-operazzjoni tal-offerta.

([29]) Fit-tibdil ta' skambji ma' barra b'rata fissa, l-ammont tal-munita miżmuma fissa li l-kontroparti tixtieq tinnegozja ma' l-Eurosystem għandu jkun iddikjarat.

([30]) Rigward il-ħruġ taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE, il-BĊE jista' jiddeċiedi li l-offerti jkunu espressi f'forma ta' prezz minflok rata ta' interess. F'dawn il-każijiet, il-prezzijiet għandhom ikunu kkwotati bħala persentaġġ ta' l-ammont nominali.

([31]) Fit-tibdil ta' skambji ma' barra b'rata varjabbli, l-ammont tal-munita miżmuma fissa li l-kontroparti tixtieq tinnegozja ma' l-Eurosystem u l-livell tal-punt tat-tibdil rispettiv għandhom ikunu ddikjarati.

([32]) Jew li jkunu ssetiljati bi flus kontanti f'każ ta' operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

L-offerti huma revokabbli sad-data finali li fiha jistgħu jiġu sottomessi l-offerti għall-offerta. Offerti sottomessi wara id-data finali speċifikata fil-messaġġ tat-tħabbir tal-offerta huma nvalidi. Ir-rispett tat-data finali jiġu ġġudikat mill-banek ċentrali nazzjonali. Il-banek ċentrali nazzjonali m' għandhomx jaċċettaw l-offerti kollha ta' xi kontroparti jekk l-ammont aggregat ta' l-offerti jeċċedi kwalunkwe limitu massimu stabbilit mill-BĊE. Il-banek ċentrali nazzjonali m' għandhomx jaċċettaw ukoll kwalunkwe offerta li tkun taħt l-ammont minimu għall-offerta jew li jkun aktar minn kwalunkwe punt massimu aċċettat ta' rata ta' imgħax/prezz/skambju. Barra minn hekk, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu ma jaċċettawx offerti li ma jkunux kompluti jew li ma jsegwux l-eżempju tal-pro forma. Jekk offerta ma tiġix aċċettata, il-bank ċentrali nazzjonali rispettiv jinforma lill-kontroparti bid-deċiżjoni tiegħu qabel l-allokazzjoni tal-offerta.

5.1.5. *Il-proċeduri ta' l-allokazzjoni ta' offerta*

(a) Operazzjonijiet ta' offerta ta' rata fissa

Fl-allokazzjoni ta' offerta ta' rata fissa, l-offerti riċevuti mill-kontropartijiet jingħaddu flimkien. Jekk l-ammont aggregat ta' l-offerta jeċċedi l-ammont totali tal-likwidità li trid tiġi allokata, l-offerti sottomessi jintlaqgħu pro rata, skond ir-razzjon ta' l-ammont allokat għall-ammont aggregat ta' l-offerta (ara Kaxxa 4). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi rranġat sa l-eqreb euro. Madankollu, il-BĊE jistgħu jiddeċiedu li jallokaw razzjon minimu/massimu lil kull offertant f'offerti ta' rata fissa.

KAXXA 4

**Allokazzjoni ta' offerti ta' rata fissa**

Fejn:

A = l-ammont totali allokat

n = in-numru totali tal-kontropartijiet

$a_i$ = l-ammont totali ta' l-offerta ta' l-*ith* kontroparti

all% = il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni

$all_i$ = l-ammont totali allokat lill-*ith* kontroparti

Il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni huwa:

$$all\% = \frac{A}{\sum_{i=1}^{n} a_i}$$

L-ammont allokat lill-*ith* kontroparti huwa:

$$all_i = all\% \times (a_i)$$

(b) Offerti ta' rata varjabbli f'euro

Fl-allokazzjoni ta' offerti ta' rata varjabbli li jipprovdu likwidità f'euro, l-offerti jiġu elenkati f'ordni diminuttiva skond ir-rati ta' l-imgħax offruti. Offerti bl-ogħla livelli ta' rati ta' imgħax jintlaqgħu l-ewwel u sussegwentament offerti b' rati suċċessivament aktar baxxi ta' imgħax jiġu aċċettati sakemm tkun esawrita il-likwidità totali li għandha tiġi allokata. Jekk, fl-anqas livell ta' rata ta' imgħax aċċettat (i.e. ir-rata ta' l-imgħax marġinali), l-ammont aggregat ta' l-offerta jeċċedi l-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat, il-bqija ta' l-ammont jiġi allokat pro rata fost l-offerti skond ir-razzjon tal-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat għall-ammont totali ta' l-offerta skond ir-rata ta' l-imgħax marġinali (ara Kaxxa 5). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi rranġat sa l-eqreb euro.

KAXXA 5

**Allokazzjoni ta' offerti ta' rata varjabbli f'euro**

*(l-eżempju jirreferi għal offerti ikkwotati fil-forma ta' rati ta' imgħax)*

Fejn:

A = l-ammont totali allokat

$r_s$ = l-*sth* offerta ta' rata ta' imgħax mill-kontropartijiet

n = in-numru totali tal-kontropartijiet

$a(r_s)_i$ = l-ammont ta' l-offerta fl-*sth* rata ta' imgħax ($r_s$) mill-*ith* kontroparti

$a(r_s)$ = l-ammont totali ta' l-offerta fl-*sth* rata ta' imgħax ($r_s$)

$$a(r_s) = \sum_{i=1}^{n} a(r_s)_i$$

$r_m$ = ir-rata ta' l-imgħax marġinali

$r_1 \geq r_s \geq r_m$ għal offerta li tipprovdi l-likwidità

$r_m \geq r_s \geq r_1$ għal offerta li tassorbi l-likwidità

$r_{m-1}$ = ir-rata ta' l-imgħax qabel ir-rata ta' l-imgħax marġinali (l-aħħar rata ta' imgħax li biha l-offerti jintlaqgħu kollha)

$r_{m-1} > r_m$ għal offerta li tipprovdi l-likwidità

$r_m > r_{m-1}$ għal offerta li tassorbi l-likwidità

$all\%(r_m)$ = il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni skond ir-rata ta' l-imgħax marġinali

$all(r_s)_i$ = l-allokazzjoni lill-*ith* kontroparti fl-*sth* rata ta' imgħax

$all_i$ = l-ammont totali allokat lill-*ith* kontroparti

Il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni skond ir-rata ta' l-imgħax marġinali hija

$$all\%(r_m) = \frac{A - \sum_{s=1}^{m-1} a(r_s)}{a(r_m)}$$

L-allokazzjoni ta' l-*ith* kontroparti skond ir-rata ta' l-imgħax marġinali hija:

$$all(r_m)_i = all\%(r_m) \times a(r_m)_i$$

L-ammont totali allokat lill-*ith* kontroparti huwa:

$$all_i = \sum_{s=1}^{m-1} a(r_s)_i + all(r_m)_i$$

Fl-allokazzjoni ta' offerti b' rata varjabbli li jassorbu likwidità (li jistgħu jintużaw għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu u l-ġbir ta' depożiti b' termini fissi), l-offerti jiġu elenkati f'ordni li tiżdied skond ir-rati ta' l-imgħax offruti (jew f'ordni diminuttiva skond il-prezzijiet offruti). L-offerti bl-anqas livelli ta' rati ta' imgħax (l-ogħla prezz) jintlaqgħu l-ewwel u sussegwentament offerti b' rati suċċessivament aktar għolja ta' imgħax (offerti bi prezz baxx) jiġu aċċettati sakemm tkun esawrita il-likwidità totali li għandha tiġi allokata. Jekk, fl-ogħla livell ta' rata ta' imgħax (l-anqas prezz) aċċettat (i.e. ir-rata/prezz ta' l-imgħax marġinali), l-ammont aggregat ta' l-offerta jeċċedi l-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat, il-bqija ta' l-ammont jiġi allokat pro rata fost l-offerti skond ir-razzjon tal-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat

għall-ammont totali ta' l-offerta skond ir-rata/prezz ta' l-imgħax marġinali (ara Kaxxa 5). Għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu, l-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi rranġat sa l-eqreb multiplu tad-denominazzjoni taċ-ċertifikati ta' debitu. Għal operazzjonijiet oħra li jassorbu likwidità, l-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi rranġat sa l-eqreb euro.

Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont minimu lil kull offertant aċċettat f'offerti ta' rata varjabbli.

(c) Offerti ta' skambju f'kambju ta' muniti barranin b' rata varjabbli

Fl-allokazzjoni ta' offerti ta' skambju f'kambju ta' muniti barranin b' rata varjabbli li jipprovdu likwidità, l-offerti jiġu elenkati f'ordni li tiżdied skond il-kwotazzjonijiet tal-punti ta' skambju ([33]). L-offerti bl-anqas kwotazzjonijiet tal-punti ta' skambju jintlaqgħu l-ewwel u sussegwentament kwotazzjonijiet b' punti suċċessivament aktar għolja ta' skambju jiġu aċċettati sakemm ikun esawrit l-ammont totali tal-munita fissa li għandha tiġi allokata. Jekk, fl-ogħla kwotazzjoni ta' punt ta' skambju aċċettat (jiġifieri l-kwotazzjoni ta' punt ta' skambju marġinali), l-ammont aggregat ta' l-offerta jeċċedi l-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat, il-bqija ta' l-ammont jiġi allokat pro rata fost l-offerti skond ir-razzjon tal-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat għall-ammont totali ta' l-offerta skond il-kwotazzjoni ta' punt ta' skambju marġinali (ara Kaxxa 6). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi rranġat sa l-eqreb euro.

KAXXA 6

**Allokazzjoni ta' offerti ta' skambju f'kambju ta' muniti barranin b' rata varjabbli**

Kde:

A = l-ammont totali allokat

$\Delta_s$ = l-*sth* offerta tal-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju mill-kontropartijiet

n = in-numru totali tal-kontropartijiet

$a(\Delta_s)_i$ = l-ammont ta' l-offerta fl-*sth* kwotazzjoni tal-punt ta' skambju ($\Delta_s$) mill-*ith* kontroparti

$a(\Delta_s)$ = l-ammont totali ta' l-offerta fl-*sth* kwotazzjoni tal-punt ta' skambju ($\Delta_s$)

$$a(\Delta_s) = \sum_{i=1}^{n} a(\Delta_s)_i$$

$\Delta_m$ = il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju marġinali

$\Delta_m \geq \Delta_s \geq \Delta_1$ għal skambju b' kambju ta' muniti barranin li jipprovdi likwidità

$\Delta_1 \geq \Delta_s \geq \Delta_m$ għal skambju b' kambju ta' muniti barranin li jassorbi likwidità

$\Delta_{m-1}$ = il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju qabel il-il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju marġinali (l-aħħar kwotazzjoni tal-punt ta' skambju li fih l-offerti jintlaqgħu kollha:

$\Delta_m > \Delta_{m-1}$ għal skambju b' kambju ta' muniti barranin li jipprovdi likwidità

$\Delta_{m-1} > \Delta_m$ għal skambju b' kambju ta' muniti barranin li jassorbi likwidità

$all\%(\Delta_m)$ = il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni skond il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju marġinali

$all(\Delta_s)_i$ = l-allokazzjoni lill-*ith* kontroparti fl-*sth* kwotazzjoni tal-punt ta' skambju

$all_i$ = l-ammont totali allkat lill-*ith* kontroparti

([33]) Kwotazzjonijiet tal-punti tat-tibdil huma mniżżla f'ordni li tiżdied b'konsiderazzjoni għas-sinjal tal-kwotazzjoni, li jiddependi fuq is-sinjal tar-rata ta' l-interess differenzali bejn il-munita barranija u l-euro. Jekk, għall-maturità tal-bidla, ir-rata ta' l-interess tal-munita barranija hija għola mir-rata ta' l-interess korrispondenti għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt tat-tibdil hija pożittiva (jiġifieri l-euro tkun kwotata iżjed mill-valur tal-munita barranija). Bil-maqlub, jekk ir-rata ta' l-interess tal-munita barranija hija inqas mir-rata ta' l-interess korrispondenti għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt tat-tibdil hija negattiva (jiġifieri l-euro tkun kwotata inqas mill-valur tal-munita barranija).

Il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni skond il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju marġinali huwa:

$$all\%(\Delta_m) = \frac{A - \sum_{s=1}^{m-1} a(\Delta_s)}{a(\Delta_m)}$$

L-allokazzjoni lill-*ith* kontroparti skond il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju marġinali hija:

$$all(\Delta_m)_i = all\%(\Delta_m) \times a(\Delta_m)_i$$

L-ammont totali allokat lill-*ith* kontroparti huwa:

$$all_i = \sum_{s=1}^{m-1} a(\Delta_s)_i + all(\Delta_m)_i$$

Fl-allokazzjoni ta' offerti ta' skambju f'kambju ta' muniti barranin b' rata varjabbli li jassorbu likwidità, l-offerti jiġu elenkati f'ordni diminuttiva skond il-kwotazzjonijiet tal-punti ta' skambju. L-offerti bl-ogħla kwotazzjonijiet tal-punti ta' skambju jintlaqgħu l-ewwel u sussegwentament kwotazzjonijiet b' punti suċċessivament aktar baxxi ta' skambju jiġu aċċettati sakemm ikun esawrit l-ammont totali tal-munita fissa li għandha tiġi assorbita. Jekk, fl-anqas kwotazzjoni ta' punt ta' skambju aċċettat (i.e. il-kwotazzjoni ta' punt ta' skambju marġinali), l-ammont aggregat ta' l-offerta jeċċedi l-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat, il-bqija ta' l-ammont jiġi allokat pro rata fost l-offerti skond ir-razzjon tal-bqija ta' l-ammont li għandu jkun allokat għall-ammont totali ta' l-offerta skond il-kwotazzjoni ta' punt ta' skambju marġinali (ara Kaxxa 6). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi rranġat sa l-eqreb euro.

(d) It-tip ta' irkant

Għal offertita' rata varjabbli, l-Ewrosistema tista' tapplika proċeduri ta' irkant jew b' rata waħda jew b' rata multipla. F'irkant b' rata waħda (irkant Olandiż), il-punt tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax ta' l-allokazzjoni applikat għal kull offerta milqugħa ikun ugwali għall-punt tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax marġinali (i.e. dak il-punt li fih tiġi eżawrita l-allokazzjoni totali). F'irkant b' rata multipla (irkant Amerikan), il-punt tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax ta' l-allokazzjoni ikun ugwali għall-punt tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax offrut għal kull offerta individwali.

5.1.6. *Tħabbir tar-riżultati tal-offerta*

Ir-riżultati tal-offerti standard u mgħaġġla jitħabbru pubblikament permezz ta' servizzi bil-fili. Barra minn hekk, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu javżaw lil kontropartijiet direttament bir-riżultat ta' l-allokazzjoni mingħajr ma jagħmlu użu mis-servizzi bil-fili. Il-messaġġ tar-riżultat tal-offerta normalment ikun jinkludi fih l-informazzjoni li ġejja:

– in-numru ta' referenza ta' l-operazzjoni tal-offerta;

– id-data ta' l-operazzjoni tal-offerta;

– it-tip ta' l-operazzjoni;

– il-maturià ta' l-operazzjoni;

– l-ammont totali ta' l-offerta mill-kontropartijiet tal-eurosistema;

– in-numru ta' l-offertanti;

– il-muniti involuti (fil-każ ta' skambju b' kambju ta' muniti barranin);

– l-ammont totali allokat;

– il-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni (fil-każ ta' offerti b' rata fissa);

– ir-rata tal-kambju (fil-każ ta' skambju b' kambju ta' muniti barranin);

– il-punt tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax marġinali aċċettat u l-perċentaġġ ta' l-allokazzjoni skond il-punt tar-rata/prezz/skambju ta' l-imgħax marġinali (fil-każ ta' offerti b' rata varjabbli);

– ir-rata minima ta' l-offerta, ir-rata massima ta' l-offerta u r-rata ta' l-allokazzjoni tal-medja miżuna (fil-każ ta' irkant b' rata multipla);

– id-data tal-bidu u d-data tal-maturità ta' l-operazzjoni (jekk applikabbli) jew id-data tal-valur u d-data tal-maturità ta' l-istrument (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu);

– il-limitu massimu ta' l-offerta (jekk hemm);

– l-ammont minimu ta' l-allokazzjoni individwali (jekk hemm);

– ir-razzjon minimu ta' l-allokazzjoni (jekk hemm);

– id-denominazzjoni taċ-ċertifikati (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu); u

– il-kodiċi ISIN tal-ħarġa (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu).

Il-banek ċentrali nazzjonali jiċċertifikaw direttament ir-riżultat ta' l-allokazzjoni individwali lill-kontropartijiet li l-offerta tagħhom tkun aċċettata.

5.2. **Proċeduri għal operazzjonijiet bilaterali**

(a) Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jesegwixxu operazzjonijiet fuq il-bażi ta' proċeduri bilaterali ([34]). Dawn il-proċeduri jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet ta' irfinar f'suq miftuħ jew operazzjonijiet direttament strutturali. Dawn huma definiti b' sens wiesgħa bħala kwalunkwe proċeduri li bihom l-Ewrosistema tmexxi operazzjoni ma' kontroparti jew xi kontropartijiet mingħajr offerta. F'dan il-kuntest, jiddistingwu ruħhom żewġ tipi differenti ta' proċeduri bilaterali: operazzjonijiet fejn il-kontropartijiet jiġu kkuntattjati direttament mill-Ewrosistema, u operazzjonijiet esegwiti permezz ta' aġenti tal-borża jew tas-suq.

(b) Kuntatt dirett mal-kontropartijiet

F'din il-proċedura, il-banek ċentrali nazzjonali jikkuntattjaw direttament ma' kontroparti jew xi kontropartijiet domestiċi, li jintgħażlu skond il-kriterji speċifikati f'Taqsima 2.2. Skond l-istruzzjonijiet preċiżi mogħtija mill-BĊE, il-banek ċentrali nazzjonali jiddeċiedu jekk jidħlux f'patt mal-kontropartijiet. L-operazzjonijiet jiġu riżolti mill-banek ċentrali nazzjonali.

Jekk il-Kunsill Governattiv tal-BĊE kellu jiddeċiedi li, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, l-operazzjonijiet bilaterali jistgħu jiġu esegwiti mill-BĊE innifsu (jew minn wieħed jew aktar mill-banek ċentrali nazzjonali li jaġixxi/u bħala l-id operattiva tal-BĊE), il-proċeduri għal operazzjonijiet bħala dawn jiġu adottati skond il-każ. F'dan il-każ, il-BĊE (jew il-bank/banek ċentrali nazzjonali li jaġixxi/u bħala l-id operattiva tal-BĊE) jikkuntattja direttament lil wieħed jew aktar mill-kontropartijiet fiż-żona tal-euro, magħżula skond il-kriterji speċifikati fit-Taqsima 2.2. Il-BĊE (jew il-bank/banek ċentrali nazzjonali li jaġixxi/u bħala l-id operattiva tal-BĊE) jiddeċiedi jekk jidħolx f'patt mal-kontropartijiet. L-operazzjonijiet xorta jiġu riżolti b' mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali.

L-operazzjonijiet bilaterali permezz ta' kuntatt dirett mal-kontropartijiet jistgħu jiġu applikati għal operazzjonijiet irrivertiti, operazzjonijiet diretti, skambju b' kambju ta' muniti barranin u u l-ġbir ta' depożiti għal żmien twil.

(c) Operazzjonijiet esegwiti permezz ta' aġenti tal-borża jew tas-suq

Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jesegwixxu operazzjonijiet diretti permezz ta' aġenti tal-borża jew tas-suq. Għal dawn l-operazzjonijiet, il-varjetà tal-kontropartijiet m' hijiex ristretta *a priori* u l-proċeduri jiġu adattati skond il-konvenzjonijiet tas-suq għall-istrumenti ta' debitu operati. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE

([34]) Il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezjonali, operazzjonijiet bilaterali ta' bidliet żgħar ta' titjib jistgħu jkunu eżegwiti mill-BĊE stess.

jiddeċiedi jekk, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, il-BĊE innifsu (jew minn wieħed jew aktar mill-banek ċentrali nazzjonali li jaġixxi/u bħala l-id operattiva tal-BĊE) jesegwixxix operazzjonijiet diretti ta' irfinar permezz ta' aġenti tal-borża jew tas-suq.

(d) Tħabbir ta' operazzjonijiet bilaterali

L-operazzjonijiet bilaterali normalment ma jitħabbrux pubblikament bil-quddiem. Barra minn hekk, il-BĊE jista' jiddeċiedi li ma jħabbarx pubblikament ir-riżultati ta' l-operazzjonijiet bilaterali.

(e) Jiem ta' xogħol

Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jmexxi operazzjonijiet bilaterali ta' irfinar fi kwalunkwe jum ta' xogħol tal-eurosistema. Huma biss il-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri fejn il-jum ta' negozju, il-jum li fih jiġu riżolti l-operazzjonijiet u l-jum ta' rifużjoni huma jiem ta' xogħol tal-BĊN, li jipparteċipaw f'operazzjonijiet bħala dawn.

Operazzjonijiet diretti bilaterali għal skopijiet strutturali normalment jitmexxew u jiġu riżolti biss f'jiem ta' xogħol tal-BĊN fl-Istati Membri kollha.

## 5.3. **Proċeduri biex jiġu riżolti l-operazzjonijiet**

### 5.3.1. *Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

Operazzjonijiet fi flus li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu tal-faċilitajiet fis-seħħ tal-eurosistema jew il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet f'suq miftuħ jiġu riżolti fuq il-kontijiet tal-kontropartijiet' mal-banek ċentrali nazzjonali (jew fuq il-kontijiet tal-banek li li jipparteċipaw fis-sistema TARGET). Operazzjonijiet fi flus jiġu riżolti biss wara (jew fil-mument ta') l-aħħar trasferiment ta' l-attiv li jattwa l-operazzjoni. Dan jimplika li l-attiv primarju jeħtieġ jew li jkun iddepożitat minn qabel f'kont ta' sigurtà fil-banek ċentrali nazzjonali jew li jitħallas fuq bażi ta' *intraday delivery-versus-payment* mal-banek ċentrali nazzjonali imsemmija. It-trasferiment ta' l-attiv primarju isir permezz tal-kontijiet tal-ħlas tat-titoli tal-kontropartijiet' ma' l-SSS li jissodisfaw l-istandards minimi tal-BĊE ([35]). Kontropartijiet mingħajr kont ta' sigurtà mal-bank ċentrali nazzjonali jew mingħajr kont tal-ħlas tat-titoli ma' SSS li jissodisfa l-istandards minimi tal-BĊE jistgħu jittrasferixxu l-attiv permezz ta' kont tal-ħlas tat-titoli jew kont ta' sigurtà ta' istituzzjoni ta' kreditu korrispondenti.

Disposizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw il-proċeduri biex jiġu riżolti l-operazzjonijiet huma spjegati fl-arranġamenti kuntrattwali applikati mill-banek ċentrali nazzjonali (jew mill-BĊE) għall-istrumenti speċifiċi tal-politika monetarja. Il-proċeduri biex jiġu riżolti l-operazzjonijiet jistgħu ikunu xi ftit differenti bejn il-banek ċentrali nazzjonali minħabba d-differenzi fil-liġijiet nazzjonali u l-prattiċi operazzjonali.

### 5.3.2. *Kif jiġu riżolti operazzjonijiet f'suq miftuħ*

Operazzjonijiet f'suq miftuħ ibbażati fuq offerti standard (i.e. operazzjonijiet ewlenin ta' finanzjament mill-ġdid, operazzjonijiet ta' finanzjament għal żmien itwal u operazzjonijiet strutturali) normalment jiġu riżolti fl-ewwel jum wara l-jum ta' negozju li fih is-sistemi RTGS relevanti kollha u l-SSS relevanti kollha jinfetħu. Bħala prinċipju, l-għan tal-eurosistema huwa li l-operazzjonijiet li jikkonċernaw l-operazzjonijiet tagħha f'suq miftuħ jiġu riżolti fl-istess żmien fl-Istati membri kollha mal-kontropartijiet kollha li jkunu pprovdew attiv primarju suffiċjenti. Madankollu, minħabba restrizzjonijiet operazzjonali u l-karatteristiċi tekniċi ta' l-SSS, il-ħin matul il-jum li fih jiġu riżolti l-operazzjonijiet f'suq miftuħ jista' jvarja tul iż-żona tal-euro. Il-ħin li fih jiġu riżolti l-operazzjonijiet ewlenin u dawk għal żmien itwal ta' finanzjament mill-ġdid normalment jikkoinċidi mal-ħin tar-rifużjoni ta' l-operazzjoni preċedenti ta' maturità korrispondenti.

L-għan tal-eurosistema huwa li l-operazzjonijiet f'suq miftuħ ibbażati fuq offerti mgħaġġla u proċeduri bilaterali jiġu riżolti fil-jum tan-negozju. Madankollu, l-Ewrosistema tista', għal raġunijiet operazzjonali, kultant tapplika dati oħra li fihom jiġu riżolti dawn l-operazzjonijiet, b' mod partikolari għal operazzjonijiet diretti (għal skopijiet ta' irfinar kif ukoll strutturali) u skambji b' kambju ta' muniti barranin (ara Tabella 3).

([35]) Id-deskrizzjoni tan-normi għall-użu ta' l-SSSs eliġibbli fiż-żona ta' l-euro u lista aġġornata tal-konnessjonijiet eliġibbli bejn dawn is-sistemi tista' tinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int).

TABELLA 3

**Dati normali li fihom jiġu riżolti l-operazzjonijiet f'suq miftuħ** ([1])

| Strument tal-politika monetarja | Data li fiha jiġu riżolti l-operazzjonijiet ibbażati fuq offerti standard | Data li fiha jiġu riżolti l-operazzjonijiet ibbażati fuq offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali |
|---|---|---|
| Operazzjonijiet irrivertiti | T+1 ([2]) | T |
| Operazzjonijiet diretti | – | Skond il-konvenzjoni tas-suq għal u |
| Ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu | T+1 | – |
| Skambji b' kambju ta' muniti barranin | – | T, T+1 jew T+2 |
| Ġbir ta' depożiti b' termini fissi | – | T |

([1]) T tirreferi għal jum tan-negozju. Id-data li fiha jiġu riżolti l-operazzjonijiet tirreferi għal jiem ta' xogħol tal-eurosistema.

([2]) Jekk id-data normali li fiha jiġu riżolti l-operazzjonijiet ewlenin jew dawk għal żmien itwal ta' finanzjament mill-ġdid tiġi f'jum ta' btala tal-bank, il-BĊE jista' jiddeċiedi li japplika jum differenti biex jiġu riżolti l-operazzjonijiet, bl-opzjoni li kol-lox jiġi riżolt fl-istess jum. Id-dati li fihom jiġu riżolti l-operazzjonijiet ewlenin jew dawk għal żmien itwal ta' finanzja-ment mill-ġdid ikunu speċifikati minn qabel fil-kalendarju ta' l-operazzjonijiet tal-offerti tal-eurosistema (ara Taqsima 5.1.2).

5.3.3. *Proċeduri ta' tmiem il-jum*

Il-proċeduri ta' tmiem il-jum huma speċifikati fid-dokumentazzjoni li tikkonċerna s-sistemi nazzjonali RTGS u s-sistema TARGET. Bħala regola ġenerali, il-ħin ta' l-għeluq għas-sistema TARGET huwa s-6 p.m. ħin tal-BĊE (C.E.T.). Ma jiġu aċċettati l-ebda ordnijiet ta' pagamenti għall-ipproċessar fis-sistemi nazzjonali RTGS wara dan il-ħin ta' l-għeluq, għalkemm il-bqija ta' l-ordnijiet tal-pagament aċċettati qabel dan il-ħin ta' l-għeluq jiġu pproċessati xorta. Talbiet mill-kontropartijiet' għall-adeżjoni fil-faċilità tas-self marġinali jew fil-faċilità tad-depożitu iridu jsiru lill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv sa' mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin ta' l-għeluq attwali tas-sistema TARGET ([36]).

Kwalunkwe bilanċi negattivi li jibqgħu fil-kontijiet li bihom jiġu riżolti l-operazzjonijiet (fis-sistemi nazzjonali RTGS) tal-kontropartijiet eliġibbli wara l-finalizzazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll ta' tmiem il-jum jiġu awto-matikament ikkunsidrati li huma talba għall-użu tal-faċilità tas-self marġinali (ara Taqsima 4.1).

IL-KAPITLU 6

## 6. ATTIV ELIĠIBBLI

### 6.1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

L-Artiklu 18.1 ta' l-Istatut ta' l-ESCB jippermetti lill-BĊE u lill-banek ċentrali nazzjonali li joperaw fis-swieq finanzjarji fix-xiri u bejgħ ta' attiv primarju direttament jew taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid u jitlob li l-operaz-zjonijiet ta' kreditu kollha tal-eurosistema ikunu bbażati fuq garanzija adegwata. Konsegwentament, l-operaz-zjonijiet kollha tal-eurosistema li jipprovdu likwidità huma bbażati fuq attiv primarju pprovdut mill-kontro-partijiet jew fil-forma ta' trasferiment tat-titlu tal-proprjetà ta' l-attiv (fil-każ ta' operazzjonijiet diretti jew fte-him ta' xiri mill-ġdid) jew fil-forma ta' garanzija mogħtija fuq attiv relevanti (fil-każ ta' self iggarantit) ([37]).

([36]) It-terminu perentorju biex jintalab aċċess għall-faċilitajiet permanenti ta' l-Eurosystem huwa pospost bi 30 minuta addizzjonali fl-aħħar ġurnata tan-negozju ta' l-Eurosystem ta' perjodu ta' manteniment tar-riservi minimi.

([37]) Operazzjonijiet tas-suq miftuħ irriversjati li jassorbu l-likwidità b'mod ċar huma ukoll ibbażati fuq l-assi tal-bażi. Għall-assi tal-bażi użati fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ irriversjati li jassorbu l-likwidità, il-kriterji ta' l-eliġibilità huma l-istess bħal dawk applikati għall-assi tal-bażi użati fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ irriversjati li jipprovdu l-likwidità. Madankollu, l-ebda qtugħ fil-valutazzjoni ma jkun applikat fl-operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

Bil-għan li l-Ewrosistema tkun protetta minn telf imġarrab mill-operazzjonijiet tagħha tal-politika monetarja, li jkun żgurat trattament ugwali tal-kontropartijiet u t-titjib ta' l-effiċjenza operazzjonali, l-attiv primarju irid jissodisfa ċertu kriterji sabiex ikun eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-eurosistema.

Huwa rikonoxxut li l-armonizzazzjoni tal-kriterji ta' eliġibilità fiż-żona kollha tal-euro tikkontribwixxi biex ikunu żgurati t-trattament ugwali u l-effiċjenza operazzjonali. Fl-istess ħin, għandha tingħata attenzjoni xierqa lid-differenzi li jeżistu fl-istruttura finanzjarja fl-Istati Membri. Għalhekk issir distiznjoni, essenzalment għal skopijiet interni tal-eurosistema, bejn żewġ kategoriji ta' attiv eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-eurosistema. Dawn iż-żewġ kategoriji huma msejħa bħala "l-ewwel saff" u "t-tieni saff" rispettivament:

– l-ewwel saff jikkonsisti fi strumenti kkumerċjati ta' debitu li jissodisfaw il-kriterji ta' l-eleġibilità uniformi fiż-żona tal-euro kollha speċifikati mill-BĊE; u

– it-tieni saff jikkonsisti f'attiv addizzjonali, ikkummerċjat u mhux ikkummerċjat, li huwa ta' importanza partikolari għas-swieq finanzjarji nazzjonali u s-sistemi bankarji u li għalihom il-kriterji ta' eliġibilità huma stabbiliti mill-banek ċentrali nazzjonali, skond il-kriterji ta' eliġibilità minimi stabbiliti mill-BĊE. Il-kriterji ta' eliġibilità speċifiċi għat-tieni saff applikati mill-banek ċentrali nazzjonali rispettivi huma suġġetti għall-approvazzjoni mill-BĊE.

Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn iż-żewġ saffi fejn jikkonċerna l-kwalità ta' l-attiv u l-eliġibilità tiegħu għat-tipi varji ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-eurosistema (ħlief għall-fatt li l-attiv tat-tieni saff normalment ma jintużax mill-Ewrosistema għal operazzjonijiet diretti). L-attiv eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-eurosistema jista' jintuża wkoll bħala attiv primarju għall-kreditu *intraday*.

L-attiv ta' l-ewwel saff u t-tieni saff huma suġġetti għal miżuri ta' kontroll ta' riskju speċifikati f'Taqsima 6.4.

Il-kontropartijiet tal-eurosistema jistgħu jużaw attiv eliġibbli fuq bażi trans konfini, i.e. jistgħu jiksbu attiv mill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih huma stabbiliti billi jużaw attiv li jinsab fi Stat Membru ieħor (ara Taqsima 6.6).

## 6.2. Attiv ta' l-ewwel saff

Il-BĊE jistabbilixxi u jżomm lista ta' l-attiv ta' l-ewwel saff. Din il-lista tkun disponibbli għall-pubbliku ([38]).

Ċertifikati ta' debitu maħruġa mill-BĊE huma imniżżla bħala attiv ta' l-ewwel saff. Ċertifikati ta' debitu maħruġa mill-banek ċentrali nazzjonali qabel l-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom jiġu nklużi wkoll fil-lista ta' l-ewwel saff.

Il-kriterji ta' eliġibilità li ġejjin japplikaw għal attiv ieħor ta' l-ewwel saff (ara wkoll Tabella 4):

– irid ikun strumenti ta' debitu li jkollhom: (a) ammont prinċipali, fiss inkondizzjonat; u (b) kupun li ma jistax jirriżulta f'ċirkolazzjoni ta' flus negattiva. B' żieda ma' dan, il-kupun għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: (i) kupun zero; (ii) kupun b' rata fissa; jew (iii) kupun b' rata li tinbidel marbut ma' referenza ta' rata ta' imgħax. Il-kupun jista' jkun marbut ma' bidla fl-iskala ta' l-emittent innifsu. Barra minn hekk, bonds li l-valur tagħhom jiddependi fuq l-inflazzjoni huma eliġibbli wkoll. Dawn il-karatteristiċi iridu jinżammu sat-tmiem ta' l-obbligazzjoni ([39]),

([38]) Din il-lista hija ppubblikata u aġġornata kuljum fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int).

([39]) Strumenti tad-dejn li jagħtu drittijiet lill-prinċipal u/jew l-interess li huma subordinati għad-drittijiet tad-detenturi ta' strumenti tad-dejn oħra ta' l-istess fornitur (jew, f'ħarġa strutturata, subordinati għal partijiet oħra ta' l-istess ħarġa) huma esklużi mill-ewwel livell.

– irid jissodisfa standards ta' kreditu għoljin. Fl-evalwazzjoni ta' l-istandard ta' kreditu ta' l-istrumenti ta' debitu, il-BĊE jikkunsidra, *inter alia*, skali disponibbli minn aġenziji tas-suq, garanziji pprovduti minn garanti finanzjarjament b' saħħithom ([40]), kif ukoll ċertu kriterji istituzzjonali li jiżguraw protezzjoni partikolarment għolja tad-detenturi ta' l-istrument ([41]). Garanzija tkun meqjusa bħala aċċettabbli jekk il-garanti ikun iggarantixxa inkondizzjonalment u rrevokabilment l-obbligazzjonijiet ta' l-emittent fejn jikkonċerna l-pagament tal-kapital, l-imgħax u kwalunkwe ammonti oħra dovuti taħt l-istrumenti ta' debitu lid-detenturi tagħhom sakemm jitħallsu kollha. Il-garanzija trid titħallas fuq l-ewwel talba (indipendentament mill-obbligazzjoni primarja tad-debitu). Garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi li għandhom id-dritt li jimponu taxxi għandha jew titħallas fuq l-ewwel talba jew inkella tieħu ħsieb il-ħlas pront u puntwali malli dan ikun dovut. L-obbligazzjonijiet tal-garanti taħt il-garanzija iridu jkunu mill-anqas daqs jew pari passu ma' l-obbligazzjonijiet l-oħra mhux assigurati tal-garanti. Il-garanzija trid tkun skond il-liġi ta' xi Stat Membru ta' l-UE u tkun legalment valida, torbot u nforzabbli ([42]) kontra l-garanti. Ikun hemm bżonn li tiġi sottomessa konferma legali li tikkonċerna l-validità legali, l-effett ta' l-irbit u l-inforzabbiltà tal-garanti ([43]) fil-forma u s-sustanza aċċettabbli għall-Ewrosistema ([44]) qabel l-attiv appoġġjat mill-garanti ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala eliġibbli. Il-ħtieġa ta' konferma legali ma tapplikax għal garanziji mogħtija fuq strumenti ta' debitu b' skala ta' attiv individwali jew għal garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi li għandhom dritt jimponu taxxi,

– irid ikun trasferibbli f'forma ta' entrata fuq il-karta,

– irid ikun ddepożitat/rreġistrat (maħruġ) fiż-ŻEE ma' bank ċentrali jew depożitorju ċentrali ta' titoli (CSD) li jissodisfa l-istandards minimi stabbiliti mill-BĊE. Iridu jinżammu (jkunu riżolti) fiż-żona tal-euro permezz ta' kont ma' l-Ewrosistema jew ma' SSS li jissodisfa l-istandards minimi stabbiliti mill-BĊE (sabiex il-perfezzjoni u r-realizzazzjoni ikunu suġġetti għal-liġi ta' pajjiż taż-żona tal-euro). Jekk is-CSD li minnu joħroġ l-attiv u l-SSS fejn jinżamm m' humiex identiċi, allura ż-żewġ istituzzjonijiet iridu jkunu konnessi b' rabta approvata mill-BĊE ([45]),

– irid ikun iddenominat f'ewro ([46]),

– irid jinħareġ (jew, alternattivament, iggarantit) mill-entitajiet stabbiliti fiż-ŻEE ([47]),

– iridu jkunu mniżżla u kkwotati f'suq regolat kif spjegat fid-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli ([48]), jew imniżżla, ikkwotati jew innegozjati f'ċerti swieq mhux regolati kif speċifikat mill-BĊE ([49]). Barra minn hekk, il-likwidità tas-suq tista' tkun ikkunsidrata mill-BĊE meta jistabbilixxi l-eliġibilità ta' l-istrumenti ta' debitu individwali.

Minħabba l-inklużjoni ta' l-attiv fil-lista ta' l-ewwel saff, ebda kontroparti ma jista' jissottometti bħala attiv primarju strumenti ta' debitu maħruġa jew iggarantiti mill-kontroparti, jew minn kwalunkwe entità oħra li

([40]) Il-garanti għandu jkun stabbilit fiż-ŻEE.

([41]) Strumenti tad-dejn maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kreditu li m'għandhomx konformità stretta mal-kriterji mniżżla fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-impriżi għall-investiment kollettiv fis-sigurtajiet trasferibbli (IIKTT), ĠU L 375, 31.12.1985, pġ. 3, kif emendat mid-Direttiva tal-Kunsill 88/220/KEE tat-22 ta' Marzu 1988, ĠU L 100, 19.4.1988, pġ. 31, Direttiva 2001/107/KE tal-21 ta' Jannar 2002, ĠU L 41, 13.2.2002, pġ. 20, u Direttiva 2001/108/KE tal-21 ta' Jannar 2002, ĠU L 41, 13.2.2002, pġ. 35, huma aċċettati fl-ewwel livell biss jekk kull ħarġa tkun mogħtija skala (minn aġenzija ta' l-iskalar) li tindika li, għall-Eurosystem, l-istrument tad-dejn jilħaq standards ta' kreditu għoljin. L-eliġibilità ta' l-istrumenti tad-dejn maħruġa taħt programmi tal-ħruġ hija assessjata fuq bażi ta' l-iskala tal-programm.

([42]) It-talba ta' l-infurzar hija suġġetta għal kwalunkwe liġijiet tal-passività jew tal-falliment, prinċipji ġenerali ta' ekwità u liġijiet u prinċipji oħra simili applikabbli lill-garanti u li jaffettwaw id-drittijiet ġenerali tal-kredituri fir-rigward tal-garanti.

([43]) Jekk il-garanti huwa stabbilit f'ġurisdizzjoni oħra li mhux dik tal-liġi li tiggverna lill-garanti, il-konfermazzjoni legali għandha ukoll tikkonferma li l-garanti huwa validu u infurzabbli taħt il-liġi li tiggverna l-istabbiliment tal-garanti.

([44]) Il-konfermazzjoni legali għandha tkun imressqa għall-analiżi lill-BĊN li qed jirrapporta ċertu assi sostenut minn garanzija għall-inklużjoni fil-lista ta' l-assi eliġibbli. Il-BĊN li qed jirrapporta ċertu assi huwa normalment il-BĊN tal-pajjiż li fih l-assi se jkun imniżżel, negozjat jew ikkwotat. F'każ ta' tniżżil f'iżjed minn lista waħda, kwalunkwe mistoqsijiet għandhom isiru lill-Hotline ta' l-Assi Eliġibbli tal-BĊE fl-indirizz Eligible-Assets.hotline@ecb.int.

([45]) Id-deskrizzjoni tan-normi għall-użu ta' l-SSSs eliġibbli fiż-żona ta' l-euro u lista aġġornata tal-konnessjonijiet eliġibbli bejn dawn is-sistemi tista' tinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int).

([46]) Espressa bħala tali jew fid-denominazzjoni nazzjonali ta' l-euro.

([47]) It-talba li l-entità tal-ħruġ tkun stabbilita fiż-ŻEE ma tapplikax għal istituzzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali.

([48]) ĠU L 141, 11.6.1993, pġ. 27.

([49]) Strumenti tad-dejn maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kreditu li ma jħarsux b'mod strett il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-impriżi għall-investiment kollettiv fis-sigurtajiet trasferibbli (IIKTT), kif emendat, huma aċċettati fl-ewwel livell jekk ikunu mniżżla jew ikkwotati f'suq irregolat kif definit mid-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar is-servizzi ta' l-investiment fil-qasam tas-sigurtajiet biss.

magħha il-kontroparti għandu konnessjonijiet mill-qrib ([50]), kif spejgat fl-Artiklu 1(26) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 li tikkonċerna t-teħid u t-tmexxija tal-kummerċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([51]) ([52]).

Minħabba l-inklużjoni ta' l-attiv fil-listi ta' l-ewwel saff, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li ma jaċċettawx bħala attiv primarju l-istrumenti li ġejjin:

– strumenti ta' debitu li jkunu dovuti għall-pagament qabel id-data tal-maturità ta' l-operazzjoni ta' politika monetarja li għaliha ikunu qegħdin jintużaw bħala attiv primarju ([53]), u

– strumenti ta' debitu b' ċirkolazzjoni ta' dħul (e.g. pagament b' kupun) li jseħħu fil-perjodu sad-data tal-maturità ta' l-operazzjoni ta' politika monetarja li għaliha ikunu qegħdin jintużaw bħala attiv primarju.

L-attiv kollu ta' l-ewwel saff irid ikun jista' jintuża f'kuntest trans konfini fiż-żona kollha tal-euro. Dan jimplika li l-kontropartijiet kollha tal-eurosistema iridu jkunu jistgħu jużaw dan l-attiv jew permezz ta' konnessjonijiet ma' l-SSS domestiċi tagħhom inkella permezz ta' arranġamenti eliġibbli oħra biex jirċievu kreditu mill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih il-kontroparti huwa stabbilit (ara Taqsima 6.6).

L-attiv ta' l-ewwel saff huwa eliġibbli għall-operazzjonijiet kollha ta' politika monetarja li huma bbażati bħala attiv primarju, i.e. operazzjonijiet irrivertiti u diretti f'suq miftuħ u l-faċilità tas-self marġinali.

### 6.3. Attiv tat-tieni saff

B' żieda ma' l-istrumenti ta' debitu li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità għall-ewwel saff, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jikkunsidraw, bħala attiv ieħor eliġibbli, attiv tat-tieni saff li huwa ta' importanza partikolari għas-swieq finanzjarji nazzjonali u s-sistemi bankarji. Il-kriterji ta' eliġibilità għall-attiv tat-tieni saff huma stabbiliti mill-banek ċentrali nazzjonali skond il-kriterji ta' eliġibilità minimi stabbiliti mill-BĊE. Il-banek ċentrali nazzjonali jistabbilixxu u jżommu listi nazzjonali ta' attiv tat-tieni saff eliġibbli. Dawn il-listi ikunu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ([54]).

L-attiv tat-tieni saff irid jissodisfa il-kriterji ta' eliġibilità minimi li ġejjin (ara wkoll Tabella 4):

– jista' jkun strumenti ta' debitu (ikkummerċjati u mhux ikkummerċjati) li jkollhom: (a) ammont prinċipali, fiss inkondizzjonat; u (b) kupun li ma jistax jirriżulta f'ċirkolazzjoni ta' flus negattiva. B' żieda ma' dan, il-

([50]) F'każ li kontroparti tkun qed tuża assi li, minħabba l-identità tal-fornitur/garanti jew l-eżistenza ta' konnessjonijiet mill-qrib, ma tkunx tista' tuża jew tuża iżjed biex tassigura kreditu mhux imħallas, hija obbligata li tinnotifika immedjatament il-bank ċentrali nazzjonali relevanti tagħha. L-assi jkunu valutati żero fid-data tal-valutazzjoni li jmiss u sejħa marġinali tista' ssir (ara ukoll Anness 6). Barra dan, il-kontroparti trid tneħhi l-assi fl-iżjed data kmieni possibbli.

([51]) Artikolu 1(26) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 relatata mal-bidu u l-eżerċitazzjoni tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu jgħid dan li ġej:
"Konnessjonijiet mill-qrib għandha tirreferi għal sitwazzjoni li fiha tnejn jew iżjed persuni naturali jew legali jkunu konnessi minn:
(a) parteċipazzjoni, li għandha tfisser il-propjetà, diretta jew permezz tal-kontroll, ta' 20 % jew iżjed tad-drittijiet għall-vot jew kapital ta' impriża, jew
(b) kontroll, li għandu jfisser ir-relazzjoni bejn l-impriża prinċipali u sussidjarja, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikoli 1 (1) u (2) tad-Direttiva 83/349/KEE, jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna naturali jew legali u impriża; kwalunkwe impriża sussidjarja ta' impriża sussidjarja għandha tkun ikkunsidrata sussidjarja ta' l-impriża prinċipali li qed tmexxi dawk l-impriżi. Sitwazzjoni li fiha tnejn jew iżjed persuni naturali jew legali huma konnessi b'mod permanenti ma' l-istess persuna waħdanija permezz ta' relazzjoni ta' kontroll għandha tkun ikkunsidrata li tikkostitwixxi konnessjoni mill-qrib bejn tali persuni ukoll."

([52]) Din id-disposizzjoni ma tapplikax għal: (i) konnessjonijiet mill-qrib bejn il-kontroparti u l-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi taż-ŻEE (inkluż il-każ fejn l-awtorità pubblika tkun garanti tal-fornitur); (ii) fatturi tan-negozju, li għalihom mill-inqas entità waħda (li mhux l-istituzzjoni tal-kreditu) hija responsabbli flimkien mal-kontroparti; (iii) strumenti tad-dejn li jħarsu b'mod strett il-kriterji mniżżla fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-impriżi għall-investiment kollettiv fis-sigurtajiet trasferibbli (IIKTT), kif emendat; jew (iv) każijiet fejn l-istrumenti tad-dejn huma protetti minn salvagwardji legali speċifiċi li huma komparabbli ma' (iii).

([53]) Jekk il-banek ċentrali nazzjonali jħallu l-użu ta' l-istrumenti b'maturità inqas mill-operazzjonijiet ta' politika monetarja li għalihom qed iservu bħala assi tal-bażi, il-kontropartijiet ikunu mitluba li jbiddlu tali assi fid-data ta', jew qabel, il-maturità.

([54]) Dawn il-listi huma ppubblikati u aġġornati kuljum fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int). Għal assi mhux kummerċjabbli tat-tieni livell u strumenti tad-dejn b'likwidità limitata u karatteristiċi speċjali, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux informazzjoni fuq ħruġ individwali, fornituri/debituri jew garanti fil-pubblikazzjoni tagħhom tal-listi nazzjonali tat-tieni livell, imma joffru informazzjoni alternattiva biex jassiguraw li l-kontropartijiet ġewwa ż-żona ta' l-euro jistgħu jaċċertaw faċilment l-eliġibilità ta' assi speċifiku.

kupun għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: (i) kupun zero; (ii) kupun b' rata fissa; jew (iii) kupun b' rata li tinbidel marbut ma' referenza ta' rata ta' imgħax. Il-kupun jista' jkun marbut ma' bidla fl-iskala ta' l-emittent innifsu. Barra minn hekk, bonds li l-valur tagħhom jiddependi fuq l-inflazzjoni huma eliġibbli wkoll. Dawn il-karatteristiċi iridu jinżammu sat-tmiem ta' l-obbligazzjoni. Jistgħu ikunu wkoll titoli (innegozjati f'suq regolat kif spjegat fid-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli ([55])). *Ekwitajiet* maħruġa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u strumenti ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jikkonformawx strettament mal-kriterji stabbiliti fl-Artiklu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 fuq il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw obbligazzjonijiet għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([56]), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 88/220/KEE tat-22 ta' Marzu 1988 ([57]), id-Direttiva 2001/107/KE tal-21 ta' Jannar 2002 ([58]), u d-Direttiva 2001/108/KE tal-21 ta' Jannar 2002 ([59]), normalment m' humiex eliġibbli għall-inklużjoni fil-listi ta' l-attiv tat-tieni saff. Madankollu, il-BĊE jista' jawtorizza lill-banek ċentrali nazzjonali li jinkludu attiv bħal dan fil-listi tat-tieni saff skond ċertu kondizzjonijiet u restrizzjonijiet,

TABELLA 4

**Attiv eliġibbli għal operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-eurosistema**

| Kriterji | L-ewwel saff | It-tieni saff |
|---|---|---|
| **Tip ta' attiv** | – Ċertifikati ta' debitu tal-BĊE<br>– Strumenti ta' debitu oħra kkummerċjati ([1]) ([2]) | – Strumenti ta' debitu kkummerċjati ([1])<br>– Strumenti ta' debitu mhux ikkummerċjati ([1])<br>– Titoli nnegozjati f'suq regolat |
| **Proċeduri kif jiġi riżolt** | L-istrumenti iridu jkunu ddepożitati ċentralment f'forma ta' entrata fuq il-karta mal-banek ċentrali nazzjonali jew SSS li jissodisfa l-istandards minimi tal-BĊE | L-attiv irid ikun aċċessibbli faċilment għall-bank ċentrali nazzjonali li jkun inkludih fil-lista tat-tieni saff |
| **Tip ta' emittent** | – Banek ċentrali<br>– Settur pubbliku<br>– Settur privat ([3])<br>– Istituzzjonijiet internazzjonali u supranazzjonali | – Settur pubbliku<br>– Settur privat ([4]) |
| **L-istandard tal-kreditu** | L-attiv irid jitqies bħala ta' kwalità għolja ta' kreditu mill-BĊE (li jista' jinkludi garanzija eliġibbli ta' garanti taż-ŻEE li jitqies bħala finanzjarjament b' saħħtu mill-BĊE) | L-attiv irid jitqies bħala ta' kwalità għolja ta' kreditu mill-bank ċentrali nazzjonali li jkun inkludih fil-lista tiegħu tat-tieni saff (li jista' jinkludi garanzija eliġibbli ta' garanti taż-ŻEE li jitqies bħala finanzjarjament b' saħħtu mill-bank ċentrali nazzjonali li jkun inkludih fil-lista tiegħu tat-tieni saff) |
| **Post ta' l-istabbiliment ta' l-emittent (jew alternattivament il-garanti)** | Iż-ŻEE ([5]) | Iż-żona tal-euro |

([55]) ĠU L 141, 11.6.1993, p. 27.
([56]) ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3.
([57]) ĠU L 100, 19.4.1988, p. 31.
([58]) ĠU L 41, 13.2.2002, p. 20.
([59]) ĠU L 41, 13.2.2002, p. 35.

| Kriterji | L-ewwel saff | It-tieni saff |
|---|---|---|
| **Lok ta' l-attiv** | – Post tal-ħarġa: iż-ŻEE<br>– Post fejn jiġi riżolt: iż-żona tal-euro (6) | Iż-żona tal-euro (6) |
| **Munita** | Ewro (7) | Ewro (7) |
| **Użu trans konfini** | Iva | Iva |

(1) Irid ikollhom kemm: (a) ammont prinċipali, fiss inkondizzjonat; u (b) kupun li ma jistax jirriżulta f'ċirkolazzjoni ta' flus negattiva. B' żieda ma' dan, il-kupun għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: (i) kupun zero; (ii) kupun b' rata fissa; jew (iii) kupun b' rata li tinbidel marbut ma' referenza ta' rata ta' imgħax. Il-kupun jista' jkun marbut ma' bidla fl-iskala ta' l-emittent innifsu. Barra minn hekk, bonds li l-valur tagħhom jiddependi fuq l-inflazzjoni huma eliġibbli wkoll. Dawn il-karatteristiċi iridu jinżammu sat-tmiem ta' l-obbligazzjoni.

(2) Strumenti ta' debitu li jagħtu drittijiet għall-kapital u/jew l-imgħax li huma nferjuri għad-drittijiet tad-detenturi ta' strumenti oħra ta' debitu ta' l-istess emittent (jew, f'ħarġa strutturata, inferjuri għal partijiet oħra ta' l-istess ħarġa) huma esklużi mill-ewwel saff.

(3) Strumenti ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jikkonformawx strettament mal-kriterji stabbiliti fl-Artiklu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 fuq il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw obbligazzjonijiet għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), emendata, huma aċċettati fl-ewwel saff biss taħt iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin. L-ewwel, kull ħarġa jeħtieġ li tingħata skala (minn aġenzija li tagħti skala) li tindika, minħabba l-Ewrosistema, li l-istrument ta' debitu jissodisfa standards ta' kreditu għoljin. L-eliġibilità ta' l-istrumenti ta' debitu maħruġa fi programm ta' ħruġ tiġi evalwata fuq il-bażi ta' l-iskala tal-programm. It-tieni, l-istrumenti ta' debitu iridu jkunu mniżżla u kkwotati f'suq regolat kif spjegat fid-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar is-servizzi ta' investment fil-qasam tat-titoli.

(4) *Ekwitajiet* maħruġa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u strumenti ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jikkonformawx strettament mal-kriterji stabbiliti fl-Artiklu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 fuq il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw obbligazzjonijiet għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kif emendata, normalment m' humiex eliġibbli għall-inklużjoni fil-listi ta' l-attiv tat-tieni saff. Madankollu, il-BĊE jista' jawtorizza lill-banek ċentrali nazzjonali li jinkludu attiv bħal dan fil-listi tat-tieni saff skond ċertu kondizzjonijiet u restrizzjonijiet,

(5) Il-ħtieġa li l-entità emittenti tkun stabbilita fiż-ŻEE ma tapplikax għall-istituzzjonijiet internazzjonali u supranazzjonali.

(6) Sakemm il-perfezzjoni u r-realizzazzjoni ikunu skond il-liġi ta' l-Istat Membru taż-żona tal-euro.

(7) Espress tali jew fid-denominazzjonijiet nazzjonali tal-euro.

– irid ikun obbligazzjonijiet ta' debitu kontra jew *ekwitajiet* ta' (jew iggarantiti minn) entitajiet li jitqiesu bħala finanzjarjament b' saħħithom mill-bank ċentrali nazzjonali li jkun inkluda l-attiv fil-lista tiegħu tat-tieni saff. Garanzija titqies bħala aċċettabbli jekk il-garanti ikun iggarantixxa inkondizzjonalment u rrevokabilment l-obbligazzjonijiet ta' l-emittent fejn jikkonċerna l-pagament tal-kapital, l-imgħax u kwalunkwe ammonti oħra dovuti taħt l-istrumenti ta' debitu lid-detenturi tagħhom sakemm jitħallsu kollha. Il-garanzija trid titħallas fuq l-ewwel talba (indipendentament mill-obbligazzjoni primarja tad-debitu). Garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi li għandhom id-dritt li jimponu taxxi għandha jew titħallas fuq l-ewwel talba jew inkella tieħu ħsieb il-ħlas pront u puntwali malli dan ikun dovut. L-obbligazzjonijiet tal-garanti taħt il-garanzija iridu jkunu mill-anqas daqs jew pari passu ma' l-obbligazzjonijiet l-oħra mhux assigurati tal-garanti. Il-garanzija trid tkun skond il-liġi ta' xi Stat Membru ta' l-UE u tkun legalment valida, torbot u nforzabbli (60) kontra l-garanti. Ikun hemm bżonn li tiġi sottomessa konferma legali li tikkonċerna l-validità legali, l-effett ta' l-irbit u l-inforzabbiltà tal-garanti (61) fil-forma u s-sustanza aċċettabbli għall-Ewrosistema (62) qabel l-attiv appoġġjat mill-garanti ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala eliġibbli. Il-ħtieġa ta' konferma legali ma tapplikax għal garanziji mogħtija fuq strumenti ta' debitu b'skala ta' attiv individwali jew għal garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi li għandhom dritt jimponu taxxi,

(60) It-talba ta' l-infurzar hija suġġetta għal kwalunkwe liġijiet tal-passività jew tal-falliment, prinċipji ġenerali ta' ekwità u liġijiet u prinċipji oħra simili applikabbli lill-garanti u li jaffettwaw id-drittijiet ġenerali tal-kredituri fir-rigward tal-garanti.

(61) Jekk il-garanti huwa stabbilit f'ġurisdizzjoni oħra li mhux dik tal-liġi li tiggverna lill-garanti, il-konfermazzjoni legali għandha ukoll tikkonferma li l-garanti huwa validu u infurzabbli taħt il-liġi li tiggverna l-istabbiliment tal-garanti.

(62) Il-konfermazzjoni legali għandha tkun imressqa għall-analiżi lill-BĊN li qed jirrapporta ċertu assi sostenut minn garanzija għall-inklużjoni fil-lista ta' l-assi eliġibbli. Il-BĊN li qed jirrapporta ċertu assi huwa normalment il-BĊN tal-pajjiż li fih l-assi se jkun imniżżel, negozjat jew ikkwotat. F'każ ta' tniżżil f'iżjed minn lista waħda, kwalunkwe mistoqsijiet għandhom isiru lill-Hotline ta' l-Assi Eliġibbli tal-BĊE fl-indirizz Eligible-Assets.hotline@ecb.int.

– irid ikun aċċessibbli faċilment għall-bank ċentrali nazzjonali li jkun inkluda l-attiv fil-lista tiegħu tat-tieni saff,

– irid ikun jinsab fiż-żona tal-euro (sakemm il-perfezzjoni u r-realizzazzjoni ikunu skond il-liġi ta' Stat Membru taż-żona tal-euro),

– irid ikun iddenominat f'euro ([63]),

– irid jinħareġ (jew, alternattivament, iggarantit) mill-entitajiet stabbiliti fiż-żona tal-euro.

Minħabba l-inklużjoni ta' l-attiv fil-listi tat-tieni saff, ebda kontroparti ma jista' jissottometti bħala attiv primarju obbligazzjonijiet ta' debitu kontra jew ekwitajiet tal-kontroparti, jew kwalunkwe entità oħra li magħha il-kontroparti għandu konnessjonijiet mill-qrib ([64]), kif spejgat fl-Artiklu 1(26) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 li tikkonċerna t-teħid u t-tmexxija tal-kummerċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([65]) ([66]).

Minħabba l-inklużjoni ta' l-attiv fil-listi tat-tieni saff, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li ma jaċċettawx bħala attiv primarju l-attiv li ġej:

– strumenti ta' debitu li jkunu dovuti għall-pagament qabel id-data tal-maturità ta' l-operazzjoni ta' politika monetarja li għaliha ikunu qegħdin jintużaw bħala attiv primarju ([67]), u

– strumenti ta' debitu b' ċirkolazzjoni ta' dħul (e.g. pagament b' kupun) li jseħħu fil-perjodu sad-data tal-maturità ta' l-operazzjoni ta' politika monetarja li għaliha jkunu qegħdin jintużaw bħala attiv primarju; jew

– ekwitajiet b' pagament ta' kwalunkwe tip jew bi kwalunkwe dritt ieħor marbut magħhom li jista' jaffetwa l-konvenjenza tagħhom bħala attiv primarju għall-perjodu sad-data tal-maturità ta' l-operazzjoni ta' politika monetarja li għaliha jintuża bħala attiv primarju.

L-attiv kollu tat-tieni saff irid ikun jista' jintuża f'kuntest trans konfini fiż-żona kollha tal-euro. Dan jimplika li l-kontropartijiet kollha tal-eurosistema iridu jkunu jistgħu jużaw dan l-attiv jew permezz ta' konnessjonijiet ma' l-SSS domestiċi tagħhom inkella permezz ta' arranġamenti eliġibbli oħra biex jirċievu fondi mill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih il-kontroparti huwa stabbilit (ara Taqsima 6.6).

L-attiv tat-tieni saff huwa eliġibbli għall-operazzjonijiet irrivertiti f'suq miftuħ u l-faċilità tas-self marġinali. Dan l-attiv normalment ma jintużax f'operazzjonijiet diretti tal-eurosistema.

---

([63]) Espressa bħala tali jew fid-denominazzjoni nazzjonali ta' l-euro.

([64]) Bħal fil-każ ta' assi ta' l-ewwel livell, f'każ li kontroparti tkun qed tuża assi li, minħabba l-identità tal-fornitur/garanti jew l-eżistenza ta' konnessjonijiet mill-qrib, ma tkunx tista' tuża jew tuża iżjed biex tassigura kreditu mhux imħallas, hija obbligata li tinnotifika immedjatament il-bank ċentrali nazzjonali relevanti tagħha. L-assi jkunu valutati żero fid-data tal-valutazzjoni li jmiss u sejħa marġinali tista' ssir (ara ukoll Anness 6). Barra dan, il-kontroparti trid tneħħi l-assi fl-iżjed data kmieni possibbli.

([65]) Artikolu 1(26) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 relatata mal-bidu u l-eżerċitazzjoni tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu jgħid dan li ġej:
"Konnessjonijiet mill-qrib għandha tirreferi għal sitwazzjoni li fiha tnejn jew iżjed persuni naturali jew legali jkunu konnessi minn:
(a) parteċipazzjoni, li għandha tfisser il-propjetà, diretta jew permezz tal-kontroll, ta' 20 % jew iżjed tad-drittijiet għall-vot jew kapital ta' impriża, jew
(b) kontroll, li għandu jfisser ir-relazzjoni bejn l-impriża prinċipali u sussidjarja, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikoli 1 (1) u (2) tad-Direttiva 83/349/KEE, jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna naturali jew legali u impriża; kwalunkwe impriża sussidjarja ta' impriża sussidjarja għandha tkun ikkunsidrata sussidjarja ta' l-impriża prinċipali li qed tmexxi dawk l-impriżi.
Sitwazzjoni li fiha tnejn jew iżjed persuni naturali jew legali huma konnessi b'mod permanenti ma' l-istess persuna waħdanija permezz ta' relazzjoni ta' kontroll għandha tkun ikkunsidrata li tikkostitwixxi konnessjoni mill-qrib bejn tali persuni ukoll."

([66]) Bħal fil-każ ta' assi ta' l-ewwel livell, din id-disposizzjoni ma tapplikax għal: (i) konnessjonijiet mill-qrib bejn il-kontroparti u l-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi taż-ŻEE (inkluż il-każ fejn l-awtorità pubblika tkun garanti tal-fornitur); (ii) fatturi tan-negozju, li għalihom mill-inqas entità waħda (li mhux l-istituzzjoni tal-kreditu) hija responsabbli flimkien mal-kontroparti; (iii) strumenti tad-dejn li jħarsu b'mod strett il-kriterji mniżżla fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-impriżi għall-investiment kollettiv fis-sigurtajiet trasferibbli (IIKTT), kif emendat; jew (iv) każijiet fejn l-istrumenti tad-dejn huma protetti minn salvagwardji legali speċifiċi li huma komparabbli ma' (iii).

([67]) Bħal fil-każ ta' assi ta' l-ewwel livell, jekk il-banek ċentrali nazzjonali jħallu l-użu ta' l-istrumenti b'maturità inqas mill-operazzjonijiet ta' politika monetarja li għalihom qed iservu bħala assi tal-bażi, il-kontropartijiet ikunu mitluba li jbiddlu tali assi fid-data ta', jew qabel, il-maturità

### 6.4. Miżuri ta' kontroll ta' riskju

Jiġu applikati miżuri ta' kontroll ta' riskju dwar attiv primarju f'operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-eurosistema sabiex l-Ewrosistema tkun protetta kontra r-riskju ta' telf finanzjarju jekk l-attiv primarju ikollu jkun irrealizzat minħabba xi nuqqas ta' xi kontroparti. Il-miżuri ta' kontroll ta' riskju għad-disposizzjoni tal-eurosistema huma deskritti f'Kaxxa 7.

KAXXA 7

**Miżuri ta' kontroll ta' riskju**

L-Ewrosistema fil-preżent tapplika l-miżuri ta' kontroll ta' riskju li ġejjin:

– **Valuation haircuts**

L-Ewrosistema tapplika "*valuation haircuts*" fl-ivvalutar ta' l-attiv primarju. Dan jimplika li l-valur ta' l-attiv primarju jiġi kkalkolat bħala l-valur ta' l-attiv fis-suq imnaqqas b' ċertu perċentaġġ (*haircut*).

– **Marġini ta' varjazzjoni (immarkar għas-suq)**

L-Ewrosistema tirrikjedi li l-valur tas-suq ta' l-attiv primarju aġġustat bil-*haircut* użat fl-operazzjonijiet irrevertiti tagħha li jipprovdu likwidità jinżamm matul iż-żmien. Dan jimplika li jekk il-valur, ikkalkulat fuq bażi regolari, ta' l-attiv primarju jaqa' taħt ċertu livell, il-bank ċentrali nazzjonali jitlob lill-kontroparti biex iforni attiv addizzjonali jew flus kontanti (i.e. sejħa ta' marġini). Bl-istess mod, jekk il-valur ta' l-attiv primarju, wara l-ivvalutar tagħhom mill-ġdid, jeċċedi ċertu livell, il-kontroparti jista' jieħu lura l-attiv jew flus kontanti żejda. (Il-kalkoli relevanti għall-esekuzzjoni tas-sejħiet ta' marġini huma ppreżentati f'Kaxxa 11.)

Il-miżuri ta' kontroll ta' riskju li ġejjin fil-preżent m' humiex applikati mill-Ewrosistema:

– **Marġini inizjali**

L-Ewrosistema tista' tapplika marġini inizjali fl-operazzjonijiet irrevertiti tagħha li jipprovdu likwidità. Dan jimplika li l-kontropartijiet ikollhom bżonn li jipprovdu attiv primarju b' valur mill-anqas ugwali għal-likwidità pprovduti mill-Ewrosistema u l-valur tal-marġini inizjali.

– **Limiti li jikkonċernaw lill-emittenti/debituri jew garanti**

L-Ewrosistema tista' tapplika limiti sa l-introduzzjoni vis-à-vis emittenti/debituri jew garanti.

– **Garanziji addizzjonali**

L-Ewrosistema tista' titlob garanziji addizzjonali minn entitajiet finanzjarjament b' saħħithom sabiex taċċetta ċertu attiv.

– **Esklużjoni**

L-Ewrosistema tista' teskludi ċertu attiv milli jintuża fl-operazzjonijiet tagħha ta' politika monetarja.

6.4.1. *Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal attiv ta' l-ewwel saff*

L-Ewrosistema tapplika miżuri ta' kontroll ta' riskju speċifiċi skond it-tipi ta' attiv primarju offrut mill-kontro-parti. Il-miżuri xierqa ta' kontroll ta' riskju għall-attiv ta' l-ewwel saff jiġu stabbiliti mill-BĊE. Miżuri ta' kontroll ta' riskju għall-attiv ta' l-ewwel saff huma armonizzati b' mod wiesgħa fiż-żona tal-euro kollha ([68]). Il-qafas tal-kontroll ta' riskju għal attiv ta' l-ewwel saff jinkludi l-elementi ewlenin li ġejjin:

– attiv ta' l-ewwel saff eliġibbli jiġi allokat lil waħda minn erba' kategoriji ta' likwidità mnaqqsa, ibbażata fuq il-klassifikazzjoni ta' l-emittent u t-tip ta' l-attiv. L-allokazzjoni ta' l-attiv eliġibbli lill-erba' kategoriji ta' likwidità hija deskritta f'Kaxxa 8,

KAXXA 8

**Kategoriji ta' likwidità għal attiv ta' l-ewwel saff** ([1])

| **Kategorija I** | **Kategorija II** | **Kategorija III** | **Kategorija IV** |
|---|---|---|---|
| Strumenti ta' debitu tal-gvern ċentrali | Strumenti ta' debitu tal-gvern lokali u reġjonali | Strumenti ta' debitu ta' l-istil Pfandbrief tradizzjonali | Titoli appoġġjati b' attiv ([2]) |
| Strumenti ta' debitu maħruġa mill-banek ċentrali ([3]) | Strumenti ta' debitu ta' l-istil Jumbo Pfandbrief ([4]) | Strumenti ta' debitu ta' istituzzjonijiet ta' kreditu | |
| | Strumenti ta' debitu ta' aġenzija ([5]) | Strumenti ta' debitu maħruġa minn emittenti korporattivi u oħrajn ([5]) | |
| | Strumenti ta' debitu maħruġa minn emittenti korporattivi u oħrajn | | |

([1]) B' mod ġenerali, il-klassifikazzjoni ta' l-emittent tiddetermina l-kategorija tal-likwidità. Madankollu, it-titoli kollha appoġġjati b' attiv huma nklużi fil-kategorija IV, irrispettivament mill-klassifikazzjoni ta' l-emittent, Strumenti ta' debitu ta' l-istil Jumbo Pfandbrief huma nklużi f'kategorija II, b' kuntrast ma' strumenti oħra ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma nklużi f'kategorija III.

([2]) Titoli appoġġjati b' attiv jaqgħu fil-kategorija tal-likwidità IV irrispettivament mill-klassifikazzjoni ta' l-emittent.

([3]) Ċertifikati ta' debitu maħruġa mill-BĊE u strumenti ta' debitu maħruġa mill-banek ċentrali nazzjonali qabel l-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom huma nklużi fil-kategorija tal-likwidità I.

([4]) Strumenti biss li għandhom volum fil-ħruġ ta' mill-anqas EUR 500 miljun, li għalihom mill-anqas żewġ *makers* tas-suq li jipprovdu offerti regolari u jitolbu kwotazzjonijiet, jaqgħu fil-klassi ta' l-attiv ta' l-istrumenti ta' l-istil Jumbo Pfandbrief.

([5]) Titoli biss maħruġa minn emittenti li jkunu kklassifikati bħala aġenziji mill-BĊE huma nklużi fil-kategorija tal-likwidità II. Titoli maħruġa minn aġenziji oħra huma nklużi fil-kategorija tal-likwidità III.

– strumenti ta' debitu individwali huma suġġetti għal "*valuation haircuts*" speċifiċi. Il-*haircuts* jiġu applikati billi jitnaqqas ċertu perċentaġġ mill-valur tas-suq ta' l-attiv primarju. Il-*haircuts* ikunu differenti skond il-maturità residwa u l-istruttura tal-kupun ta' l-istrumenti tad-debitu kif deskritt f'Kaxxi 9 u 10,

([68]) Minħabba differenzi operazzjonali fl-Istati Membri fir-rigward ta' proċeduri għall-kunsinna ta' l-assi tal-bażi mill-kontropartijiet lill-banek ċentrali nazzjonali (fil-forma ta' pul ta' kollateral kapparrat mal-banek ċentrali nazzjonali jew bħala ftiehim ta' xiri mill-ġdid ibbażat fuq l-assi individwali speċifikati għal kull transazzjoni), jista' jkun hemm differenzi minuri fir-rigward taż-żmien tal-valutazzjoni u karatteristiċi operazzjonali oħra fil-qafas tal-kontroll tar-riskju.

KAXXA 9

**Livelli ta' *valuation haircuts* ( %) applikati għal attiv ta' l-ewwel saff eliġibbli skond l-istrumenti tal-kupun Fiss u tal-kupun zero**

**Kategoriji ta' likwidità**

| | **Kategorija I** | | **Kategorija II** | | **Kategorija III** | | **Kategorija IV** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Maturità residwa (snin) | Kupun fiss | Kupun zero | Kupun fiss | Kupun zero | Kupun fiss | Kupun zero | Kupun fiss | Kupun zero |
| 0–1 | 0,5 | 0,5 | 1 | 1 | 1,5 | 1,5 | 2 | 2 |
| 1–3 | 1,5 | 1,5 | 2,5 | 2,5 | 3 | 3 | 3,5 | 3,5 |
| 3–5 | 2,5 | 3 | 3,5 | 4 | 4,5 | 5 | 5,5 | 6 |
| 5–7 | 3 | 3,5 | 4,5 | 5 | 5,5 | 6 | 6,5 | 7 |
| 7–10 | 4 | 4,5 | 5,5 | 6,5 | 6,5 | 8 | 8 | 10 |
| > 10 | 5,5 | 8,5 | 7,5 | 12 | 9 | 15 | 12 | 18 |

– il-*valuation haircuts* applikati għall-istrumenti kollha tal-kupun fiss u l-kupun zero ta' l-ewwel saff huma deskritti f'Kaxxa 9 ([69]),

– il-*valuation haircuts* applikati għall-istrumenti kollha ta' rata ta' inverse floating ta' l-ewwel saff huma l-istess għall-klassijiet kollha tal-likwidità u huma deskritti f'Kaxxa 10,

KAXXA 10

**Il-livelli tal-*valuation haircuts* ( %) għall-istrumenti eliġibbli ta' rata ta' inverse floating ta' l-ewwel saff**

| **Maturità residwa (snin)** | **Kupuni ta' *inverse f loaters*** |
|---|---|
| 0–1 | 2 |
| 1–3 | 7 |
| 3–5 | 10 |
| 5–7 | 12 |
| 7–10 | 17 |
| > 10 | 25 |

– il-*haircut* applikat għal strumenti ta' debitu b' kupuni ta' rata varjabbli ([70]) huwa dak applikat għal basket ta' maturità zero-għal-sena ta' l-istrumenti ta' kupun fiss tal-kategorija tal-likwidità li lilha l-istrument jiġi assenjat,

– il-miżuri ta' kontroll ta' riskju applikati għal strument ta' debitu b' aktar minn tip wieħed ta' pagamenti b' kupun jiddependu biss fuq il-pagamenti b' kupun matul il-bqija tal-ħajja ta' l-istrument. Il-*valuation haircut* applikat għal strumenti bħal dawn huwa ffissat bħala ugwali għall-ogħla mill-*haircuts* applikabbli għall-istrumenti ta' debitu bl-istess maturità residwa, u jiġu kkunsidrati l-pagamenti b' kupun ta' kwalunkwe wieħed mit-tipi li jseħħu fil-bqija tal-ħajja ta' l-istrument,

– l-ebda *valuation haircuts* ma jiġu applikati f'operazzjonijiet li jassorbu likwidità,

– skond is-sistema ta' ġurisdizzjoni u s-sistema nazzjonali operazzjonali, il-bank ċentrali nazzjonali jistgħu jippermettu li jsir *pooling* ta' attiv primarju u/jew jitolbu l-allokazzjoni ta' l-attiv użat f'kull operazzjoni

([69]) Il-qtugħ tal-valutazzjoni applikat għas-sigurtajiet ta' kupuni fissi huwa ukoll applikabbli għal strumenti tad-dejn, il-kupun ta' liema huwa konness ma' bidla fl-iskala tal-fornitur stess jew ma' bonds li jvarjaw skond l-inflazzjoni.

([70]) Pagament bil-kupuni huwa kkunsidrat bħala pagament bir-rata varjabbli jekk il-kupun ikun konness ma' rata ta' interess ta' referenza u jekk il-perjodu ta' tqiegħid mill-ġdid korrispondenti għal dan il-kupun ma jkunx itwal minn sena. Pagamenti bil-kupuni li għalihom il-perjodu ta' tqiegħid mill-ġdid huwa itwal minn sena huma trattati bħala pagamenti bir-rata fissa, bil-maturità relevanti għall-qtugħ tkun il-maturità residwa ta' l-isturment tad-dejn.

individwali. F'sistemi ta' *pooling*, il-kontroparti jagħmel *pool* ta' attiv primarju suffiċjenti disponibbli għall-bank ċentrali biex ikopri il-krediti relatati riċevuti mill-bank ċentrali, b' hekk dan jimplika li l-attiv individwali ma jkunx marbut ma' operazzjonijiet ta' kreditu speċifiċi. B' kuntrast, f'sistema ta' allokazzjoni, kull operazzjoni ta' kreditu tkun marbuta ma' attiv identifikabbli speċifiku,

– l-attiv huwa suġġett għal ivvalutar ta' kuljum. Ta' kuljum, il-banek ċentrali nazzjonali jikkalkulaw il-valur meħtieġ ta' l-attiv primarju billi jkun kkunsidrat it-tibdil fil-volumi tal-kreditu dovut, l-ivvalutar tal-prinċipji stabbiliti f'Taqsima 6.5 u l-*valuation haircuts* meħtieġa,

– jekk, wara l-ivvalutar, l-attiv primarju ma jissodisfax il-ħtiġijiet kif ikkalkulat f'dak il-jum, isiru sejħiet ta' marġini simetriċi. Sabiex titnaqqas il-frekwenza tas-sejħiet ta' marġini, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu japplikaw punt ta' attivazzjoni. Jekk applikat, dan il-punt ta' attivazzjoni huwa 0,5 % ta' l-ammont tal-likwidità pprovduta. Skond il-ġurisdizzjoni, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jitolbu li s-sejħiet ta' marġini jsiru jew permezz tal-fornitura ta' attiv addizzjonali jew permezz ta' pagamenti fi flus kontanti. Dan jimplika li jekk il-valur tas-suq ta' l-attiv primarju jaqa' taħt l-anqas punt ta' attivazzjoni, il-kontropartijiet ikollhom jipprovdu attiv addizzjonali (jew kontanti). Bl-istess mod, jekk il-valur fis-suq ta' l-attiv primarju, wara l-ivvalutar mill-ġdid tiegħu, jaqbeż l-ogħla punt ta' attivazzjoni, il-bank ċentrali nazzjonali jirritorna l-attiv primarju (jew kontanti) lill-kontroparti (ara Kaxxa 11),

KAXXA 11

**Il-kalkolu tas-sejħiet ta' marġini**

L-ammont totali ta' attiv eliġibbli $J$ (għal $j = 1$ sa $J$; il-valur $C_{j,t}$ fil-ħin $t$) il-kontroparti irid jipprovdi għal sett ta' operazzjonijiet li jipprovdu likwidità I (għal $i = 1$ sa $I$; l-ammont $L_{i,t}$ fil-ħin $t$) huwa stabbilit bil-formula li ġejja:

$$\sum_{i=1}^{I} L_{i,t} \leq \sum_{j=1}^{J} (1 - h_j) C_{j,t} \qquad (1)$$

fejn:

$h_j$ hija l-*valuation haircut* applikat għall-attiv eliġibbli $j$.

Jekk $\tau$ huwa l-perjodu ta' żmien bejn ivvalutar mill-ġdid u ieħor. Il-bażi tas-sejħa ta' marġini fil-ħin $t + \tau$ hija ugwali għal:

$$M_{t+\tau} = \sum_{i=1}^{I} L_{i,t+\tau} - \sum_{j=1}^{J} (1 - h_j) C_{j,t+\tau} \qquad (2)$$

Skond il-karatteristiċi operazzjonali tas-sistemi ta' ġestjoni kollaterali tal-banek ċentrali nazzjonali, il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jikkunsidraw ukoll imgħax akkumulat fuq likwidità pprovduta f'operazzjonijiet pendenti fil-kalkolu tal-bażi tas-sejħa ta' marġini.

Is-sejħiet ta' marġini isiru biss jekk il-bażi tas-sejħa ta' marġini teċċedi ċertu livell ta' punt ta' attivazzjoni.

Jekk $k$ = 0,5 % jirrappreżenta l-attivazzjoni. F'sistema ta' allokazzjoni (I = 1), issir sejħa ta' marġini meta:

$$M_{t+\tau} > k \cdot L_{i,t+\tau}$$

(il-kontroparti iħallas is-sejħa ta' marġini lill-bank ċentrali nazzjonali); jew

$$M_{t+\tau} < -k \cdot L_{i,t+\tau}$$

(il-bank ċentrali nazzjonali iħallas is-sejħa ta' marġini lill-kontroparti).

F'sistema ta' *pooling*, il-kontroparti ikollu jdaħħal aktar attiv fil-*pool* jekk:

$$M_{t+\tau} > k \cdot \sum_{i=1}^{I} L_{i,t+\tau}$$

Għall-kuntraju, l-ammont ta' kreditu *intraday*t (IDC) disponibbli għall-kontroparti f'sistema ta' *pooling*-jista' jiġi espress kif ġej:

$$IDC = -M_{t+\tau} + k \cdot \sum_{i=1}^{I} L_{i,t+\tau} \qquad (pokud\ kladné)$$

Fis-sistemi kemm ta' l-allokazzjoni kif ukoll tal-*pooling*, is-sejħiet ta' marġini għandhom jiżguraw li tkun ristabbilita ir-relazzjoni espressa f'(1) fuq.

– f'sistemi ta' *pooling* il-kontropartijiet jistgħu jissostitwixxu attiv primarju fuq bażi ta' kuljum,

– f'sistemi ta' allokazzjoni il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jippermettu s-sostituzzjoni ta' l-attiv primarju,

– il-BĊE jistgħu fi kwalunkwe ħin jiddeċiedu li jneħħu strumenti ta' debitu individwali mill-lista ta' l-istrumenti eliġibbli ta' l-ewwel saff ([71]).

6.4.2. *Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal attiv tat-tieni saff*

Il-miżuri xierqa ta' kontroll ta' riskju għall-attiv tat-tieni saff jithejjew mill-bank ċentrali nazzjonali li jkun inkluda l-attiv fil-lista tiegħu tat-tieni saff. L-applikazzjoni tal-miżuri ta' kontroll ta' riskju mill-banek ċentrali nazzjonali hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-BĊE. L-għan tal-eurosistema huwa li tiżgura kondizzjonijiet mhux diskriminatorji għall-attiv tagħha tat-tieni saff fiż-żona tal-euro kollha meta tistabbilixxi l-miżuri xierqa ta' kontroll ta' riskju. F'dan il-qafas, il-*valuation haircuts* applikati għall-attiv tat-tieni saff jirriflettu ir-riskji speċifiċi assoċjati ma' dan l-attiv u huma strinġenti mill-anqas daqs il-*valuation haircuts* applikati għall-attiv ta' l-ewwel saff. L-attiv tat-tieni saff huwa kklassifikat f'erba' gruppi differenti ta' *haircuts*, li jirriflettu d-differenzi fil-karatteristiċi finanzjarji intrinsiċi tagħhom u fil-likwidità tagħhom. Il-gruppi ta' likwidità u l-*valuation haircuts* għall-attiv tat-tieni saff huma deskritti f'Kaxxa 12.

([71]) Jekk, fiż-żmien ta' l-esklużjoni mil-lista ta' l-ewwel livell, strument tad-dejn ikun qiegħed jintuża minn operazzjoni ta' kreditu ta' l-Eurosystem, għandu jitneħħa mill-iktar fis possibbli.

KAXXA 12

**Livelli ta' *valuation haircuts* applikati għal attiv tat-tieni saff eliġibbli**

1. ***Valuation haircuts* applikati għal ekwitajiet:**

   **Tiġi applikata *valuation haircut* ta' 22 % għall-ekwitajiet eliġibbli kollha.**

2. ***Valuation haircuts* (%) applikati għal strumenti ta' debitu kkummerċjati b' likwidità limitata** (1):

| Maturità residwa (snin) | Kupun fiss | Kupun zero |
|---|---|---|
| 0–1 | 2 | 2 |
| 1–3 | 3,5 | 3,5 |
| 3–5 | 5,5 | 6 |
| 5–7 | 6,5 | 7 |
| 7–10 | 8 | 10 |
| >10 | 12 | 18 |

**Valuation haircuts applikati għal strumenti ta' rata ta' *inverse floating* tat-tieni saff:**

Il-*valuation haircuts* applikati għall-istrumenti kollha ta' rata ta' *inverse floating* tat-tieni saff huma identiċi għal dawk applikati għall-istrumenti ta' rata ta' *inverse floating* ta' l-ewwel saff.

3. ***Valuation haircuts* (%) applikati għal strumenti ta' debitu b' likwidità ristretta u karatteristiċi speċjali:**

| Maturità residwa (snin) | Kupun fiss | Kupun zero |
|---|---|---|
| 0–1 | 4 | 4 |
| 1–3 | 8 | 8 |
| 3–5 | 15 | 16 |
| 5–7 | 17 | 18 |
| 7–10 | 22 | 23 |
| >10 | 24 | 25 |

4. ***Valuation haircuts* applikati għal strumenti mhux ikkummerċjati:**

| | |
|---|---|
| *Trade bills*: | 4 % għal strumenti b' maturità residwa sa' sitt xhur. |
| Self bankarju: | 12 % għal self b'maturità residwa sa' sitt xhur; u<br>22 % għal self b' maturità residwa ta' bejn sitt xhur u sentejn. |

*Promissory notes* appoġġjati b' self fuq proprjetà: 22 %.

(1) Wieħed għandu jżomm f'moħħu li, għalkemm strumenti ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jikkonformawx strettament mal-kriterji stabbiliti fl-Artiklu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 fuq il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw obbligazzjonijiet għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kif emendata, normalment m' humiex eliġibbli għall-inklużjoni fil-listi ta' l-attiv tat-tieni saff. Madankollu, il-BĊE jista' jawtorizza lill-banek ċentrali nazzjonali li jinkludu attiv bħal dan fil-listi tagħhom tat-tieni saff skond ċertu kondizzjonijiet u restrizzjonijiet. Għal strumenti bħal dawn, tiġi applikata żieda ta' 10 % fuq il-*haircut* tat-tieni saff.

L-inklużjoni ta' assi tat-tieni livell fil-gruppi ta' likwidità li ġejjin hija proposta mill-banek ċentrali nazzjonali u hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-BĊE:

1. Investiment ta' kapital jew ishma b'imgħax mhux fiss

2. Strumenti tad-dejn b'likwidità limitata li jistgħu jkunu kkummerċjati

Il-maġġoranza ta' l-assi tat-tieni livell jaqgħu f'din il-kategorija. Għalkemm jista' jkun hemm xi differenzi fil-grad ta' likwidità, l-assi huma, ġeneralment, simili fil-fatt li għandhom suq sekondarju zgħir, il-prezzijiet ma jistgħux ikunu kkwotati kuljum u kummerċ tad-daqs normali jista' jiġġenera effetti fil-prezz.

3. Strumenti tad-dejn b'likwidità limitata u karatteristiċi speċjali

Dawn huma assi li, filwaqt li jgawdu minn xi aspetti ta' kummerċjabilità, għandhom bżonn ta' iżjed żmien biex ikunu likwidati fis-suq. Dan huwa l-każ ta' assi li huma ġeneralment mhux kummerċjabbli imma li għandhom karatteristiċi speċjali li jagħtuhom xi kummerċjabilità, inklużi proċeduri ta' rkant fis-suq (jekk ikun hemm bżonn li l-assi jkunu likwidati) u valutazzjoni tal-prezz kuljum.

4. Strumenti tad-dejn mhux kummerċjabbli

Dawn l-istrumenti huma fil-prattika mhux kummerċjabbli u għalhekk għandhom ftit jew l-ebda likwidità.

Għall-assi tat-tieni livell b'rati tal-kupuni varjabbli u strumenti tad-dejn b'iżjed minn tip wieħed ta' pagamenti bil-kupuni, l-istess regoli bħal ta' l-assi ta' l-ewwel livell japplikaw, sakemm mhux determinat b'mod ieħor mill-BĊE ([72]).

Il-banek ċentrali nazzjonali japplikaw l-istess punt biex jibdew (jekk applikabbli) l-esekuzzjoni tas-sejħiet marġinali għall-assi tat-tieni livell bħal dak ta' l-assi ta' l-ewwel livell. Barra dan, banek ċentrali nazzjonali jistgħu japplikaw limiti għall-aċċettazzjoni ta' assi tat-tieni livell, jistgħu jitolbu garanziji addizzjonali u jistgħu fi kwalunkwe żmien jiddeċiedu li jneħħu assi individwali mil-listi ta' assi tat-tieni livell tagħhom.

## 6.5. Prinċipji tal-valutazzjoni għall-assi tal-bażi

Meta jkun determinat il-valur ta' l-assi tal-bażi użati fit-transazzjonijiet irriversjati, l-Eurosystem tapplika il-prinċipji li ġejjin:

- għal kull assi kummerċjabbli eliġibbli fl-ewwel livell jew fit-tieni livell, l-Eurosystem tispeċifika fonti tar-referenza għall-prezz waħdana. Dan jimplika ukoll li għall-assi illistjati, ikkwotati jew negozjati f'iżjed minn suq wieħed, suq wieħed biss minnhom ikun użat bħala fonti tal-prezz għall-assi relevanti,
- għal kull suq ta' referenza, l-Eurosystem tiddefinixxi l-prezz l-iżjed rappreżentattiv li għandu jkun użat għall-kalkulazzjoni tal-valuri tas-suq. Jekk iżjed minn prezz wieħed ikun ikkwotat, l-iżjed prezz baxx (normalment il-prezz tal-bejgħ) jintuża,
- il-valur ta' l-assi kummerċjabbli huwa kkalkulat fuq bażi tal-prezz l-iżjed rappreżentattiv fil-ġurnata tan-negozju ta' qabel id-data tal-valutazzjoni,
- fin-nuqqas ta' prezz rappreżentattiv ta' assi partikolari fil-ġurnata tan-negozju ta' qabel id-data tal-valutazzjoni, l-aħħar prezz tan-negozju jkun użat. Jekk l-ebda prezz tan-negozju ma huwa disponibbli, il-bank ċentrali nazzjonali għandu jiddefinixxi prezz, b'kunsiderazzjoni għall-aħħar prezz li l-assi kellhom fis-suq tar-referenza,
- il-valur fis-suq ta' strument tad-dejn huwa kkalkulat inkluż l-interessi akkumulati,
- skond id-differenzi fis-sistemi legali nazzjonali u l-prattiċi operazzjonali, it-trattament tad-dħul ta' l-introjtu (eż. pagamenti bil-kupuni) relatat ma' assi riċevuti matul il-ħajja ta' transazzjoni irriversjata jista' jvarja bejn il-banek ċentrali nazzjonali. Jekk id-dħul ta' l-introjtu jkun trasferit lill-kontroparti, il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jassiguraw li l-operazzjonijiet relevanti jkunu koperti fis-sħiħ minn ammont biżżejjed ta' assi tal-bażi qabel ma l-introjtu jkun trasferit. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jassiguraw li l-effetti ekonomiċi tat-trattament tad-dħul ta' l-introjtu jkunu l-istess bħal ta' sitwazzjoni fejn l-introjtu jkun trasferit lill-kontroparti fil-ġurnata tal-pagament ([73]),
- għal assi tat-tieni livell mhux kummerċjabbli, il-bank ċentrali nazzjonali li nkluda l-assi fil-lista tat-tieni livell tiegħu jispeċifika prinċipji tal-valutazzjoni separati.

([72]) Għal xi assi tat-tieni livell b'rata ta' interess b'karatteristiċi ta' tqiegħid mill-ġdid, li fihom it-tqiegħid mill-ġdid ikun magħmul b'mod mhux ekwivoku u ċar skond standards tas-suq u suġġett għall-approvazzjoni tal-BĊE, il-maturità relevanti hi dik mogħtija mill-maturità ta' tqiegħid mill-ġdid.

([73]) Banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li ma jaċċettawx bħala assi tal-bażi fit-transazzjonijiet irriversjati strumenti tad-dejn bi dħul ta' l-introjtu (eż. pagament bil-kupuni) jew ekwitajiet ma' pagament ta' kwalunkwe tip (jew ma' kwalunkwe dritt ieħor mehmuż magħhom li jista' jaffettwa kemm ikunu adattati bħala assi tal-bażi) li jsiru fil-perjodu sal-ġurnata tal-maturità ta' l-operazzjoni tal-politika monetarja (ara Sezzjonijiet 6.2 u 6.3).

## 6.6. Użu trans-konfini ta' l-assi eliġibbli

Il-kontropartijiet ta' l-Eurosystem jistgħu jużaw assi eliġibbli fuq bażi trans-kunfini, jiġifieri jistgħu jiksbu fondi mill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih huma stabbiliti billi jagħmlu użu ta' assi li jinsabu fi Stat Membru ieħor. L-assi tal-bażi jridu jkunu jistgħu jintużaw fuq bażi trans-kunfini fiż-żona tal-euro kollha għall-għeluq ta' kull tip ta' operazzjonijiet li fihom l-Eurosystem tipprovdi likwidità għall-assi eliġibbli.

Kien żviluppat mekkaniżmu mill-banek ċentrali nazzjonali (u mill-BĊE) biex jassigura li l-assi eliġibbli kollha maħruġa/depożitati fiż-żona tal-euro jkunu jistgħu jintużaw fuq bażi trans-kunfini. Dan huwa l-mudell tal-bankjar ċentrali korrispondenti (CCBM), taħt liema il-banek ċentrali nazzjonali jaġixxu ta' kustodji ("korrispondenti") għal xulxin (u għall-BĊE) fir-rigward ta' l-assi aċċettati fid-depożitarju lokali jew is-sistema ta' issetiljament. Soluzzjonijiet speċifiċi jistgħu jintużaw għal assi mhux kummerċjabbli jew għal assi tat-tieni livell b'likwidità ristretta u karatteristiċi speċjali li ma jistgħux ikunu trasferiti permezz ta' SSS ([74]). Is-CCBM jista' jintuża biex ikunu kollaterati kull tip ta' operazzjonijiet ta' kreditu ta' l-Eurosystem. Minbarra is-CCBM, kollegamenti eliġibbli bejn l-SSSs jistgħu jintużaw għat-trasferiment trans-kunfini tas-sigurtajiet ([75]).

### 6.6.1. *Mudell tal-bankjar ċentrali korrispondenti*

Il-mudell tal-bankjar ċentrali korrispondenti huwa spjegat f'Ċart 3 hawn taħt.

ĊART 3

**Il-Mudell tal-bankjar ċentrali korrispondenti**




Il-banek ċentrali nazzjonali kollha jżommu kontijiet tas-sigurtà ma' xulxin għal skop ta' użu trans-kunfini ta' assi eliġibbli. Il-proċedura preċisa tas-CCBM tiddependi fuq jekk l-assi eliġibbli jkunux assenjati għal kull tranżazzjoni individwali jew jekk ikunux miżmuma f'pul ta' l-assi tal-bażi ([76]).

([74]) Dettalji huma pprovduti fil-"pamflet tal-Mudell tal-Bankjar Ċentrali Korrispondenti", li huwa disponibbli fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int).

([75]) Assi eliġibbli jistgħu jintużaw permezz ta' kont ta' bank ċentrali f'SSS li tinsab f'pajjiż ieħor li mhux dak tal-bank ċentrali involut jekk l-Eurosystem tkun approvat l-użu ta' tali kont. Minn wara Awissu 2000, il-Bank Ċentrali u l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda kien awtorizzat biex jiftaħ tali kont fil-Euroclear. Dan il-kont jista' jintuża għall-assi eliġibbli kollha miżmuma fil-Euroclear, jiġifieri inklużi assi eliġibbli trasferiti lill-Euroclear minn konnessjonijiet eliġibbli.

([76]) Ara l-"pamflet tal-Mudell tal-Bankjar Ċentrali Korrispondenti" għal iżjed spjegazzjonijiet.

– f'sistema ta' assenjazzjoni, hekk kif l-offerta tagħha għall-kreditu tkun aċċettata mill-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn il-kontroparti hija stabbilita (jiġifieri il-"bank ċentrali ta' pajjiżha"), il-kontroparti tistruwixxi (permezz tal-kustodju tagħha stess, jekk neċessarju) lill-SSS fil-pajjiż li fiha huma miżmuma is-sigurtajiet tagħha biex tittrasferihom lill-bank ċentrali ta' dak il-pajjiż għall-kont tal-bank ċentrali ta' pajjiżha. Meta l-bank ċentrali ta' pajjiżha jkun informat mill-bank ċentrali korrispondenti li l-kollaterali kien riċevut, dan jittrasferixxi l-fondi lill-kontroparti. Il-banek ċentrali ma jagħtux fondi bil-quddiem qabel ma jkunu ċerti li s-sigurtajiet tal-kontroparti kienu riċevuti mill-bank ċentrali korrispondenti. Fejn ikun neċessarju li jintlaħqu termini perentorji ta' issetiljament, il-kontropartijiet jistgħu jiddepożitaw minn qabel assi mal-bank ċentrali korrispondenti għall-kont tal-bank ċentrali ta' pajjiżhom permezz tal-proċeduri tas-CCBM,

– f'sistema ta' ippuljar, il-kontroparti tista' fi kwalunkwe żmien tipprovdi lill-bank ċentrali korrispondenti sigurtajiet għall-kont tal-bank ċentrali ta' pajjiżha. Meta l-bank ċentrali ta' pajjiżha jkun informat mill-bank ċentrali korrispondenti li s-sigurtajiet kienu riċevuti, dan iżid dawn is-sigurtajiet mal-kont tal-pul tal-kontroparti,

Is-CCBM huwa disponibbli għall-kontropartijiet mid-9 a.m. sa l-4 p.m. ħin tal-BĊE (C.E.T.) f'kull ġurnata tan-negozju ta' l-Eurosystem. Kontroparti li tixtieq tagħmel użu mis-CCBM għandha tavża lill-bank ċentrali nazzjonali li minnu tixtieq tirċievi l-kreditu – jiġifieri l-bank ċentrali ta' pajjiżha – qabel l-4 p.m. ħin tal-BĊE (C.E.T.). Barra dan, il-kontroparti għandha tassigura li l-kollateral biex ikunu assigurati operazzjonijiet ta' politika monetarja jasal fil-kont tal-bank ċentrali korrispondenti sa mhux iżjed tard mill-4.45 p.m. ħin tal-BĊE (C.E.T.). Istruzzjonijiet jew kunsinni li ma jħarsux dan it-terminu perentorju ma jkunux ikkunsidrati għall-għoti ta' kreditu qabel il-ġurnata tan-negozju ta' wara. Meta l-kontropartijiet jaraw minn qabel li se jkollhom bżonn jużaw is-CCBM tard fil-ġurnata, għandhom, fejn possibbli, jagħtu l-assi bil-quddiem (jiġifieri pre-depożitu ta' l-assi). F'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta mitlub għal skopijiet ta' politika monetarja, l-BĊE jista' jiddeċiedi li jestendi l-ħin ta' l-għeluq tas-CCBM sal-ħin ta' l-għeluq ta' TARGET.

6.6.2. *Konnessjonijiet bejn sistemi ta' issetiljar tas-sigurtajiet*

Barra is-CCBM, konnessjonijiet eliġibbli bejn SSSs ta' l-UE jistgħu jintużaw għat-trasferiment trans-kunfini tas-sigurtajiet.

ĊART 4

**Konnessjonijiet bejn sistemi ta' issetiljar tas-sigurtajiet**




Konnessjoni bejn żewġ SSSs tippermetti lil parteċipant f'waħda mill-SSSs ikollu sigurtajiet maħruġa f'SSS oħra mingħajr ma jkun parteċipant f'dik l-SSS l-oħra. Qabel ma dawn il-konnessjonijiet ikunu jistgħu jintużaw biex ikun trasferit kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosystem, għandhom ikunu assessjati u approvati skond in-normi għall-użu ta' l-SSSs ta' l-UE ([77]) ([78]).

([77]) Il-lista aġġornata tal-konnessjonijiet eliġibbli tista' tinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int).
([78]) Ara in-"Normi għall-użu tas-sistemi ta' l-issetiljar tas-sigurtajiet ta' l-UE għall-operazzjonijiet ta' kreditu tas-SEBĊ", Jannar 1998.

Mill-perspettiva ta' l-Eurosystem, is-CCBM u l-konnessjonijiet bejn żewġ SSSs għandhom l-istess funzjoni li jippermettu lill-kontropartijiet jużaw il-kollateral fuq bażi trans-kunfini, jiġifieri t-tnejn jagħtu l-possibilità lill-kontropartijiet li jużaw kollateral biex jiksbu kreditu mill-bank ċentrali ta' pajjiżhom, anki jekk dan il-kollateral kien maħruġ f'SSS ta' pajjiż ieħor. Is-CCBM u l-konnessjonijiet bejn żewġ SSSs jagħmlu din il-funzjoni b'modi differenti. Fis-CCBM, ir-relazzjoni trans-kunfini hija bejn il-banek ċentrali nazzjonali. Huma jaġixxu ta' kustodji għal xulxin. Meta jintużaw il-konnessjonijiet, ir-relazzjoni trans-kunfini hija bejn l-SSSs. Huma jiftħu kontijiet *omnibus* ma' xulxin. Assi depożitati f'bank ċentrali korrispondenti jistgħu jintużaw biss biex ikunu kollateralizzati operazzjonijiet ta' kreditu ta' l-Eurosystem. Assi miżmuma permezz ta' konnessjoni jistgħu jintużaw għall-operazzjonijiet ta' kreditu ta' l-Eurosystem kif ukoll għal kull skop ieħor magħżul mill-kontroparti. Meta jintużaw il-konnessjonijiet bejn l-SSSs, il-kontropartijiet jżommu l-assi fil-kont tagħhom stess fl-SSS ta' pajjiżhom u m'għandhomx bżonn ta' kustodju.

KAPITOLU 7

# 7. **RISERVI MINIMI** ([79])

## 7.1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Il-BĊE jitlob lill-istituzzjonijiet tal-kreditu biex iżommu riservi minimi fuq il-kontijiet mal-banek ċentrali nazzjonali fil-qafas tas-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem. Il-qafas legali ta' din is-sistema huwa stabbilit minn Artikolu 19 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni ta' riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew ([80]) u Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' riservi minimi (BĊE/2003/9) ([81]). L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi (BĊE/2003/9) tasssigura li t-termini u l-kondizzjonijiet tas-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem ikunu uniformi fiż-żona tal-euro kollha.

L-ammont ta' riservi minimi li għandu jkun miżmum minn kull istituzzjoni huwa stabbilit skond il-bażi tar-riserva tiegħu. Is-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem tagħti l-possiibilità lill-kontropartijiet li jagħmlu użu minn disposizzjonijiet medji, li timplika li l-konformità mat-talbiet tar-riservi hija determinata fuq bażi tal-medja tal-bilanċi fi tmiem il-ġurnata tal-kontijiet tar-riservi tal-kontropartijiet tul perjodu ta' manteniment. Riservi mitluba miżmuma mill-istituzzjonijiet huma rimunerati bir-rata ta' l-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid ta' l-Eurosystem.

Is-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem primarjament timmira li taqdi l-funzjonijiet monetarji li ġejjin:

– *Stabbilizzazzjoni tar-rati ta' l-interess tas-suq tal-flus*

  Id-disposizzjoni medja tas-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem timmira li tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tar-rati ta' l-interess tas-suq tal-flus billi tagħti lill-istituzzjonijiet inċentiv biex itaffu l-effetti tal-varjazzjonijiet temporanji tal-likwidità.

– *Ħolqien jew tkabbir ta' nuqqas ta' likwidità strutturali*

  Is-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem tikkontribwixxi għall-ħolqien jew tkabbir ta' nuqqas ta' likwidità strutturali. Din tista' tkun ta' għajnuna biex tittejjeb l-abbiltà ta' l-Eurosystem li taħdem b'mod effiċjenti bħala fornitur ta' likwidità.

Fl-applikazzjoni ta' riservi minimi, il-BĊE huwa marbut li jaġixxi skond l-għanijiet ta' l-Eurosystem kif definit fl-Artikolu 105(1) tat-Trattat u Artikolu 2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, li jimplika, fost ħwejjeġ oħra, il-prinċipju li ma jkunux kaġunati delokament jew diżintermedjazzjoni mhux mixtieqa.

## 7.2. Istituzzjonijiet suġġetti għal riservi minimi

Skond l-Artikolu 19.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jitlob lill-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fl-Istati Membri li jżommu riservi minimi. Dan jimplika li fergħat fiż-żona ta' l-euro ta' entitajiet mingħajr uffiċju reġistrat fiż-żona ta' l-euro huma suġġetti ukoll għas-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem. Madankollu, fergħat li jinsabu barra ż-żona ta' l-euro ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fiż-żona ta' l-euro m'humiex suġġetti għal din is-sistema.

---

([79]) Il-kontenut ta' dan il-kapitolu huwa pprovdut għal skopijiet ta' informazzjoni biss.
([80]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1.
([81]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

L-istituzzjonijiet ikunu awtomatikament eżentati mit-talbiet tar-riservi mill-bidu tal-perjodu tal-manteniment li fih l-awtorizzazzjoni tagħhom kienet irtirata jew mogħtija lura, jew li fih deċiżjoni li tressaq lill-istituzzjoni għal proċeduri stralċi tittieħed minn awtorità ġudizzjarja jew kwalunkwe awtorità oħra kompetenti ta' Stat Membru parteċipanti. Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew u Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi (BĊE/2003/9), il-BĊE jista' ukoll jeżenta lill-istituzzjonijiet mill-obbligi tagħhom taħt is-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem fuq bażi mhux diskriminatorja jekk l-għanijiet ta' din is-sistema ma jkunux jintlaħqu jekk ikunu imposti dawn l-obbligi fuq dawk l-istituzzjonijiet partikolari. Fid-deċiżjoni tiegħu dwar kwalunkwe eżenzjoni ta' dan it-tip, il-BĊE jikkunsidra wieħed jew iżjed mill-kriterji li ġejjin:

– l-istituzzjoni qed issegwi funzjonijiet b'għanijiet speċjali;

– l-istituzzjoni mhux qed teżerċita funzjonijiet bankarji attivi f'kompetizzjoni ma' istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn; u/jew

– l-istituzzjoni għandha d-depożiti kollha assenjati għal skopijiet marbuta ma' assistenza għal żvilupp reġjonali u/jew internazzjonali.

Il-BĊE jistabbilixxi u jżomm lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem. Il-BĊE jippubblika ukoll lista ta' kwalunkwe istituzzjonijiet li jkunu eżentati mill-obbligi tagħhom taħt din is-sistema għal raġunijiet oħra apparti li huma suġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni ([82]). Il-kontropartijiet jistgħu joqgħodu fuq dawn il-listi meta jiddeċiedu jekk il-passiv tagħhom għandux jingħata lil istituzzjoni oħra li hi stess hija suġġetta għat-talbiet tar-riservi. Il-listi, għad-disposizzjoni tal-pubbliku wara l-għeluq tan-negozju fl-aħħar ġurnata tan-negozju ta' l-Eurosystem ta' kull xahar, huma validi għall-kalkulazzjoni tal-bażi tar-riservi tal-perjodu tal-manteniment li jibda mix-xahar ta' xahrejn wara. Per eżempju, il-lista pubblikata fl-aħħar ta' Frar tkun valida għall-kalkulazzjoni tal-bażi tar-riservi tal-perjodu tal-manteniment li jibda f'April.

## 7.3. Determinazzjoni tar-riservi minimi

(a) Bażi tar-riservi u proporzjonijiet tar-riservi

Il-bażi tar-riservi ta' istituzzjoni jkun definit skond l-elementi tal-balance sheet. Id-data tal-balance sheet tkun irrapportata lill-banek ċentrali nazzjonali fil-qafas ta' l-istatistiċi tal-flus u l-bankjar tal-BĊE (ara Sezzjoni 7.5) ([83]). Għall-istituzzjonijiet suġġetti għat-talbiet ta' rapporti kompluti, id-data tal-balance sheet li tirreferi għat-tmiem tax-xahar speċifikat hija użata biex tkun determinata il-bażi tar-riservi minimi għall-perjodu ta' manteniment li jibda mix-xahar ta' xahrejn wara. Per eżempju, il-bażi tar-riservi kkalkulata mill-balance sheet ta' l-aħħar ta' Frar tkun użata biex ikunu kkalkulati t-talbiet tar-riservi li għandhom jiġu mħarsa mill-kontropartijiet fil-perjodu tal-manteniment li jibda f'April.

Il-qafas ta' l-irrapportar ta' l-istatistiċi tal-flus u l-bankjar tal-BĊE jinkludi l-possibilità li jtaffi ftit mill-piż ta' l-irrapportar minn fuq l-istituzzjonijiet iż-żgħar. L-istituzzjonijiet li għalihom tapplika din id-disposizzjoni huma mitluba jirrapportaw biss sett limitat ta' data tal-balance sheet fuq bażi ta' kull kwart ta' sena (bħala data ta' tmiem ta' kwart ta' sena) u b'terminu perentorju għall-irrapportar li huwa itwal minn dak għal istituzzjonijiet ikbar. Għal dawn l-istituzzjonijiet, id-data tal-balance sheet irrapportata għal kwart ta' sena speċifiku hija użata biex tkun determinata, b'intervall taż-żmien ta' xahrejn, il-bażi tar-riservi għat-tliet perjodi ta' manteniment tar-riservi konsekuttivi. Per eżempju, il-balance sheet ta' tmiem l-ewwel kwart ta' sena – Marzu – tkun valida għall-kalkulazzjoni tal-bażi tar-riservi tal-perjodi tal-manteniment li jibdew f'Ġunju, Lulju, u Awissu.

Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew, il-BĊE huwa intitolat li jinkludi l-passivi li ġejjin mill-aċċettazzjoni ta' fondi flimkien mal-passivi li ġejjin minn oġġetti mhux imniżżla fil-balance sheet fil-bażi tar-riservi ta' l-istituzzjonijiet. Fis-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem, il-kategoriji tal-passiv "depożiti" u "sigurtajiet tad-dejn maħruġa" biss huma fil-fatt inklużi fil-bażi tar-riservi (ara Kaxxa 13).

Passivi rigward istituzzjonijiet oħra inklużi fil-lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem u passivi rigward il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali m'humiex inklużi fil-bażi tar-riservi. Minħabba dan, għall-kategorija tal-passiv "sigurtajiet tad-dejn maħruġa" il-fornitur irid ikun jista' jipprova l-ammont attwali ta' dawn l-istrumenti miżmuma minn istituzzjonijiet oħra suġġetti għas-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem sabiex ikun intitolat li jnaqqashom mill-bażi tar-riservi. Jekk tali prova ma tkunx preżentata, il-fornituri jistgħu japplikaw tnaqqis standardizzat ta' perċentwali fissa ([84]) lil dan l-oġġett tal-balance sheet.

([82]) Il-listi huma disponibbli għall-pubbliku fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int).

([83]) Il-qafas ta' l-irrapportar għall-istatistiċi tal-flus u l-bankjar tal-BĊE huwa preżentat f'Anness 4.

([84]) Ara Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi (BĊE/2003/9). Iżjed informazzjoni relatata mal-proporzjon ta' nuqqas standardizzat tista' tinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int); ara ukoll is-siti ta' l-Eurosystem (Anness 5).

Il-proporzjonijiet tar-riservi huma determinati mill-BĊE suġġetti għall-limitu massimu speċifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-BĊE japplika proporzjon tar-riservi li mhux żero uniformi għall-parti l-kbira ta' l-oġġetti inklużi fil-bażi tar-riservi. Dan il-proporzjon tar-riservi huwa speċifikat mir-Regolament tal-BĊE dwar ir-riservi minimi. Il-BĊE jagħmel żero proporzjon tar-riservi fuq dawn il-kategoriji tal-passiv li ġejjin: "depożiti b'maturità miftiehma ta' iżjed minn sentejn", "depożiti ta' iżjed minn sentejn li jinfdew b'notifika", "repos" u "sigurtajiet tad-dejn b'maturità miftiehma ta' iżjed minn sentejn" (ara Kaxxa 13). Il-BĊE jista' fi kwalunkwe ħin ibiddel il-proporzjonijiet tar-riservi. Bidliet fil-proporzjonijiet tar-riservi jkunu mħabbra mill-BĊE qabel l-ewwel perjodu ta' manteniment li għalih il-bidliet ikunu effettivi.

KAXXA 13

**Bażi tar-riservi u proporzjonijiet tar-riservi**

**A. Passivi inklużi fil-bażi tar-riservi u li għaliha jkun applikat proporzjon tar-riservi posittiv**

Depożiti

- Depożiti ta' ġurnata
- Depożiti b'maturità miftiehma sa sentejn
- Depożiti sa sentejn li jinfdew b'notifika

Sigurtajiet ta-dejn maħruġa

- Sigurtajiet tad-dejn b'maturità miftiehma sa sentejn

**B. Passivi inklużi fil-bażi tar-riservi u li għandhom applikat żero proporzjon tar-riservi**

Depożiti

- Depożiti b'maturità miftiehma iżjed minn sentejn
- Depożiti ta' iżjed minn sentejn li jinfdew b'notifika
- Repos

Sigurtajiet tad-dejn maħruġa

- Sigurtajiet tad-dejn b'maturità miftiehma ta' iżjed minn sentejn

**Ċ. Passivi esklużi mill-bażi tar-riservi**

- Passivi rigward istituzzjonijiet oħra suġġetti għas-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem
- Passivi rigward il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali

(b) Kalkulazzjoni tat-talbiet tar-riservi

It-talba tar-riservi għal kull istituzzjoni individwali hija kkalkulata billi tkun applikata, ma' l-ammont ta' passivi eliġibbli, il-proporzjon tar-riservi tal-kategoriji korrispondenti tal-passivi.

Kull istituzzjoni tnaqqas konċessjoni ta' EUR 100 000 mit-talbiet tar-riservi tagħha f'kull Stat Membru li fih għandha stabbiliment. Din l-għotja ta' tali konċessjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet legali ta' l-istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema ta' riservi minimi ta' l-Eurosystem ([85]).

It-talba tar-riservi għal kull perjodu ta' manteniment hija maħduma sa l-eqreb euro.

([85]) Għall-istituzzjonijiet li tħallew jirrapportaw data statistiċi bħala grupp fuq bażi konsolidata skond id-disposizzjonijiet tal-qafas ta' l-irrapportar għall-istatistiċi tal-flus u l-bankjar tal-BĊE (ara Anness 4), konċessjoni waħda biss tingħata lill-grup fis-sħiħ tiegħu, għajr meta l-istituzzjonijiet jipprovdu data dwar il-bażi tar-riservi u ż-żamma tar-riservi b'mod dettaljat biżżejjed biex jippermetti lill-Eurosystem tivverifika l-akkuratezza u l-kwalità tagħhom u biex tiddetermina t-talba għar-riservi rispettiva għal kull istituzzjoni individwali inkluża fil-grupp.

### 7.4. Manteniment tas-sehem tar-riservi

(a) Perjodu ta' manteniment

Il-BĊE jippubblika kalendarju tal-perjodi ta' manteniment tar-riservi mill-inqas tliet xhur qabel il-bidu ta' kull sena ([86]). Il-perjodu ta' manteniment jibda fil-ġurnata ta' l-issetiljament ta' l-ewwel operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid wara l-laqgħa tal-Kunsill Regolatorju, li fiha l-istima tax-xahar tal-qagħda tal-politika monetarja tkun skedata bil-quddiem. Taħt ċirkustanzi speċjali, il-kalendarju pubblikat jista' jiġi emendat, skond, fost affarijiet oħra, tibdil fl-iskeda tal-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju.

(b) Sehem tar-riservi

Kull istituzzjoni trid iżżomm ir-riservi minimi tagħha f'wieħed jew iżjed kontijiet tar-riservi mal-bank ċentrali nazzjonali fl-Istat Membru li fih hija stabbilita. Għall-istituzzjonijiet b'iżjed minn stabbiliment wieħed fi Stat Membru, il-kwartier ġenerali huwa responsabbli li jissodisfa l-ammont tar-riservi minimi ta' l-istabbilimenti domestiċi kollha ta' l-istituzzjoni ([87]). Istituzzjoni li għandha stabbilimenti f'iżjed minn Stat Membru wieħed hija mitluba li żżomm riservi minimi mal-bank ċentrali nazzjonali ta' kull Stat Membru li fih għandha stabbiliment, skond il-bażi tar-riservi fl-Istat Membru korrispondenti.

Il-kontijiet ta' l-issetiljament li l-istituzzjonijiet għandhom mal-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jintużaw bħala kontijiet tar-riservi. Sehem tar-riservi f'kontijiet ta' l-issetiljament jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' issetiljament matul l-istess ġurnata. Is-sehem tar-riservi ta' kuljum ta' istituzzjoni huwa ikkalkulat bħala l-bilanċ ta' tmiem il-ġurnata tal-kont tar-riservi tagħha.

Istituzzjoni tista' tapplika mal-bank ċentrali nazzjonali fl-Istat Membru li fih l-istituzzjoni hija residenti għal permess biex iżżomm ir-riservi minimi kollha tagħha indirettament permezz ta' intermedjarju. Il-possibilità li żżomm ir-riservi minimi permezz ta' intermedjarju hi, bħala regola, ristretta għall-istituzzjonijiet li huma kostitwiti b'mod li parti mill-amministrazzjoni (eż. amministrazzjoni tat-teżor) tkun normalment effettwata mill-intermedjarju (eż. networks ta' banek tat-tfaddil u banek kooperattivi jistgħu jiċċentralizzaw is-sehem tar-riservi tagħhom). Iż-żamma ta' riservi minimi permezz ta' intermedjarju hija suġġetta għad-disposizzjonijiet speċifikati mir-Regolament tal-BĊE dwar ir-riservi minimi.

(ċ) Rimunerazzjoni tas-sehem tar-riservi

Ishma ta' riservi mitluba huma rimunerati bil-medja, tul il-perjodu ta' manteniment, tar-rata tal-BĊE (meqjusa skond l-ammont ta' ġranet) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, ikkalkulata bil-formula speċifikata f'Kaxxa 14. Is-sehem tar-riservi li jaqbżu ir-riservi mitluba m'humiex rimunerati. Ir-rimunerazzjoni hija mħallsa fit-tieni ġurnata tan-negozju tal-BĊN wara t-tmiem tal-perjodu ta' manteniment li fih ir-rimunerazzjoni kienet miksuba.

---

([86]) Il-kalendarju huwa normalment imħabbar fi stqarrija tal-BĊE, li għandha tinstab fis-sit tal-BĊE (www.ecb.int). Barra dan, tali kalendarju huwa ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fis-siti tal-Banek Ċentrali Nazzjonali.

([87]) Jekk istituzzjoni m'għandhiex kwartieri ġenerali fi Stat Membru li fih għandha stabbiliment, hi għandha tinnomina fergħa prinċipali li tkun responsabbli li tissodisfa t-talbiet ta' l-ammont tar-riservi minimi ta' l-istabbilimenti kollha ta' l-istituzzjoni fl-Istat Membru relevanti.

KAXXA 14

**Kalkulazzjoni tar-rimunerazzjoni tas-sehem tar-riservi mitluba**

Is-sehem tar-riservi mitluba huwa rimunerat skond il-formula li ġejja:

$$R_t = \frac{H_t \cdot n_t \cdot r_t}{100 \cdot 360}$$

$$r_t = \sum_{i=1}^{n_t} \frac{MR_i}{n_t}$$

Fejn:

$R_t$ = rimunerazzjoni li għandha titħallas fis-sehem tar-riservi mitluba għall-perjodu ta' manteniment *t*.

$H_t$ = sehem medju fil-ġurnata tar-riservi mitluba għall-perjodu ta' manteniment *t*.

$n_t$ = ammont ta' ġranet fil-perjodu ta' manteniment *t*.

$r_t$ = rata ta' rimunerazzjoni tas-sehem tar-riservi mitluba għall-perjodu ta' manteniment *t*. Ir-rata tar-rimunerazzjoni għandha tkun maħduma sa żewġ deċimali.

$i$ = ġurnata *i* tal-perjodu ta' manteniment *t*.

$MR_i$ = rata ta' interess marġinali għall-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid l-iżjed reċenti issetiljata qabel jew fil-ġurnata *i*.

## 7.5. Rapportar, rikonoxximent u verifika tal-bażi tar-riservi

L-oġġetti tal-bażi tar-riservi għall-applikazzjoni tar-riservi minimi huma kkalkulati mill-istituzzjonijiet suġġetti għar-riservi minimi stess u huma rrapportati lill-banek ċentrali nazzjonali fi ħdan il-qafas ġenerali ta' l-istatistiċi tal-flus u l-bankjar tal-BĊE (ara Anness 4). Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi (BĊE/2003/9) jiddefinixxi proċeduri għan-notifika u r-rikonoxximent tal-bażi tar-riservi u t-talba tar-riservi ta' l-istituzzjoni.

Il-proċedura tan-notifika u r-rikonoxximent tar-riservi minimi ta' istituzzjoni hija kif ġej. Jew il-bank ċentrali nazzjonali li qed jipparteċipa relevanti jew l-istituzzjoni tieħu l-inizjattiva li tikkalkula r-riservi minimi ta' dik l-istituzzjoni għall-perjodu ta' manteniment relevanti. Ir-riservi minimi kkalkulati jkunu notifikati mill-parti kalkulanti mhux iżjed tard minn tliet ijiem tan-negozju tal-BĊN qabel il-bidu tal-perjodu ta' manteniment. Il-bank ċentrali nazzjonali li qed jipparteċipa relevanti jista' jispeċifika ġurnata iżjed kmieni bħala limitu taż-żmien għan-notifika tar-riservi minimi. Jista' ukoll jispeċifika limiti taż-żmien addizzjonali biex l-istituzzjoni tinnotifika kwalunkwe reviżjoni għall-bażi tar-riservi, u kwalunkwe reviżjonijiet tar-riservi minimi notifikati. Il-parti notifikata għandha tirrikonoxxi r-riservi minimi kkalkulati mhux iżjed tard mill-ġurnata tan-negozju tal-BĊN qabel il-bidu tal-perjodu ta' manteniment. Jekk il-parti notifikata ma tweġibx għan-notifika sa tmiem il-ġurnata tan-negozju tal-BĊN qabel il-bidu tal-perjodu ta' manteniment, għandha tkun mifhuma li rrikonoxxiet l-ammont tar-riservi minimi ta' l-istituzzjoni għall-perjodu ta' manteniment relevanti. Wara li jkunu rikonoxxuti, ir-riservi minimi ta' l-istituzzjoni għall-perjodu ta' manteniment relevanti ma jistgħux ikunu riveduti.

Għall-istituzzjonijiet li jitħallew jaġixxu bħala intermedjarji għas-sehem ta' riservi indiretti ta' istituzzjonijiet oħra, talbiet għal rapportar speċjali huma speċifikati fir-Regolament tal-BĊE dwar ir-riservi minimi. Iż-żamma tar-riservi permezz ta' intermedjarju ma jbiddilx l-obbligi tar-rapportar statistiku ta' l-istituzzjonijiet li jżommu r-riservi permezz ta' intermedjarju.

Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali għandhom id-dritt, skond l-intenzjoni tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew, li jivverifikaw l-akkuratezza u l-kwalità tad-data miġbura.

## 7.6. Nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet tar-riservi minimi

Ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet tar-riservi minimi jekk il-medja tal-bilanċi ta' tmiem il-ġurnata tal-kont/ijiet tar-riservi ta' l-istituzzjoni matul il-perjodu ta' manteniment tkun inqas mit-talba tar-riservi tagħha għall-perjodu ta' manteniment korrispondenti.

Fejn istituzzjoni tonqos li tkun konformi mat-talbiet tar-riservi jew parti minnhom, il-BĊE jista', skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew, jimponi kwalunkwe waħda mis-sanzjonijiet li ġejjin:

– pagament sa 5 punti perċentwali iżjed mir-rata marġinali tas-self, miżjuda ma' l-ammont tat-talba tar-riservi li l-istituzzjoni relevanti naqset li tipprovdi; jew

– pagament sa darbtejn iżjed tar-rata marġinali tas-self, miżjuda ma' l-ammont tat-talba tar-riservi li l-istituzzjoni relevanti naqset li tipprovdi; jew

– it-talba għall-istituzzjoni relevanti li tagħmel depożiti mingħajr interessi mal-BĊE jew mal-banek ċentrali nazzjonali li jammontaw sa tliet darbiet iżjed l-ammont tat-talba tar-riservi li l-istituzzjoni relevanti naqset li tipprovdi. Il-maturità tad-depożitu ma tistax teċċedi l-perjodu matul liema l-istituzzjoni naqset li tkun konformi mat-talba tar-riservi.

Fejn istituzzjoni tonqos li tkun konformi ma' l-obbligazzjonijiet l-oħra taħt ir-Regolamenti tal-BĊE u d-Deċiżjonijiet relatati mas-sistema tar-riservi minimi ta' l-Eurosystem (eż. jekk data relevanti ma tkunx mibgħuta fil-hin jew ma tkunx preċiża), il-BĊE huwa awtorizzat li jimponi sanzjonijiet skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jimponi sanzjonijiet u r-Regolament tal-BĊE tat-23 ta' Settembru 1999 dwar is-setgħat tal-BĊE li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4). Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jispeċifika u jippubblika l-kriterji skond liema japplika s-sanzjonijiet provvduti minn Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-riservi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew ([88]).

Barra dan, f'każ ta' infrazzjonijiet serji tat-talbiet tar-riservi minimi, l-Eurosystem tista' tissospendi lill-kontropartijiet mill-parteċipazzjoni fl-operazzjonijiet fis-suq miftuħ.

---

([88]) Tali kriterji kienu ppubblikati f'notifika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej tal-11 ta' Frar 2000 intitolata "Notifika tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-imposizzjoni ta' sanzjonijiet għall-ksur ta' l-obbligu li jinżammu riservi minimi".

*ANNESS*

*ANNESS 1*

**Eżempji ta' operazzjonijiet u proċeduri tal-politika monetarja**

*Lista ta’ eżempji*

Eżempju 1 Offerta ta’ transazzjoni irriversjata li tipprovdi likwidità b’rata fissa

Eżempju 2 Offerta ta’ transazzjoni irriversjata li tipprovdi likwidità b’rata varjabbli

Eżempju 3 Offerta tal-ħruġ taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE b’rata varjabbli

Eżempju 4 Offerta ta’ tibdil ta’ skambji ma’ barra li tassorbi l-likwidità b’rata varjabbli

Eżempju 5 Offerta ta’ tibdil ta’ skambji ma’ barra li tipprovdi l-likwidità b’rata varjabbli

Eżempju 6 Miżuri tal-kontroll tar-riskju

EŻEMPJU Nru. 1

**Operazzjoni temporanja ta' finanzjament permezz ta' ħruġ ta' offerti b'rata fissa**

Il-BĊE jiddeċiedi li joħloq likwidità fis-suq permezz ta’ operazzjoni temporanja organizzata bi proċedura ta’ ħruġ ta’ offerti b’rata fissa.

Tlett kontroparti jippreżentaw dawn l-offerti:

| **Kontroparti** | **Offerta** (f'miljuni ta’ EUR) |
|---|---|
| Bank 1 | 30 |
| Bank 2 | 40 |
| Bank 3 | 70 |
| **Total** | 140 |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka total ta’ 105 miljun EUR.

Il-perċentwali ta’ l-allokazzjoni hija:

$$\frac{105}{(30 + 40 + 70)} = 75\,\%$$

L-allokazzjoni tal-kontropartijiet hija:

| **Kontroparti** | **Offerta** (miljuni ta’ EUR) | **Allokazzjoni** (miljuni ta’ EUR) |
|---|---|---|
| Bank 1 | 30 | 22,5 |
| Bank 2 | 40 | 30,0 |
| Bank 3 | 70 | 52,5 |
| **Totali** | 140 | 105,0 |

EŻEMPJU Nru. 2

**Operazzjoni temporanja ta' finanzjament permezz ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li joħloq likwidità fis-suq permezz ta' operazzjoni temporanja organizzata bi proċedura ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli.

Tlett kontropartijiet jippreżentaw dawn l-offerti:

| **Rata ta' l-Interess** (%) | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total ta' l-Offerti** | **Offerti kumulattivi** |
| 3,15 | | | | 0 | 0 |
| 3,10 | | 5 | 5 | 10 | 10 |
| 3,09 | | 5 | 5 | 10 | 20 |
| 3,08 | | 5 | 5 | 10 | 30 |
| 3,07 | 5 | 5 | 10 | 20 | 50 |
| 3,06 | 5 | 10 | 15 | 30 | 80 |
| 3,05 | 10 | 10 | 15 | 35 | 115 |
| 3,04 | 5 | 5 | 5 | 15 | 130 |
| 3,03 | 5 | | 10 | 15 | 145 |
| **Total** | 30 | 45 | 70 | 145 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka 94 miljun EUR, u għaldaqstant ir-rata marġinali ta' l-interessi hija ta' 3,05 %.

L-offerti kollha li jaqbżu t-3,05 % (għal ammont kumulattiv ta' 80 miljun EUR) huma milqugħa kollha. B'rata ta' 3,05 % il-perċentwali ta' l-allokazzjoni hija:

$$\frac{94 - 80}{35} = 40\,\%$$

Għaldaqstant, bħala eżempju, l-allokazzjoni lill-Bank 1 bir-rata marġinali ta'l-interessi, hija:

$$0{,}4 \times 10 = 4$$

L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 4 = 14$$

Ir-riżultati ta' l-allokazzjoni jistgħu jitqassru kif ġej:

| **Kontroparti** | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total** |
| **Offerti totali** | 30,0 | 45,0 | 70,0 | 145 |
| **Allokazzjoni totali** | 14,0 | 34,0 | 46,0 | 94 |

F'każ li l-allokazzjoni ssir permezz ta' rkant b'rata waħda (rkant tat-tip Olandiż), ir-rata ta' l-interess applikata għall-ammonti allokati lill-kontropartijiet hija ta' 3.05 %.

F'każ li l-allokazzjoni ssir permezz ta' rkant b'diversi rati (rkant tat-tip Amerikan), ma tkunx applikata rata ta' l-interess waħda għall-ammonti allokati lill-kontropartijiet; per eżempju, Bank 1 jirċievi 5 miljuni ta' EUR bir-rata ta' 3,07 %, 5 miljuni ta' EUR bir-rata ta' 3,06 % u 4 miljuni ta' EUR bir-rata ta' 3,05 %.

EŻEMPJU Nru. 3

**Ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu tal-BĊE permezz ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li jassorbi likwidità mis-suq billi joħroġ ċertifikati ta' debitu permezz ta' proċedura ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli.

Tlett kontropartijiet jagħmlu dawn l-offerti:

| **Rata ta' l-Interess** (%) | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total ta' l-Offerti** | **Offerti kumulattivi** |
| 3,00 | | | | 0 | 0 |
| 3,01 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 3,02 | 5 | 5 | 5 | 15 | 25 |
| 3,03 | 5 | 5 | 5 | 15 | 40 |
| 3,04 | 10 | 5 | 10 | 25 | 65 |
| 3,05 | 20 | 40 | 10 | 70 | 135 |
| 3,06 | 5 | 10 | 10 | 25 | 160 |
| 3,08 | 5 | | 10 | 15 | 175 |
| 3,10 | | 5 | | 5 | 180 |
| **Total** | 55 | 70 | 55 | 180 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka ammont nominali ta' 124,5 miljuni ta' EUR, u għaldaqstant ir-rata marġinali ta' l-interessi hija ta' 3,05 %.

L-offerti kollha taħt it-3.05 % (għall-ammont kumulattiv ta' 65 miljuni ta' EUR) huma sodisfatti kompletament. B'rata ta' 3,05 % il-perċentwali ta' l-allokazzjoni hija:

$$\frac{124{,}5 - 65}{70} = 85\,\%$$

Għaldaqstant, bħala eżempju, l-allokazzjoni lill-Bank 1 bir-rata marġinali ta' l-interessi, hija:

$$0{,}85 \times 20 = 17$$

L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 5 + 10 + 17 = 42$$

Ir-riżultati ta' l-allokazzjoni jistgħu jitqassru kif ġej:

| **Kontroparti** | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total** |
| **Offerti totali** | 55,0 | 70,0 | 55,0 | 180,0 |
| **Allokazzjoni totali** | 42,0 | 49,0 | 33,5 | 124,5 |

EŻEMPJU Nru. 4

**Tpartit ta' munita barranija biex tkun assorbita l-likwidità permezz ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li jassorbi l-likwidità fis-suq permezz ta' operazzjoni ta' tpartit ta' munita barranija fuq ir-rata euro/dollaru amerikan permezz ta' proċedura ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli. (Nota: F'dan l-eżempju, il-euro huwa innegozjat bi primjum.)

Tlett kontropartijiet jagħmlu dawn l-offerti:

| **Punti ta' tpartit** (× 10,000) | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total ta' l-Offerti** | **Offerti kumulattivi** |
| 6,84 | | | | 0 | 0 |
| 6,80 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 6,76 | 5 | 5 | 5 | 15 | 25 |
| 6,71 | 5 | 5 | 5 | 15 | 40 |
| 6,67 | 10 | 10 | 5 | 25 | 65 |
| 6,63 | 25 | 35 | 40 | 100 | 165 |
| 6,58 | 10 | 20 | 10 | 40 | 205 |
| 6,54 | 5 | 10 | 10 | 25 | 230 |
| 6,49 | | 5 | | 5 | 235 |
| **Total** | 65 | 90 | 80 | 235 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jassenja 158 miljuni ta' euro, u għaldaqstant il-punti ta' tpartit marġinali huma ta' 6,63. L-offerti kollha ta' aktar minn 6,3 (għall-ammont kumulattiv ta' 65 miljuni ta' EUR) huma sodisfatti kompletament. B' 6,63 il-perċentwali ta' l-allokazzjoni hija:

$$\frac{158 - 65}{100} = 93\,\%$$

Għaldaqstant, bħala eżempju, l-allokazzjoni lill-Bank 1 bil-punti ta' tpartit marġinali, hija:

$$0,93 \times 25 = 23,25$$

L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 5 + 10 + 23,25 = 48,25$$

Ir-riżultati ta' l-allokazzjoni jistgħu jitqassru kif ġej:

| **Kontroparti** | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total** |
| **Offerti totali** | 65,0 | 90,0 | 80,0 | 235,0 |
| **Allokazzjoni totali** | 48,25 | 52,55 | 57,20 | 158,0 |

Il-BĊE jistabilixxi l-punt tar-rata ta' skambju bejn il-euro u d-dollaru amerikan bħala 1,1300.

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssir permezz ta' rkant b'rata waħda (rkant tat-tip Olandiż), fil-jum ta' meta tinbeda din l-operazzjoni l-Eurosistema tixtri 158 000 000 EUR u tbiegħ 178 540 000 dollari amerikani. Fil-jum ta' meta tintemm din l-operazzjoni, il-Eurosistema tbiegħ 158 000 000 EUR u tixtri 178 644 754 dollari amerikani (ir-rata ta' skambju fi tmiem l-operazzjoni hija 1,130663 = 1,1300 + 0,000663).

F'każ li l-proċedura ta' allokazzjoni ssir permezz ta' irkant b' diversi rati (rkant tat-tip Amerikan), il-Eurosistema tibdel l-ammonti ta' euro u ta' dollaru amerikan kif indikati f'din it-tabella:

| Operazzjonijiet fil-bidu | | | Operazzjonijiet fit-tmiem | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' skambju | Euro mixtrijin | Dollari amerikani mibjughin | Rata ta' skambju | Euro mibjughin | Dollari amerikani mixtrijin |
| 1,1300 | | | 1,130684 | | |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130680 | 10 000 000 | 11 306 800 |
| 1,1300 | 15 000 000 | 16 950 000 | 1,130676 | 15 000 000 | 16 960 140 |
| 1,1300 | 15 000 000 | 16 950 000 | 1,130671 | 15 000 000 | 16 960 065 |
| 1,1300 | 25 000 000 | 28 250 000 | 1,130667 | 25 000 000 | 28 266 675 |
| 1,1300 | 93 000 000 | 105 090 000 | 1,130663 | 93 000 000 | 105 151 659 |
| 1,1300 | | | 1,130658 | | |
| 1,1300 | | | 1,130654 | | |
| 1,1300 | | | 1,130649 | | |
| **Total** | 158 000 000 | 178 540 000 | | 158 000 000 | 178 645 339 |

EŻEMPJU Nru. 5

**Tpartit ta' munita barranija biex tinħoloq il-likwidità permezz ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li joħloq il-likwidità fis-suq permezz ta' operazzjoni ta' tpartit ta' munita barranija fuq ir-rata euro/dollaru amerikan permezz ta' proċedura ta' ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli. (Nota: F'dan l-eżempju, il-euro huwa innegozjat bi primjum.)

Tlett kontropartijiet jagħmlu dawn l-offerti:

| **Punti ta' tpartit** (× 10,000) | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total ta' l-Offerti** | **Offerti kumulattivi** |
| 6,23 | | | | | |
| 6,27 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 6,32 | 5 | | 5 | 10 | 20 |
| 6,36 | 10 | 5 | 5 | 20 | 40 |
| 6,41 | 10 | 10 | 20 | 40 | 80 |
| 6,45 | 20 | 40 | 20 | 80 | 160 |
| 6,49 | 5 | 20 | 10 | 35 | 195 |
| 6,54 | 5 | 5 | 10 | 20 | 215 |
| 6,58 | | 5 | | 5 | 220 |
| **Total** | 60 | 85 | 75 | 220 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka 197 miljuni ta' euro, u għaldaqstant il-punti ta' tpartit marġinali huma ta' 6,54. L-offerti kollha ta' anqas minn 6,54 (għall-ammont kumulattiv ta' 195 miljuni ta' EUR) huma sodisfatti kompletament. B'6,54 il-perċentwali ta' l-allokazzjoni hija:

$$\frac{197 - 195}{20} = 10\,\%$$

Għaldaqstant, bħala eżempju, l-allokazzjoni lill-Bank 1 bil-punti ta' tpartit marġinali, hija:

$$0,10 \times 5 = 0,5$$

L-allokazzjoni totali lill-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 10 + 10 + 20 + 5 + 0,5 = 55,5$$

Ir-riżultati ta' l-allokazzjoni jistgħu jitqassru kif ġej:

| **Kontroparti** | **Ammont** (f'miljuni ta' EUR) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | **Total** |
| **Offerti totali** | 60,0 | 85,0 | 75,0 | 220 |
| **Allokazzjoni totali** | 55,5 | 75,5 | 66,0 | 197 |

Il-BĊE jistabilixxi l-punt tar-rata ta' skambju bejn il-euro u d-dollaru amerikan bħala 1,1300.

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssir permezz ta' rkant b'rata waħda (rkant tat-tip Olandiż), fil-jum ta' meta tinbeda din l-operazzjoni l-Eurosistema tbiegħ 197 000 000 EUR u tixtri 222 610 000 dollari amerikani. Fil-jum ta' meta tintemm din l-operazzjoni, il-Eurosistema tixtri 197 000 000 EUR u tbiegħ 222 738 838 dollari amerikani (ir-rata ta' skambju fi tmiem l-operazzjoni hija 1,130654 = 1,1300 + 0,000654).

F'każ li l-proċedura ta' allokazzjoni ssir permezz ta' irkant b' diversi rati (rkant tat-tip Amerikan), il-Eurosistema tibdel l-ammonti ta' euro u ta' dollaru amerikan kif indikati f'din it-tabella:

| **Operazzjonijiet fil-bidu** | | | **Operazzjonijiet fit-tmiem** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' skambju | Euro mibjugħin | Dollari amerikani mixtrijin | Rata ta' skambju | Euro mixtrijin | Dollari amerikani mibjugħin |
| 1,1300 | | | 1,130623 | | |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130627 | 10 000 000 | 11 306 270 |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130632 | 10 000 000 | 11 306 320 |
| 1,1300 | 20 000 000 | 22 600 000 | 1,130636 | 20 000 000 | 22 612 720 |
| 1,1300 | 40 000 000 | 45 200 000 | 1,130641 | 40 000 000 | 45 225 640 |
| 1,1300 | 80 000 000 | 90 400 000 | 1,130645 | 80 000 000 | 90 451 600 |
| 1,1300 | 35 000 000 | 39 550 000 | 1,130649 | 35 000 000 | 39 572 715 |
| 1,1300 | 2 000 000 | 2 260 000 | 1,130654 | 2 000 000 | 2 261 308 |
| 1,1300 | | | 1,130658 | | |
| **Total** | 197 000 000 | 222 610 000 | | 197 000 000 | 222 736 573 |

EŻEMPJU Nru. 6

**Miżuri għall-kontroll tar-riskji**

Dan l-eżempju jispjega s-sistema ta' kontroll tar-riskji applikata fir-rigward ta' l-assi wżati fl-operazzjonijiet tal-Eurosistema maħsuba biex joħolqu likwidità ([1]). Dan l-eżempju huwa ibbażat fuq l-ipotesi li kontroparti tieħu sehem f'dawn l-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema:

– operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, li tibda fit-28 ta' Lulju 2004 u li tispiċċa fl-4 ta' Awissu 2004, li fiha il-kontroparti tkun allokata 50 miljun EUR b'rata ta' l-interessi ta' 4,24 %;

– operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal, li tibda fid-29 ta' Lulju 2004 u li tispiċċa fil-21 ta' Ottubru 2004, li fiha l-kontroparti tkun allokata 45 miljum EUR b'rata ta' l-interessi ta' 4,56 %; u

– operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, li tibda fl-4 ta' Awissu 2004 u li tispiċċa fil-11 ta' Awissu 2004, li fiha l-kontroparti tkun allokata 35 miljun EUR b'rata ta' l-interessi ta' 4,26 %.

Il-karatteristiċi ta' l-assi involuti li jaqgħu fl-ewwel livell u li huma użati mill-kontroparti biex tkopri dawn l-attivitajiet huma speċifikati fit-Tabella 1, hawn taħt.

*Tabella 1 – Assi involuti, li jaqgħu fl-ewwel livell, użati fit-transazzjonijiet*

| Karatteristiċi | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Isem** | **Klassi ta' l-assi** | **Data ta' meta jimmaturaw** | **Definizzjoni taċ-ċertifikat ta' dividendi** | **Frekwenza taċ-ċertifikat ta' dividendi** | **Maturità residwa** | **Fdal fuq il-garanzija** |
| Assi A | Strument garantit b'assi | 29.8.2006 | Rata fissa | 6 xhur | Sentejn | 3,5 % |
| Assi B | Bond tal-gvern ċentrali | 19.11.2008 | Rata varjabbli | 12-il xahar | 4 snin | 0,5 % |
| Assi Ċ | Bond ta' kumpanija | 12.5.2015 | Bla rata | | Aktar minn 10 snin | 15,00 % |

**Prezzijiet f'perċentwali (inkluż l-interessi akkumulati) ([1])**

| **28.7.2004** | **29.7.2004** | **30.7.2004** | **2.8.2004** | **3.8.2004** | **4.8.2004** | **5.8.2004** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 102,63 | 101,98 | 100,55 | 101,03 | 100,76 | 101,02 | 101,24 |
| | 98,35 | 97,95 | 98,15 | 98,56 | 98,73 | 98,57 |
| | | | | 55,01 | 54,87 | |

([1]) Il-prezzijiet indikati għal kull data ta' valutazzjoni jikkorrispondu mal-prezz l-aktar rappreżentattiv fil-jum utli ta' qabel id-data ta' valutazzjoni.

*Sistema ta' "earmarking"*

L-ewwel nett, issir l-ipotesi li t-transazzjonijiet saru ma' bank ċentrali nazzjonali li juża sistema fejn l-assi involuti jkunu indikati għal kull transazzjoni u fejn dawn l-assi jkunu valutati kuljum. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll tar-riskji tkun tista' tiġi deskritta kif ġej (ara wkoll it-Tabella 2, aktar 'l isfel):

1. Fit-28 ta' Lulju 2004 il-kontroparti tagħmel transazzjoni ta' xiri mill-ġdid mal-bank ċentrali nazzjonali, li jixtri 50,6 miljun EUR ta' l-Assi A. L-Assi A huwa strument garantit b'assi b'ċertifikat ta' dividendi b'rata fissa li jimmatura fid-29 ta' Awissu 2006, jiġifieri b'maturità residwa ta' sentejn. Għaldaqstant, tkun meħtieġa valutazzjoni fuq il-fdal tal-garanzija ta' 3,5 %. Il-prezz tas-suq ta' l-Assi 1 fis-suq ta' referenza tiegħu f'dik il-ġurnata huwa 102,63 %, liema prezz jinkludi l-interess akkumulat fuq iċ-ċertifikat ta' dividendi. Il-kontroparti huma mitlub li jagħti ammont ta' Assi A, li wara t-tnaqqis tat-3,5 % bħala l-valutazzjoni tal-fdal tal-garanzija, jkun aktar mill-ammont allokat ta' 50 miljun EUR. Għaldaqstant, il-kontroparti jagħti l-Assi A għall-ammont nominali ta' 50,6 miljun EUR, b'valur tas-suq aġġustat ta' 50 113 203 EUR f'dik il-ġurnata.

2. Fid-29 ta' Lulju 2004 il-kontroparti tagħmel transazzjoni ta' xiri mill-ġdid mal-bank ċentrali nazzjonali, li jixtri 21 miljun EUR ta' l-Assi A (prezz tas-suq 101,98 %; valutazzjoni tal-fdal tal-garanzija 3,5 %) u 25 miljun EUR ta' l-Assi B (prezz tas-suq 98,35 %). L-Assi B huwa bond tal-gvern ċentrali b'ċertifikat ta' dividendi b'pagamenti b'rata varjabbli u li fir-rigward tiegħu hija applikata valutazzjoni tal-fdal tal-garanzija ta' 0,5 %. Il-valur fis-suq aġġustat ta' l-Assi A u ta' l-Assi B f'dik il-ġurnata huwa ta' 45 130 810 EUR, jiġifieri aktar mill-ammont meħtieġ ta' 45 000 000 EUR.

([1]) L-eżempju huwa ibbażat fuq l-ipotesi li, fil-kalkulazzjoni tal-ħtieġa ta' talba marġinali, jittieħed in konsiderazzjoni l-interess akkumulat fuq il-likwidità maħluqa u li jkun applikat punt ta' attivazzjoni ta' 0,5 % tal-likwidità maħluqa.

Fid-29 ta' Lulju 2004 jkunu ivvalutati mill-ġdid l-assi li fuqhom hija ibbażata l-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid mibdija fit-28 ta' Lulju 2004. Bi prezz tas-suq ta' 101,98 %, il-valur tas-suq bil-fdal tal-garanzija aġġustat ta' l-Assi A jibqa' bejn l-iżgħar u l-akbar ammonti ta' attivazzjoni. Għaldaqstant, it-titoli mogħtija fil-bidu bħala garanzija jkunu biżżejjed biex ikopru kemm l-ammont tal-bidu ta' likwidità maħluqa u kemm l-interess akkumulat li jammonta għal 5 889 EUR.

3. Fit-30 ta' Lulju 2004 l-assi bażiċi jkunu ivvalutati mill-ġdid: il-prezz tas-suq ta' l-Assi A huwa 100,55 % u l-prezz tas-suq ta' l-Assi B huwa 97,95 %. L-interess akkumulat jammonta għal 11 778 EUR fuq l-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid mibdija fit-28 ta' Lulju 2004 u għal 5 700 EUR fuq l-operazzjoni ta' finanzjament fuq perjodu itwal mibdija fid-29 ta' Lulju 2004. Għaldaqstant, l-valur tas-suq aġġustat ta' l-Assi A fl-ewwel transazzjoni jinżel taħt l-ammont tat-transazzjoni li kellu jkun kopert (jiġifieri l-likwidità maħluqa flimkien ma' l-interess akkumulat) b'914 218 EUR u anki taħt l-inqas livell ta' attivazzjoni ta' 49 761 719 EUR. Il-kontroparti tagħti 950 000 EUR ta' l-Assi A b'valur nominali li, wara li jitnaqqas 3,5 % bħala fdal tal-garanzija mill-valur tas-suq ibbażat fuq prezz ta' 100,55 %, jerġa' joħloq livell biżżejjed ta' garanzija ([1])

   Sejħa għal marġni hija meħtieġa wkoll fuq it-tieni transazzjoni minħabba li l-valur tas-suq aġġustat ta' l-assi wżati f'din it-transazzjoni (44 741 520 EUR) huwa iżgħar mill-anqas livell ta' attivazzjoni (44 780 672 EUR). Il-kontroparti, għaldaqstant, tagħti 270 000 EUR ta' l-Assi B b'valur tas-suq aġġustat ta' 263 143 EUR.

4. Fit-2 u t-3 ta' Awissu 2004 l-assi involuti jkunu ivvalutati mill-ġdid mingħajr ma dan iwassal għal xi sejħa għal marġni għat-transazzjonijiet magħmula fit-28 u fid-29 ta' Lulju 2004.

5. Fl-4 ta' Awissu 2004 l-kontroparti tħallas lura l-likwidità maħluqa taħt l-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid mibdija fit-28 ta' Lulju 2004, inkluż l-interess akkumulat ta' 41 222 EUR. Il-bank ċentrali nazzjonali jrodd lura 51 550 000 ta' l-Assi A f'valur nominali.

   Fl-istess jum, il-kontroparti tagħmel transazzjoni ġdida ta' xiri mill-ġdid mal-bank ċentrali nazzjonali, liema bank jixtri 75 miljun EUR ta' l-Assi Ċ b'valur nominali. Minħabba li l-Assi Ċ huwa bond ta' kumpanija b' ċertifikat ta' dividendi bla rata, b'maturità residwa ta' aktar minn 10 snin u li jeħtieġ valutazzjoni tal-fdal tal-garanzija ta' 15 %, f'dak il-jum, il-valur relattiv tas-suq aġġustat skond il-fdal tal-garanzija huwa ta' 35 068 875 %.

   Il-valutazzjoni mill-ġdid ta' assi li fuqhom hija ibbażata l-operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal mibdija fid-29 ta' Lulju 2004 turi li l-valur tas-suq aġġustat ta' l-assi ipprovvduti jaqbeż l-ogħla livell ta' attivazzjoni b'madwar 262 000 EUR u jwassal biex il-bank ċentrali nazzjonili jrodd lura 262 000 EUR ta' l-Assi B f'valur nominali lill-kontroparti ([2]).

*Sistema ta' pooling*

Fit-tieni nett, issir l-ipotesi li t-transazzjonijiet isiru ma' bank ċentrali nazzjonali li juża sistema ta' *pooling*. L-assi inklużi fil-*pool* ta' assi użati mill-kontroparti ma jkunux immarkati (*earmarked*) għal transazzjonijiet speċifiċi.

L-istess sekwenza ta' transazzjonijiet hija wżata f'dan l-eżempju bħal ma ntużat fl-ewwel eżempju li spjega s-sistema ta' *earmarking*. Id-differenza prinċipali hija li, fil-ġranet ta' valutazzjoni mill-ġdid, l-valur tas-suq aġġustat ta' l-assi kollha fil-*pool* jrid ikopri l-ammont totali ta' l-operazzjonijiet pendenti mal-bank ċentrali nazzjonali. Is-sejħa għal marġni ta' 1 178 398 EUR magħmula fit-30 ta' Lulju 2004 hija l-istess f'dan l-eżempju għal dik meħtieġa fil-każ tas-sistema ta' *earmarking*. Il-kontroparti tagħti 1 300 000 EUR ta' l-Assi A f'valur nominali li, wara li jitnaqqas 3,5 % bħala fdal tal-garanzija mill-valur tas-suq ibbażat fuq prezz ta' 100,55 %, jerġa' joħloq bizzejjed garanzija.

Barra minn hekk, fl-4 ta' Awissu 2004, meta timmatura l-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid mibdija fit-28 ta' Lulju 2004, il-kontroparti tista' żżomm l-assi fuq il-kont ta' pleġġ tagħha. Assi jista' jkun ukoll impartat ma' assi ieħor kif spjegat fl-eżempju, fejn 51,9 miljun EUR ta' l-Assi A b'valur nominali inbidlu ma' 75,5 miljun EUR ta' l-Assi Ċ b'valur nominali sabiex ikopri l-likwidità maħluqa u l-interess akkumulat taħt l-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament mill-ġdid.

Is-sistema ta' kontroll tar-riskju fis-sistema ta' *pooling* hija deskritta fit-Tabella 3.

---

([1]) Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmlu sejħiet marġinali fi flus kontanti minflok f'titoli.

([2]) Jekk il-bank ċentrali nazzjonali kellu jħallas marġni lill-kontroparti fir-rigward tat-tieni transazzjoni, dan il-marġni jista', f'ċerti każijiet, jkun kompensat flimkien mal-marġni mħallas lill-bank ċentrali nazzjonali mill-kontroparti fir-rigward ta' l-ewwel transazzjoni. Dan ifisser li jkun hemm biss ħlas wieħed ta' marġni.

*Tabella 2 – Sistema ta' Earmarking*

| Data | Transazzjonijiet pendenti | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Rata ta' l-interessi | Likwidità mahluqa |
|---|---|---|---|---|---|
| 28.7.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| 29.7.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 30.7.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 2.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 3.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 4.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 5.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |

| Interessi akkumulati | Ammont totali li għandu jkun kopert | L-anqas ammont ta' attivazzjoni | L-akbar ammont ta' attivazzjoni | Valur tas-suq aġġustat | Sejħa għal marġni |
|---|---|---|---|---|---|
| — | 50 000 000 | 49 750 000 | 50 250 000 | 50 113 203 | — |
| 5 889 | 50 005 889 | 49 755 859 | 50 255 918 | 49 795 814 | — |
| — | 45 000 000 | 44 775 000 | 45 225 000 | 45 130 810 | — |
| 11 778 | 50 011 778 | 49 761 719 | 50 261 837 | 49 097 560 | – 914 218 |
| 5 700 | 45 005 700 | 44 780 672 | 45 230 729 | 44 741 520 | – 264 180 |
| 29 444 | 50 029 444 | 49 779 297 | 50 279 592 | 50 258 131 | — |
| 22 800 | 45 022 800 | 44 797 686 | 45 247 914 | 45 152 222 | — |
| 35 333 | 50 035 333 | 49 785 157 | 50 285 510 | 50 123 818 | — |
| 28 500 | 45 028 500 | 44 803 358 | 45 253 643 | 45 200 595 | — |
| — | 35 000 000 | 34 825 000 | 35 175 000 | 35 068 875 | — |
| 34 200 | 45 034 200 | 44 809 029 | 45 259 371 | 45 296 029 | 261 829 |
| 4 142 | 35 004 142 | 34 829 121 | 35 179 162 | 34 979 625 | — |
| 39 900 | 45 039 900 | 44 814 701 | 45 265 100 | 45 043 420 | — |

*Tabella 3 – Sistema ta' Pooling*

| Data | Transazzjonijiet pendenti | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Rata ta' l-interessi | Likwidità maħluqa |
|---|---|---|---|---|---|
| 28.7.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| 29.7.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 30.7.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 2.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 3.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 4.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |
| 5.8.2004 | Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 |
| | Operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 |

| Interessi akkumulati | Ammont totali li għandu jkun kopert | L-anqas ammont ta' attivazzjoni ([1]) | L-akbar ammont ta' attivazzjoni ([2]) | Valur tas-suq aġġustat | Sejħa għal marġni |
|---|---|---|---|---|---|
| — | 50 000 000 | 49 750 000 | Ma japplikax | 50 113 203 | — |
| 5 889<br>— | 95 005 889 | 94 530 859 | Ma japplikax | 94 926 624 | — |
| 11 778<br>5 700 | 95 017 478 | 94 542 390 | Ma japplikax | 93 839 080 | – 1 178 398 |
| 29 444<br>22 800 | 95 052 244 | 94 576 983 | Ma japplikax | 95 487 902 | — |
| 35 333<br>28 500 | 95 063 833 | 94 588 514 | Ma japplikax | 95 399 949 | — |
| —<br>34 200 | 80 034 200 | 79 634 029 | Ma japplikax | 80 333 458 | — |
| 4 142<br>39 900 | 80 044 042 | 79 643 821 | Ma japplikax | 80 248 396 | — |

([1]) F'sistema ta' *pooling*, l-anqas ammont ta' attivazzjoni huwa l-anqas limitu għal sejħiet għal marġni. Fil-prattika, il-parti l-kbira tal-banek ċentrali nazzjonali jitolbu garanzija addizzjonali kull meta l-valur tas-suq aġġustat skond il-fdal tal-garanzija tal-*pool* tal-garanzija jinżel taħt l-ammont totali li għandu jkun kopert.

([2]) F'sistema ta' *pooling*, il-kunċett ta' l-akbar ammont ta' attivazzjoni mhux relevanti minħabba li l-kontroparti ħa jfittex dejjem ammont akbar ta' garanzija sabiex inaqqas it-transazzjonijiet operattivi.

*ANNESS 2*

**Glossarju**

**Aġent tal-ħlas *(Settlement agent)***: istituzzjoni li tiġġestixxi l-proċess ta' ħlas (per eżempju id-determinazzjoni tal-posizzjonijiet ta' ħlas, il-kontroll ta' skambji ta' pagament, eċċ.) għal sistemi ta' trasferimenti jew arranġamenti oħra li jeħtieġu ħlas.

**Ammont minimu allokat *(Minimum allotment amount)***: l-iżgħar limitu ta' l-ammont li ħa jkun allokat lil kontropartijiet individwali f'operazzjoni ta' ħruġ ta' offerti. Il-Eurosistema tista' tiddeċiedi li talloka ammont minimu lil kull kontroparti fl-operazzjonijiet ta' ħruġ ta' offerti tagħha.

**Assi ta' l-ewwel livell *(Tier one asset)***: assi negozjabbli li jissodisfa ċerti kriterji ta' eliġibilità li japplikaw b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha u li jkunu speċifikati mill-BĊE.

**Assi tat-tieni livell *(Tier two asset)***: assi, li jista' jkun hemm negozjabbli u kemm le, li fir-rigward tiegħu l-bank ċentrali nazzjonali jkun stabbilixxa kriterji speċifiċi ta' eliġibilità, liema kriterji jkunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-BĊE.

**Bank ċentrali nazzjonali (BĊN) *(National central bank (NCB))***: f'dan id-dokument tirreferi għal bank ċentrali ta' Stat Membru ta' l-UE li adotta l-munita waħdanija skond it-Trattat.

**Bażi ta' riserva *(Reserve base)***: it-total ta' l-oġġetti fuq il-*balance sheet* li jservu bħala l-bażi biex ikun ikkalkulat il-ħtieġa ta' riserva ta' istituzzjoni ta' kreditu.

**Bond b'ċertifikat ta' dividendi b'rata zero *(Zero coupon bond)***: titolu li jħallas *flow* ta' flus waħda matul il-perjodu ta' l-eżistenza tiegħu. Għall-għanijiet ta' dan id-dokument, bonds b'ċertifikat ta' dividendi b'rata zero jinkludu titoli maħruġa b'roħs u titoli li jagħtu ċertifikat ta' dividendi wieħed meta jimmaturaw. *Strip* hija tip speċjali ta' bond b'ċertifikat ta' dividendi b'rata zero.

**Ċertifikat ta' dividendi stabbilit minn qabel *(Pre-fixed coupon)***: ċertifikat ta' dividendi fuq strumenti b'rata varjabbli li huwa determinat fuq il-bażi tal-valuri meħuda mill-indiċi użat bħala referenza f'ċertu data (jew dati) qabel il-bidu tal-perjodu ta' maturazzjoni taċ-ċertifikat ta' dividendi.

**Ċertifikat ta' dividendi stabbilit wara *(Post-fixed coupon)***: ċertifikat ta' dividendi fuq strumenti b'rata varjabbli li huwa determinat fuq il-bażi tal-valuri meħuda mill-indiċi użat bħala referenza f'ċertu data (jew dati) matul il-perjodu ta' maturazzjoni taċ-ċertifikat ta' dividendi.

**Data tal-bidu *(Start date)***: id-data li fiha titħallas l-ewwel parti ta' operazzjoni ta' politika monetarja.Id-data tal-bidu tikkorrispondi mad-data tax-xiri fil-każ ta' operazzjonijiet ibbażati fuq ftehim ta' xiri mill-ġdid u tpartit f'muniti barranin.

**Data tal-ħlas *(Settlement date)***: id-data li fiha tkun imħallsa transazzjoni. Il-ħlas jista' jsir fl-istess jum bħat-transazzjoni (ħlas fl-istess jum) jew f'jum jew f'aktar minn jum wieħed wara li tkun saret it-transazzjoni (id-data tal-ħlas hija speċifikata bħala l-jum tat-transazzjoni (T) + il-perjodu sakemm isir il-ħlas).

**Data tal-maturità *(Maturity date)***: il-jum li fih tintemm operazzjoni ta' politika monetarja.Fil-każ ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew tpartit, id-data tal-maturità tikkorrispondi mad-data tax-xiri mill-ġdid.

**Data tal-valutazzjoni *(Valuation date)***: id-data li fiha jkunu valutati l-assi involuti f'operazzjonijiet ta' kreditu.

**Dematerjalizzazzjoni *(Dematerialisation)***: it-tneħħija għal kollox ta' ċertifikati jew dokumenti fiżiċi ta' titolu li jirrappreżentaw id-dritt għal assi finanzjarji b'tali mod li l-assi finanzjarji jeżistu biss bħala rekords f'kontijiet.

**Depożitarju *(Depository)***: aġent li r-rwol prinċipali tiegħu jkun li jirreġistra titoli b'mod fiżiku jew b'mod elettroniku u li jżomm rekords ta' min hu s-sid ta' dawn it-titoli.

**Depożiti b'maturit à predeterminata *(Deposits with agreed maturity)***: il-kategorija ta' strumenti magħmula prinċipalment minn depożiti li jimmaturaw wara ċertu żmien li, skond il-prattiċi nazzjonali, jistgħu jkunu ta' tip li ma jistgħux ikunu negozjati qabel id-data tal-maturità jew ta' tip li jistgħu jkunu negozjati kontra l-ħlas ta' penali. Din il-kategorija tinkludi wkoll xi strumenti mhux negozjabbli ta' debitu, bħal per eżempju ċertifikati mhux negozjabbli ta' depożitu (fis-suq tal-bejgħ bl-imnut).

**Depożiti li jistgħu jissarfu wara li jingħata avviż** ***(Deposits redeemable at notice)***: il-kategorija ta' strumenti magħmula minn depożiti li jeħtieġu li d-detentur jirrispetta perjodu stabbilit ta' avviż qabel ma jkun jista' jiġbed il-fondi. F'ċerti każijiet ikun hemm il-possibbiltà li jinġibed ċertu ammont fiss f'perjodu speċifiku jew li jinġibdu l-fondi qabel iżda kontra ħlas ta' penali.

**Emittenti** ***(Issuer)***: l-entità marbuta fuq titolu jew strument finanzjarju ieħor.

**Eurosistema** ***(Eurosystem)***: tinkludi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri taż-żona euro. L-organi tal-Eurosistema li għandhom ir-responsabbiltà u s-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet huma l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

**Faċilità permanenti** ***(Standing facility)***: faċilità tal-bank ċentrali disponibbli għall-kontropartijiet fuq inizjattiva tal-kontropartijiet infushom.Il-Eurosistema toffri żewġ faċilitajiet permanenti għal matul il-lejl: il-faċilità ta' self marġinali u l-faċilità ta' depożiti.

**Faċilità ta' depo żitu** ***(Deposit facility)***: faċilità permanenti tal-Eurosistema li tista' tintuża mill-kontropartijiet biex jagħmlu depożiti matul il-lejl f'bank ċentrali nazzjonali, liema depożiti jkunu irrimunerati b'rata ta' l-interessi speċifikata minn qabel.

**Faċilità ta' self marġinali** ***(Marginal lending facility)***: faċilità permanenti tal-Eurosistema li tista' tintuża minn kontropartijiet sabiex jirċievu kreditu matul il-lejl minn bank ċentrali nazzjonali b'rata ta' l-interessi speċifikata minn qabel kontra assi eliġibbli.

**Fdal tal-garanzija** ***(Haircut)***: ara *valutazzjoni ta' fdal tal-garanzija*

**Formula konvenzjonali biex ikunu ikkalkulati l-ġranet biex jinħadmu l-interessi** ***(Day-count convention)***: formula konvenzjonali li tirregola n-numru ta' ġranet inklużi fil-kalkulazzjoni ta' l-interessi fuq krediti. Il-Eurosistema tapplika din il-formula ta' ġranet effettivi/360 fl-operazzjonijiet ta' politika monetarja.

**Ftehim ta' xiri mill-ġdid** ***(Repurchase agreement)***: ftehim fejn assi jinbiegħ waqt li fl-istess ħin il-bejjiegħ jikseb id-dritt u l-obbligu li jerga' jixtrih bi prezz speċifiku f'data speċifika fil-futur jew fuq talba. Dan il-ftehim huwa simili għal self b'garanzija, bid-differenza li l-proprjetà tat-titoli ma tinżammx mill-bejjiegħ. Il-Eurosistema tuża ftehim ta' xiri mill-ġdid b'maturità stabbilita fit-transazzjonijiet temporanji tagħha.

**Ġbir ta' depożiti bi żmien determinat** ***(Collection of fixed-term deposits)***: strument ta' politika monetarja li jista' jintuża mill-Eurosistema għal skopijiet ta' *fine-tuning*, fejn il-Eurosistema toffri remunerazzjoni fuq id-depożiti bi żmien determinat li l-kontropartijiet ikollhom mal-banek sabiex tassorbi l-likwidità mis-suq.

**Ġranet effettivi/360*(Actual/360)***: formula konvenzjonali għall-kalkulazzjoni tal-ġranet biex jinħadmu l-interessi fuq kreditu. Skond din il-formula l-interessi jinħadmu fuq in-numru effettiv tal-ġranet tal-kalendarju li matulhom kien estiż il-kreditu, fuq il-bażi ta' sena bi 360 jum. L-Eurosistema tapplika din il-formula fl-operazzjonijiet ta' politika monetarja tagħha.

**Ġurnata kummerċjali tal-BĊN** ***(NCB business day)***: kwalunkwe ġurnata li fiha l-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru speċifiku jiftaħ bil-għan li jwettaq operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema. F'uħud mill-Istati Membri, fergħat tal-bank ċentrali nazzjonali jistgħu jkunu magħluqa fi ġranet kummerċjali tal-BĊN minħabba vaganzi tal-banek lokali jew reġjonali.F'każijiet bħal dawn, il-bank ċentrali nazzjonali konċernat ikun responsabbli biex jinforma l-kontropartijiet minn qabel dwar l-arranġamenti li jkunu ħa jsiru fir-rigward tat-transazzjonijiet li jinvolvu dawk il-fergħat.

**Ġurnata kummerċjali tal-Eurosistema** ***(Eurosystem business day)***: kwalunkwe ġurnata li fiha l-BĊE u ta' l-anqas bank ċentrali nazzjonali wieħed jkunu miftuħa bil-għan li jwettqu operazzjonijiet ta' politika monetarja fi ħdan il-Eurosistema

**Ħin BĊE** ***(ECB time)***: il-ħin fil-post fejn jinsab il-BĊE.

**Ħlas trans-konfini** ***(Cross-border settlement)***: ħlas li jsir f'pajjiż differenti mill-pajjiż jew pajjiżi fejn jinstab wieħed mill-partijet jew fejn jinstabu ż-żewġ partijiet fin-negozju.

**Ħruġ standard ta' offerti** ***(Standard tender)***: proċedura ta' ħruġ ta' offerti wżata mill-Eurosistema fl-operazzjonijiet regolari tagħha fis-suq miftuħ. Ħruġ standard ta' offerti jitwettqu f'perjodu ta' 24 siegħa. Il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw l-kriterji ġenerali ta' eliġibilità huma intitolati biex jissottomettu offerti fi ħruġ standard ta' offerti.

**Ħruġ ta' offerti b'rata fissa** ***(Fixed rate tender)***: proċedura ta' ħruġ ta' offerti fejn ir-rata ta' l-interessi hija speċifikata minn qabel mill-bank ċentrali u l-kontropartijiet li qegħdin jieħdu sehem jagħmlu offerti bl-ammonti ta' flus li huma jixtiequ jinnegozjaw bir-rata ta' l-interessi fissa.

**Ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli** ***(Variable rate tender)***: proċedura ta' ħruġ ta' offerti fejn il-kontropartijiet jagħmlu offerta bl-ammont ta' flus li jixtiequ jinnegozjaw mal-bank ċentrali u bir-rata ta' l-interess li fuq il-bażi tagħha jixtiequ li jagħmlu t-transazzjoni.

**Ħruġ ta' offerti fuq il-volum** ***(Volume tender)***: ara *ħruġ ta' offerti b'rata fissa*.

**Ħruġ ta' offerti veloċi** ***(Quick tender)***: il-proċedura ta' ħruġ ta' offerti wżata mill-Eurosistema għal operazzjonijiet ta' *fine-tuning* meta tkun tixtieq tagħmel impatt rapidu fuq is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq.Ħruġ ta' offerti veloċi jsiru fi żmien siegħa u huma ristretti għal numru limitat ta' kontropartijiet.

**Ħtieġa ta' riserva** ***(Reserve requirement)***: il-ħtieġa li titlob li istituzzjonijiet iżommu riservi minimi mal-bank ċentrali. Fis-sistema ta' riservi minimi tal-Eurosistema, il-ħtieġa ta' riserva ta' istituzzjoni ta' kreditu hija ikkalkulata billi, għal kull kategorija ta' oġġetti fil-bażi ta' riserva, l-proporzjon ta' riserva jkun immultiplikat bl-ammont ta' dawk l-oġġetti fuq il-*balance sheet* ta' l-istituzzjoni. Barra minn hekk, istituzzjonijiet inaqqsu konċessjoni ta' somma waħda u sħiħa mill-ħtieġa ta' riserva tagħhom.

**Irkant b'diversi rati (Irkant Amerikan)** ***Multiple rate auction (American auction)***: irkant fejn ir-rata ta' l-interessi ta' l-allokazzjonijiet (jew prezz/punt tat-tpartit) tkun daqs ir-rata ta' l-interessi offruta f'kull offerta individwali.

**Irkant b'rata wa ħda (Irkant Olandiż)** *Single rate auction (Dutch auction)*: irkant fejn ir-rata ta' l-interessi fuq l-allokazzjoni (jew prezz/*swap point*) applikata għall-offerti kollha milqugħa hija daqs ir-rata marġinali ta' l-interessi.

**Irkant Olandiz** ***(Dutch auction)***: ara *irkant b'rata waħda*.

**Irkant tat-tip Amerikan** ***(American auction)***: ara *irkant b'diversi rati*.

**Istituzzjoni finanzjarja monetarja (IFM)** ***(Monetary financial institution (MFI))***: istituzzjonijiet finanzjarji li flimkien jiffurmaw is-settur li joħroġ il-flus fiż-żona tal-euro. Dawn jinkludu banek ċentrali, istituzzjonijiet residenti ta' kreditu, kif definiti fil-liġi Komunitarja, u l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti mingħand entitajiet li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u, akkont tagħhom stess (ta' l-anqas f'termini ekonomiċi), li jagħtu kreditu u/jew jinvestu f'titoli.

**Istituzzjoni ta' kreditu** ***(Credit institution)***: f'dan id-dokument tirreferi għal istituzzjoni li taqa' taħt id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-istabbilizazzjoni u l-ġestjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif emendata bid-Direttiva 2000/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000. Jiġifieri, istituzzjoni ta' kreditu hija:(i) impriża li n-negozju tagħha huwa li tirċievi depożiti jew fondi oħra ripagabbli mingħand il-pubbliku u li tagħti kreditu għal kont tagħha, jew (ii) impriża jew xi persuna oħra legali, minbarra dawk li jaqgħu taħt (i), li toħroġ mezzi ta' pagament fil-forma ta' flus elettroniċi. "Flus elettroniċi" għandha tfisser valur monetarju kif rappreżentat minn talba kontra minn ħariġhom li: (a) hija maħżuna fuq mezz elettroniku, (b) hija maħruġa wara li jkunu riċevuti fondi ta' ammont li mhux anqas fil-valur mill-valur monetarju maħruġ, u (c) hija aċċettata bħala mezz ta' pagament minn impriżi oħra u mhux biss mingħand min ħariġhom.

**Jum tat-transazzjoni (T)** ***(Trade date (T))***: il-jum li fih ikun hemm ftehim dwar transazzjoni (jiġifieri ftehim dwar transazzjoni finanzjarja bejn żewġ kontropartijiet). Il-jum tat-transazzjoni jista' jikkoinċidi mal-jum tal-ħlas tat-transazzjoni (ħlas fl-istess jum) jew jista' jiġi qabel il-jum tal-ħlas b'numru speċifikat ta' ġranet kummerċjali (id-data tal-ħlas hija speċifikata bħala T + il-perjodu sakemm isir il-ħlas.

**Jum tax-xiri** ***(Purchase date)***: il-jum li fih isir effettiv il-bejgħ mill-bejjiegħ lix-xerrej ta' assi mixtrija.

**Jum tax-xiri mill-ġdid** ***(Repurchase date)***: il-jum li fih ix-xerrej huma marbut li jbiegħ lura assi lill-bejjiegħ fil-kuntest ta' transazzjoni biftehim ta' xiri mill-ġdid.

**Konċessjoni ta' somma waħda sħiħa** ***(Lump-sum allowance)***: ammont fiss li istituzzjoni tnaqqas fil-kalkolu tal-ħtieġa ta' riservi tagħha fil-kuntest tas-sistema ta' riservi minimi tal-Eurosistema.

**Kont fejn ikunu depożitati titoli** ***(Safe custody account)***: kont ta' titoli ġestit mill-bank ċentrali fejn istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jqiegħdu titoli meqjusa bħala titoli li jistgħu jintużaw bħala garanzija għal operazzjonijiet tal-bank ċentrali.

**Kont ta' ħlas** ***(Settlement account)***: kont miżmum minn parteċipant dirett f'sistema RTGS nazzjonali mal-bank ċentrali għall-ipproċessar ta' pagamenti.

**Kont ta' riserva** ***(Reserve account)***: kont miżmum mill-bank ċentrali nazzjonali li fih jinżammu ir-riservi tal-kontroparti. Il-kontijiet ta' ħlas li l-kontropartijiet jkollhom mal-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jintużaw bħala kontijiet ta' riserva.

**Kontroparti** ***(Counterparty)***: il-parti l-oħra fi transazzjoni finanzjarja (per eżempju, kull transazzjoni mal-bank ċentrali).

**Kreditu f'ġurnata waħda** ***(Intraday credit)***: kreditu mogħti għal perjodu ta' anqas minn ġurnata kummerċjali waħda. Dan il-kreditu jista' jingħata minn banek ċentrali biex jeliminaw nuqqas ta' qbil f'pagamenti u jista' jieħu l-forma ta': (i) overdraft kopert minn garanziji, jew (ii) operazzjoni ta' self fuq pleġġ jew fi ftehim ta' xiri mill-ġdid.

**Kustodju** ***(Custodian)***: entità li tieħu ħsieb u tamministra titoli u assi finanzjarji oħra f'isem ħaddieħor.

**Kwotazzjoni marġinali ta' punt tat-tpartit** ***(Marginal swap point quotation)***: il-kwotazzjoni ta' punt tat-tpartit li biha tintuża kollha l-allokazzjoni totali ta' offerti.

**Limitu massimu ta' offerti** ***(Maximum bid limit)***: il-limitu ta' l-akbar offerta aċċettabbli minn kontroparti individwali f'operazzjoni ta' ħruġ ta' offerti. Il-Eurosistema tista' timponi limiti massimi fuq l-offerti sabiex tevita offerti kbar wisq minn kontropartijiet individwali.

**Marġni tal-bidu** ***(Initial margin)***: miżura għall-kontroll tar-riskju li tista' tkun applikata mill-Eurosistema fi transazzjonijiet temporanji. Din il-miżura timplika li l-garanzija mitluba għal transazzjoni hija daqs il-kreditu mogħti lill-kontroparti flimkien mal-valur tal-marġni tal-bidu.

**Marġni ta' varjazzjoni (valutazzjoni skond is-suq)** ***(Variation margin (marking to market))***: il-Eurosistema teħtieġ li fuq ċertu perjodu ta' żmien jinżamm ċertu livell tal-valur tas-suq ta' l-assi involuti fit-transazzjonijiet temporanji tagħha immirati biex joħolqu likwidità. Dan jimplika li jekk il-valur, ikkalkulat b'mod regolari, ta' l-assi involuti jaqa' taħt ċertu livell, il-bank ċentrali nazzjonali jitlob lill-kontroparti biex tforni assi addizzjonali jew flus (jiġifieri sejħa għal marġni). Bl-istess mod, jekk il-valur ta' l-assi involuti, wara li ssirilhom valutazzjoni mill-ġdid, jaqbeż ċertu livell, il-kontroparti tista' tieħu lura l-assi jew il-flus żejda. Ara wkoll Taqsima 6,4.

**Maturità residwa** ***(Residual maturity)***: iż-żmien li jkun fadal sad-data tal-maturità ta' l-instrument ta' debitu.

**Mekkaniżmu għall-ħlas tal-BĊE** *(ECB payment mechanism – EPM)*: il-ftehim ta' ħlas organizzati mill-BĊE u marbuta mas-sistema *Target* bil-għan li jsiru:(i) pagamenti bejn kontijiet miżmuma mill-BĊE, u (ii) pagament permezz tas-sistema *Target* bejn kontijiet miżmuma mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali.

**Mekkaniżmu ta' interlinking** ***(Interlinking mechanism)***: fi ħdan is-sistema *Target,*il-mekkaniżmu ta' *interlinking* joffri proċeduri komuni u infrastruttura li jippermettu il-moviment ta' ordnijiet għal ħlas minn sistema RTGS domestika għal oħra.

**Mobilizzazzjoni tar-riserva obbligatorja** ***(Averaging provision)***: regola li tħalli l-kontropartijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' riserva fuq il-bażi tal-medja tar-riservi miżmuma matul il-perjodu ta' manutenzjoni. Il-mobilizzazzjoni tar-riserva obbligatorja tikkontribwixxi għall-istabilizzazzjoni tar-rati ta' interessi tas-suq monetarju billi tagħti inċentiv lill-istituzzjonijiet biex itaffu l-effetti ta' bidliet temporanji fil-likwidità. Is-sistema ta' riserva minima tal-Eurosistema tippermetti l-mobilizzazzjoni tar-riserva obbligatorja.

**Mudell ta' banek ċentrali korrispondenti** ***(Correspondent central banking model (CCBM)***: mekkaniżmu stabbilit mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali bil-għan li tagħmel possibbli l-użu ta' assi involuti fi transazzjonijiet bejn konfini mill-kontropartijiet. Fil-CCBM, banek ċentrali nazzjonali jaġixxu bħala depożitarji ta' xulxin. Dan ifisser li kull bank ċentrali nazzjonali jkolli kont ta' titoli fl-amministrazzjoni ta' titoli tiegħu għal kull wieħed mill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra (u għall-BĊE).

**Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni ta' Titoli (NIIT)** *(International Securities Identification Number (ISIN))*: kodiċi internazzjonali ta' identifikazzjoni mogħti lil titoli maħruġin fi swieq finanzjarji.

**Operazzjoni fuq is-suq miftuħ** ***(Open market operation)***: operazzjoni mwettqa fuq inizjattiva tal-bank ċentrali fis-suq finanzjarju. B'referenza għall-għanijiet, regolarità u proċeduri tagħhom, l-operazzjonijiet fuq is-suq miftuħ tal-Eurosistema jistgħu jinqassmu f'erba' kategoriji: operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal, operazzjonijiet ta' *fine-tuning* u operazzjonijiet strutturali.Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istrumenti wżati, it-transazzjonijiet temporanji huma l-istrument prinċipali tal-Eurosistema fis-suq miftuħ. Dawn jistgħu jintużaw fl-erba' kategoriji ta' operazzjonijiet. Barra minn hekk, il-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu u transazzjonijiet definittivi huma disponibbli għal operazzjonijiet strutturali, fil-waqt li transazzjonijiet definittivi, tpartit ta' munita barranija u l-ġbir ta' depożiti bi żmien determinat huma disponibbli għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' *fine-tuning*.

**Operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal** ***(Longer-term refinancing operation)***: operazzjoni regolari fuq is-suq miftuħ magħmula mill-Eurosistema fil-forma ta' transazzjoni temporanja. Operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid fuq perjodu itwal isiru permezz ta' offerti standard kull xahar u normalment ikollhom perjodu ta' maturità ta' tlett xhur.

**Operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid** ***(Main refinancing operation)***: operazzjoni regolari fuq is-suq miftuħ magħmula mill-Eurosistema fil-forma ta' transazzjoni temporanja. Operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid jsiru permezz ta' ħruġ ta' offerti standard kull ġimgħa u normalment ikollhom perjodu ta' maturità ta' ġimgħa.

**Operazzjoni repo** ***(Repo operation)***: transazzjoni temporanja ta' finanzjament magħmula fuq bażi ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid.

**Operazzjoni strutturali** ***(Structural operation)***: operazzjoni fis-suq miftuħ imwettqa mill-Eurosistema biex, prinċipalment, taġġusta l-posizzjoni strutturali tal-likwidità fis-settur finanzjarju vis-à-vis l-Eurosistema.

**Operazzjoni ta' fine-tuning** ***(Fine-tuning operation)***: operazzjoni mhux regolari fis-suq miftuħ imwettqa mill-Eurosistema prinċipalment biex tilqa' bidliet mhux mistennija fil-likwidità tas-suq.

**Operazzjoni ta' tibdil ta' munita barranija** ***(Foreign exchange swap)***: operazzjoni simultanja ta' xiri/bejgħ u bejgħ/xiri bil-quddiem ta' munita waħda kontra l-oħra. Il-Eurosistema tagħmel operazzjonijiet ta' politika monetarja fis-suq miftuħ fil-forma ta' operazzjonijiet ta' tibdil ta' munita barranija fejn il-banek ċentrali nazzjonali (jew il-BĊE) jixtru (jew ibigħu) euro kontra munita barranija u fl-istess ħin ibigħu (jew jixtru) l-euro lura fi transazzjoni bil-quddiem.

**Pajjiżi taż-ŻEE (Żona Ekonomika E wropea)** ***(EEA (European Economic Area) countries)***: l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja.

**Perċentwali minimu ta' allokazzjoni** ***(Minimum allotment ratio)***: l-iżgħar limitu, espress f'perċentwali, tal-kwota ta' l-offerti bir-rata marġinali ta' l-interessi li ħa jkunu allokati f'operazzjoni ta' ħruġ ta' offerti. Il-Eurosistema tista' tiddeċiedi li tapplika perċentwali minimu ta' allokazzjoni fl-operazzjonijiet ta' offerta tagħha.

**Perjodu ta' manutenzjoni** ***(Maintenance period)***: il-perjodu li fuqu tkun kalkulata l-osservanza tal-ħtiġijiet ta' riservi. Il-BĊE jippubblika kalendarju tal-perjodu ta' manutenzjoni tar-riservi ta' l-anqas tless xhur qabel il-bidu ta' kull sena. Il-perjodi ta' manutenzjoni jibdew fil-jum tal-ħlas ta' l-ewwel operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid wara l-laqgħa tal-Kunsill Regolatorju li fiha tkun ippjanata minn qabel l-istima ta' kull xahar tal-posizzjoni tal-politika monetarja. Dawn il-perjodi normalment jintemmu fil-jum ta' qabel il-jum tal-ħlas simili tax-xahar ta' wara. F'ċerti ċirkostanzi speċjali, il-kalendarju ippubblikat jista' jkun emendat. Dan jiddependi, fost affarijiet oħra, mill-bidliet fil-pjan tal-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju.

**Perjodu ta' maturità** ***(Maturity bucket)***: klassi ta' strumenti ta' debitu li jaqgħu f'kategorija ta' likwidità ta' assi ta' l-ewwel jew tat-tieni livell, b'maturità residwa f'ċertu limiti ta' valuri, per eżempju, fil-perjodu ta' maturità ta' bejn tlieta u ħames snin.

**Prezz tax-xiri** ***(Purchase price)***: il-prezz li bih l-assi mixtrija nbiegħu jew għandhom jinbiegħu lix-xerrej mill-bejjiegħ.

**Prezz tax-xiri mill-ġdid** ***(Repurchase price)***: il-prezz li bih ix-xerrej huwa marbut li jbiegħ lura assi lill-bejjiegħ fil-kuntest ta' transazzjoni biftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-prezz tax-xiri mill-ġdid huwa daqs it-total tal-prezz tax-xiri u tad-differenzali tal-prezz li jikkorrispondi ma' l-interess fuq il-likwidità estiża fuq il-perjodu ta' maturità ta' l-operazzjoni.

**Proċedura bilaterali** ***(Bilateral procedure)***: proċedura li permezz tagħha l-bank ċentrali jinnegozja direttament ma' kontroparti waħda jew ma' ftit kontropartijiet, mingħajr ma juża proċeduri ta' ħruġ ta' offerti. Proċeduri bilaterali jinkludu wkoll operazzjonijiet imwettqa permezz ta' boroż jew aġenti fis-suq.

**Proċedura ta' ħruġ ta' offerti** ***(Tender procedure)***: proċedura fejn il-bank ċentrali joħloq likwidità fis-suq jew ineħħi l-likwidità mis-suq fuq il-bażi ta' l-offerti magħmula mill-kontropartijiet li jkunu qegħdin jikkompetu bejniethom. L-ewwel li jkunu milqugħa huma dawk l-offerti li l-aktar ikunu kompetittivi sakemm jintlaħaq l-ammont totali ta' likwidità li l-bank ċentrali jrid joħloq jew ineħħi.

**Proporzjoni ta' riservi** ***(Reserve ratio)***: il-proporzjon definit mill-bank ċentrali għal kull kategorija ta' oġġetti fuq il-*balance sheet* inklużi fil-bażi ta' riserva. Il-proporzjoni jintużaw biex ikunu ikkalkulati l-ħtiġijiet ta' riserva.

**Punt ta' attivazzjoni** ***(Trigger point)***: livell, determinat minn qabel, tal-valur tal-likwidità maħluqa f'liema livell issir sejħa għal marġni.

**Punt tat-tpartit** ***(Swap point)***: id-differenza bejn ir-rata tal-kambju tat-transazzjoni bil-quddiem u r-rata tal-kambju tat-transazzjoni ta' dak il-ħin fi tpartita ta' munita barranija.

**Rabta bejn sistemti ta' ħlas ta' titoli** ***(Link between securities settlement systems)***: rabta magħmula mill-proċeduri u l-arranġamenti kollha li jeżistu bejn żewġ sistemi ta' ħlas ta' titoli (*securities settlement systems* jew *SSS*) għat-trasferiment ta'titoli bejn iż-żewġ SSSs konċernati permezz ta' proċess ta' kitba f'kontijiet.

**Rabtiet fil-qrib** ***(Close links)***: L-Artikolu 1(26) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-istabilizzazzjoni u l-ġestjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jgħid li "Rabtiet fil-qrib għandha tfisser sitwazzjoni fejn żewġ persuni, jew aktar, naturali jew ġuridiċi huma marbuta ma' xulxin permezz ta: (a) parteċipazzjoni, jiġifieri jkollhom il-proprjetà, diretta jew permezz ta' kontroll, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet għal votazzjoni jew tal-kapital ta' impriża, jew (b) kontroll, jiġifieri r-relazzjoni bejn impriża prinċipali u impriża sussidjarja, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 1 u (2) tad-Direttiva 83/349/KEE, jew relazzjoni simili bejn kull persuna naturali jew ġuridika u impriża; kull impriża sussidjarja ta' impriża sussidjarja għandha titqies ukoll bħala impriża sussidjarja ta' l-impriża prinċipali li hija fuq dawk l-impriżi. Sitwazzjoni fejn żewġ persuni jew aktar naturali jew ġuridiċi jkunu marbutin b'mod permanenti ma' l-istess persuna permezz ta' relazzjoni ta' kontroll għandha titqies ukoll bħala rabta fil-qrib bejn dawn il-persuni".

**Rata marġinali ta' l-interessi** ***(Marginal interest rate)***: ir-rata ta' l-interessi li biha tintuża kollha l-allokazzjoni totali ta' offerti.

**Rata massima ta' offerti** ***(Maximum bid rate)***: l-ogħla limitu għar-rata ta' l-interessi li biha l-kontropartijiet jistgħu jagħmlu offerti fi ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli. Offerti b'rata akbar mir-rata massima ta' offerti mħabbra mill-BĊE ma jitqiesux.

**Rata minima ta' offerti** ***(Minimum bid rate)***: l-iżgħar limitu għar-rata ta' l-interessi li biha l-kontropartijiet jistgħu jagħmlu offerti fi ħruġ ta' offerti b'rata varjabbli.

**Riservi** ***(Reserve holdings)***: fondi disponibbli li l-kontropartijiet iżommu fil-kontijiet ta' riservi tagħhom u li jservu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' riservi tagħhom.

**Riskju fil-prezz ta' l-investimenti** ***(Equity price risk)***: ir-riskju ta' telf minn ċaqliq fil-prezzijiet ta' l-investimenti. Il-Eurosistema hija esposta għal riskju fil-prezz ta' l-investimenti fl-operazzjonijiet tagħha ta' politika monetarja f'dawk il-miżuri fejn l-investimenti jitqiesu bħala assi tat-tieni livell.

**Riskju ta' insolvenza** ***(Solvency risk)***: ir-riskju ta' telf minħabba l-falliment ta' min ħareġ assi finanzjarju jew minħabba l-insolvenza tal-kontroparti.

**Sejħa għal marġni** ***(Margin call)***: proċedura marbuta ma' l-applikazzjoni ta' marġni ta' varjazzjoni. Din il-proċedura timplika li jekk il-valur, kif ikkalkulat b'mod regolari, ta' l-assi involuti jinżel taħt ċertu livell, il-bank ċentrali jitlob kontropartijiet sabiex ifornu aktar assi (jew flus). Bl-istess mod, jekk il-valur ta' l-assi involuti, wara li ssir valutazzjoni mill-ġdid tagħhom, jaqbeż l-ammont dovut mill-kontropartijiet flimkien mal-marġni ta' varjazzjoni, l-kontroparti tista' titlob lill-bank ċentrali biex irodd lura l-assi (jew flus) żejda lill-kontroparti.

**Sistema ċe ntralizzata ta' depożiti (SĊD)** ***(Central securities depository (CSD))***: entità liżżomm u tiġġestixxi titoli jew assi finanzjarji oħra, iżżomm il-kontijiet ta' ħruġ, u tippermetti li transazzjonijiet jkunu ipproċessati permezz ta' kitba f'kontijiet. L-assi jistgħu jinżammu jew fiżikament (iżda immobilizzati taħt is-SĊD) jew f'forma dematerjalizzata (jiġifieri bħala rekords elettroniċi).

**Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ)** ***(European System of Central Banks (ESCB)***: dan it-terminu jirreferi għall-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE.Huwa ta' min jinnota li l-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx il-munita waħdanija skond it-Trattat żammew is-setgħat tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skond il-liġi nazzjonali tagħhom u għalhekk mhumiex involuti fit-tmexxija tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

**Sistema ta' earmarking** ***(Earmarking system)***: sistema għall-ġestjoni tal-garanziji tal-banek ċentrali fejn huwa possibbli tindika b'mod speċifiku liema assi, użati biex joħolqu likwidità, huma immarkati għal transazzjoni individwali.

**Sistema ta' ġestjoni permezz tal-kitba f'kontijiet** ***(Book-entry system)***: sistema li tippermettiit-trasferiment ta' titoli u assi finanzjarji oħra mingħajr ċaqliq fiżiku ta' dokumenti tal-karti jew ċertifikati (per eżempju, it-trasferiment elettroniku ta' titoli). Ara wkoll *dematerjalizzazzjoni*.

**Sistema ta' ħlas gross** ***(Gross settlement system)***: sistema ta' trasferimenti fejn il-ħlas ta' fondi jew it-trasferiment ta' titoli jsir fuq bażi ta' istruzzjonijiet mogħtija waħda waħda.

**Sistema ta' ħlas ta' titoli (SSS)** ***(Securities settlement system (SSS))***: sistema li tippermetti li titoli jew assi finanzjarji oħra jinżammu u jkunu trasferiti, mingħajr ħlas (FOP) jew bi ħlas (kunsinna kontra ħlas).

**Sistema ta' kunsinna kontra ħlas (DVP)** (*Delivery versus payment (DVP) or delivery against payment system*: mekkaniżmu f'sistema ta' ħlas ibbażata fuq skambju mal-valur li jassigura li t-trasferiment finali ta' l-assi (titoli jew strumenti finanzjarji oħra) jsir biss jekk ikun sar it-trasferiment finali ta' assi ieħor (jew ta' assi oħrajn).

**Sistema ta'pooling** ***(Pooling system)***: ara *sistema ta' pooling ta' garanziji.*

**Sistema ta' pooling ta' garanziji** ***(Collateral pooling system)***: sistema ta' bank ċentrali għall-ġestjoni ta' garanziji fejn kontropartijiet jifħu kont komuni biex jiddepożitaw assi li jiggarantixxu t-transazzjonijiet tagħhom mal-bank ċentrali. F'sistema ta' *pooling*, b'differenza ma' sistema ta' *earmarking*, l-assi involuti ma jkunux immarkati għal transazzjonijiet individwali.

**Sistema TARGET (Trasferiment espress trans Ewropew awtomatizzat ta' ħlas gross fi żmien reali)** ***(TARGET (Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer) system)***: is-sistema ta' ħlas gross fi żmien reali għall-euro. Din hija sistema deċentralizzata magħmula minn 15-il sistema RTGS nazzjonali, l-mekkaniżmu ta' pagament tal-BĊE u l-mekkaniżmu ta' *Interlinking*.

**Sistema ta' RTGS (ħlas gross fi żmien reali)** ***(RTGS (real-time gross settlement) system)***: sistema ta' ħlas fejn l-ipproċessar u l-ħlas isir fuq bażi ta' ordni wara ordni (mingħajr kompensazzjoni) fi żmien reali (jiġifieri b'mod kontinwu). Ara wkoll *sistema TARGET.*

**Stat Membru** ***(Member State)***: f'dan id-dokument tirreferi għal Stat Membru ta' l-UE li adotta l-munita waħdanija skond it-Trattat.

**Strip (negozjar separat ta' interess u ta' kapital)** ***(separate trading of interest and principal)***: bond b'ċertifikat ta' dividend b'rata zero maħluq sabiex il-pretensjonijiet fuq *flows* partikolari ta' flus ta' titolu u l-kapital ta' l-istess strument ikunu innegozjati separatament.

**Strument b'rata fissa** ***(Fixed rate instrument)***: strument finanzjarju li fir-rigward tiegħu ċ-ċertifikat ta' dividendi huwa iffissat għal tul il-ħajja kollha ta' l-istrument.

**Strument b'rata varjabbli** ***(Floating rate instrument)***: strument finanzjarju li fir-rigward tiegħu ċ-ċertifikat ta' dividendi jkun perjodikament ikkalkulat mill-ġdid fuq il-bażi ta' indiċi ta' referenza sabiex jirrifletti bidliet fuq perjodu qasir jew medju fir-rati kummerċjali ta' l-interessi. Strumenti b'rata varjabbli jkollhom ċertifikat ta' dividendi stabbilit minn qabel jew ċertifikat ta' dividendi stabbilit wara.

**Strument b'rata varjabbli kuntrarja** ***(Inverse floating rate instrument)***: nota strutturata fejn ir-rata ta' l-interessi mħallsa lid-detentur tan-nota tvarja bil-maqlub tal-bidliet f'ċerta rata ta' interessi użata bħala referenza.

**Tmiem il-jum** ***(End-of-day)***: il-ħin tal-ġurnata kummerċjali (wara li tagħlaq is-sistema *TARGET*) li fih il-pagamenti ipproċessati fis-sistema *TARGET* ikunu iffinalizzati għal dik il-ġurnata.

**Tnaqqis standardizzat** ***(Standardised deduction)***: il-perċentwali fissa ta' l-ammont pendenti ta' titoli ta' debitu b'maturità miftiehma ta' perjodu ta' mhux aktar minn sentejn (inklużi strumenti li jinġabru wara żmien qasir) liema perċentwali tista' titnaqqas mill-bażi ta' riserva minn dawk li joħorġu t-titoli. Dawn ma jistgħux jippreżentaw evidenza biex juru li dan l-ammont pendenti huwa miżmum minn istituzzjonijiet oħra li huma suġġetti għas-sistema ta' riserva minima tal-Eurosistema, mill-BĊE jew minn bank ċentrali nazzjonali.

**Transazzjonijiet bankarji permezz ta' korrispondenza bejn banek** ***(Correspondent banking)***: ftehim li permezz tiegħu istituzzjoni ta' kreditu waħda tforni pagament u servizzi oħra lil istituzzjoni ta' kreditu oħra. Ħafna drabi, pagamenti magħmula permezz ta' korrispondenza jsiru permezz ta' kontijiet reċiproċi (kontijiet "*nostro*" u "*loro*") li magħhom jistgħu jkunu mqabbda linji ta' kreditu permanenti.Servizzi bankarji ta' korrispondenza jingħataw prinċipalment bejn fruntieri internazzjonali iżda f'ċerti kuntesti domestiċi huma magħrufin ukoll bħala relazzjonijiet ta' aġenzija. Kont "*loro*" huwa t-terminu użat minn korrispondent biex jiddeskrivi kont miżmum f'isem istituzzjoni ta' kreditu barranija; mill-banda l-oħra, l-istituzzjoni ta' kreditu barranija żżomm dan il-kont bħala l-kont "*nostro*" tagħha.

**Transazzjoni definittiva** ***(Outright transaction)***: transazzjoni fejn assi jinxtraw jew jinbiegħu sal-jum tal-maturità tagħhom (dak il-ħin jew bil-quddiem).

**Transazzjoni temporanja** ***(Reverse transaction)***: operazzjoni fejn il-bank ċentrali nazzjonali jixtri jew ibiegħ assi bi ftehim ta' xiri mill-ġdid jew iwettaq operazzjonijiet ta' kreditu kontra garanzija.

**Trasferiment finali** ***(Final transfer)***: trasferiment irrevokabbli u bla ebda kondizzjoni li jtemm l-obbligu li jsir it-trasferiment.

**Trattat** ***(Treaty)***: it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea. Ħafna drabi ssir referenza għalih bħala "it-Trattat ta' Ruma", kif emendat.

**Valutazzjoni skond is-suq** ***(Marking to market)***: ara *marġni ta' varjazzjoni*.

**Valutazzjoni tal-fdal ta' garanzija** ***(Valuation haircut)***: miżura ta' kontroll tar-riskju applikata għal assi involuti fi transazzjonijiet temporanji. Din il-miżura timplika li l-bank ċentrali jikkalkula l-valur ta' l-assi involuti bħala l-valur tas-suq ta' l-assi mnaqqas b'ċerta perċentwali (*haircut*). Il-Eurosistema tapplika valutazzjoni tal-fdal ta' garanzija skond il-karatteristiċi ta' l-assi speċifiċi, bħal per eżempju l-maturità residwa.

**Żona tal-Euro** ***(Euro area)***: iż-żona li tinkludi l-Istati Membri ta' l-UE li adottaw il-euro bħala l-munita waħdanija tagħhom skond it-Trattat u li fiha titħaddem politika monetarja waħda taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE.

*ANNESS 3*

**Għażla tal-kontropartijiet għal operazzjonijiet ta' intervent fi skambji ta' munita barranija u għal tpartit ta' munita barranija għal għanijiet ta' politika monetarja.**

L-għażla ta' kontropartijiet għal operazzjonijiet ta' intervent fi skambji ta' munita barranija u għal tpartit ta' munita barranija għal għanijiet ta' politika monetarja ssir b'mod uniformi indipendentament mill-iskema organizzattiva magħżula għall-operazzjonijiet esterni tal-Eurosistema. Il-politika ta' l-għażla ma tinvolvix tbegħid minn standards eżistenti tas-suq minħabba li ssawret mill-armonizzazzjoni ta' l-aħjar prattiċi kurrenti tal-banek ċentrali nazzjonali. L-għażla ta' kontropartijiet għall-operazzjonijiet tal-Eurosistema li jinvolvu intervent fi skambji ta' munita barranija hija ibbażata, prinċipalment, fuq żewġ settijiet ta' kriterji.

L-ewwel sett ta' kriterji huwa mnebbaħ mill-prinċipju ta' prudenza. Kriterju ta' prudenza huwa ibbażat fuq il-mertu tal-kreditu, liema mertu huwa stmat permezz ta' kombinazzjoni ta' metodi differenti (per eżempju, bl-użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn aġenziji kummerċjali u l-analiżi interni ta' kapital u proporzjoni oħra kummerċjali); kriterju ieħor huwa li l-Eurosistema teħtieġ li l-kontropartijiet potenzali kollha tagħha f'intervent fi skambju ta' munita barranija jkunu suġġetti għal sorveljanza minn kontrollur rikonoxxut; u, bħala t-tielet kriterju, l-kontropartijiet kollha tal-Eurosistema f'interventi ta' skambju ta' munita barranija jridu jirrispettaw standards etiċi għoljin u jrid ikollhom reputazzjoni tajba.

La darba tkun sodisfatta l-ħtieġa ta' prudenza minima, jkun applikat it-tieni sett ta' kriterji mnebbaħ minn konsiderazzjoni ta' effiċjenza. Kriterju ta' effiċjenza huwa marbut ma' l-imġieba fir-rigward ta' prezzijiet kompetittivi u l-abilità tal-kontroparti li jiġġestixxi volumi kbar, anke f'kondizzjonijiet tas-suq turbolenti. Il-kwalità u l-livell tad-dettalji fl-informazzjoni mogħtija mill-kontropartijiet huma kriterji ta' effiċjenza oħra.

In-numru ta' kontropartijiet potenzali f'operazzjoni ta' intervent fi skambji ta' munita barranija huwa kbir u varjat biżżejjed biex jiggarantixxi l-flessibilità meħtieġa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' intervent. Dan in-numru jagħti l-opportunità lill-Eurosistema li tagħżel minn fost mezzi ta' intervent differenti. Sabiex tkun tista' tintervjeni b'mod effiċjenti f'postijiet ġeografiċi u f'żoni ta' ħin differenti, il-Eurosistema tista' tuża kontropartijiet fi kwalunkwe ċentru finanzjarju internazzjonali. Madanakollu, fil-prattika, numru sostanzjali tal-kontropartijiet jinstabu fiż-żona tal-euro. Fil-każ ta' tpartit ta' munita barranija mwettaq għal skopijiet ta' politika monetarja, il-kontropartijiet relevanti huma l-kontropartijiet li jinstabu fiż-żona tal-euro u li jintgħażlu għal operazzjonijiet tal-Eurosistema ta' intervent fi skambji ta' munita barranija.

Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu japplikaw sistemi ibbażati fuq limiti sabiex jikkontrollaw l-esposizzjoni ta' kreditu vis-à-vis kontropartijiet individwali fi tpartit ta' munita barranija mwettaq għal skopijiet ta' politika monetarja.

*ANNESS 4*

**Sistema ta' kif ikunu irrapportati l-istatistiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-flus u s-servizzi bankarji** ([1])

1. *Introduzzjoni*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni ta' l-istatistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([2]) jagħti definizzjoni tal-persuni naturali u ġuridiċi li huma suġġetti għal ħtiġijiet dwar ir-rappurtaġġ (l-hekk imsejħa popolazzjoni wżata bħala referenza fl-irrapportar), tar-reġim ta' segretezza u tad-dis-posizzjonijiet xierqa għall-infurzar skond l-Artikolu 5,4 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (Statut tas-SEBĊ). Barra minn hekk, dan ir-Regolament jawtorizza lill-BĊE biex juża s-setgħa regolatorja tiegħu:

– biex jispeċifika l-popolazzjoni attwali li hija marbuta li tirrapporta;

– biex jiddefinixxi l-ħtiġijiet dwar ir-rappurtaġġ ta' statistiċi tal-BĊE u biex jimponihom fuq il-popolazzjoni attwali li hija marbuta li tirrapporta fl-Istati Membri li qegħdin jieħdu sehem; u

– biex jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) ikunu jistgħu jeżerċitaw d-dritt li jivverifikaw jew li jwettqu l-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni ta' l-istatistika.

2. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

L-iskop tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) ([3]) huwa li jawtorizza lill-BĊE u, skond l-Artikolu 5,2 ta' l-Istatut, lill-banek ċentrali nazzjonali – li jwettqu x-xogħol sa fejn ikun possibbli — biex jiġbru l-materjal ta' l-istatistika meħtieġ biex ikunu sodisfatti l-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u, b'mod partikolari, il-kompitu tagħha li tagħti definizzjoni lil u li timplimenta il-politika monetarja tal-Komunità skond l-Artikolu 105 (2), l-ewwel inċiż, tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat). L-informazzjonita' l-istatistika miġbura skond ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew maħruġ fit-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) hija wżata biex tkun stabbilita l-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji. L-iskop prinċipali ta' din il-*balance sheet* hija li tforni lill-BĊE bi stampa ta' statistika komprensiva dwar l-iżviluppi monetarji li jkopru l-assi finanzjarji kollha u r-responsabbilitajiet ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji li jinstabu fl-Istati Membri li qegħdin jieħdu sehem u li jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed.

Għal għanijiet ta' statistika, il-ħtiġijiet tal-BĊE dwar l-irrapportar fil-kuntest tal-*balance sheet* konsolidata fis-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, huma ibbażati fuq tlett konsiderazzjonijiet prinċipali.

L-ewwel nett, il-BĊE għandu jirċievi informazzjoni ta' statistika li tkun tista' titqabbel, li hi ta' min joqgħod fuqha, li hija aġġornata u li tkun inġabret skond termini u kondizzjonijiet simili fiż-żona tal-euro kollha. Għalkemm id-data tinġabar b'mod li mhux ċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali skond l-Artikoli 5.1 u 5.2 ta' l-Istatut u, sa fejn ikun meħtieġ, flimkien ma' ħtiġijiet oħra ta' l-istatistika għal skopijiet Komunitarji jew nazzjonali, huwa meħtieġ livell biżżejjed ta' armonizzazzjoni u konformità ma'standards minimi fir-rappurtaġġ minħabba l-ħtieġa li tkun stabbilita bażi ta' statistika ta' min joqgħod fuqha sabiex tkun definita u mwettqa l-politika monetarja waħdanija.

It-tieni nett, l-obbligi dwar ir-rappurtaġġ stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) għandhom jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza u taċ-ċertezza legali.Ir-raġuni għal dan huwa li dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fiż-żona tal-euro kollha. Dan ir-Regolament jimponi obbligi direttament fuq persuni naturali u ġuridiċi li fuqhom il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet kull meta l-ħtiġijiet tal-BĊE dwar l-irrapportar ma jkunux sodisfatti (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni ta' l-istatistika mill-Bank Ċentrali Ewropew). Għaldaqstant, l-obbligi dwar ir-rappurtaġġ huma definiti b'mod ċar u kwalunkwe diskrezzjoni eżerċitata mill-BĊE meta jkun qiegħed jivverifika jew jiġbor b'mod obbligatorju l-informazzjoni ta' statistika, tirrispetta prinċipji identifikabbli.

Fit-tielet lok, il-BĊE għandu jnaqqas il-piż marbut mar-rappurtaġġ (ara l-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni ta' l-istatistika mill-Bank Ċentrali Ewropew). Għaldaqstant, il-materjal ta' l-istatistika miġbur mill-banek ċentrali nazzjonali taħt ir-Regolament (KE) Nru

([1]) Il-kontenut ta' dan l-anness huwa provdut għal skopijiet ta' tagħrif biss.

([2]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

([3]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1. Dan ir_Regolament tbiddel bir-Regolament (KE) Nru 2819/98 tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-1 ta' Diċembru 1998 (BĊE/1998/16).

2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13), huwa wżat ukoll biex tkun ikkalkulata l-bażi ta' riserva skond ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riservi minimi (BĊE/2003/9) ([4]).

L-artikoli tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) jagħtu biss definizzjoni, f'termini ġenerali, tal-popolazzjoni attwali li hija marbuta li tirrapporta, ta' l-obbligi tal-popolazzjoni dwar ir-raġġurtaġġ u l-prinċipji li skondhom il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali normalment jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom li jivverifikaw jew li jiġbru b'mod obbligatorju l-informazzjoni ta' l-istatistika. Id-dettalji ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika li jeħtieġ tkun irrapportata sabiex ikunu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-BĊE dwar ir-rappurtaġġ ta' l-istatistika u l-istandards minimi li jeħtieġ ikunu segwiti, huma speċifikati fl-Annessi I sa IV tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.

3. *Popolazzjoni attwali li hija marbuta li tirrapporta; lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal skopijiet ta' statistika*

Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji jinkludu istituzzjonijiet residenti ta' kreditu, kif definiti fil-liġi Komunitarja, u l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti mingħand entitajiet li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u, akkont tagħhom stess (ta' l-anqas f'termini ekonomiċi), li jagħtu kreditu u/jew jinvestu f'titoli. Il-BĊE jistabilixxi u jżomm lista ta' istituzzjonijiet skond din id-definizzjoni u skond il-prinċipji ta' klassifikazzjoni speċifikati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13).Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu l-kompetenza li jistabilixxi u jżomm din il-Lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal skopijiet ta' statistika. Il-popolazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji li huma residenti fiż-żona tal-euro tifforma l-popolazzjoni attwali li hija marbuta li tirrapporta.

Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħtu derogi lil istituzzjonijiet finanzjarji monetarji żgħar jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji li jikkontribwixxu għall-*balance sheet* konsolidata ta' kull xhar jikkontribwixxu ta' l-anqas 95 % tal-*balance sheet* totali ta' l-istituzzjoni finanzjarja monetarja f'kull Stat Membru li qiegħed jieħu sehem. Dawn id-derogi jawtorizzaw lill-banek ċentrali nazzjonali biex japplikaw il-metodu magħruf bħala "qtugħ tad-denb".

4. *Obbligi dwar ir-rappurtaġġ ta' statistika*

Sabiex tkun stabbilita l-*balance sheet* konsolidata, l-popolazzjoni attwali residenti li hija marbuta li tirrapporta għandha, kull xahar, tirrapporta informazzjoni ta' l-istatistika dwar il-*balance sheet* tagħha. Barra minn hekk, tinħtieġ aktar informazzjoni kull tlett xhur. L-informazzjoni ta' l-istatistika li għandha tkun irrapportata hija speċifikata aktar fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13).

Id-data ta' l-istatistika relevanti tinġabar mill-banek ċentrali nazzjonali, liema banek għandhom jiddefinixxu l-proċeduri li għandhom jintużaw fir-rappurtaġġ. Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) ma jżommx lill-banek ċentrali nazzjonali milli jiġbru, mill-popolazzjoni attwali li hija marbuta li tirrapporta, l-informazzjoni ta' l-istatistika meħtieġa biex ikunu sodisfatti l-ħtiġiet ta' l-istatistika tal-BĊE bħala parti minn sistema aktar wiesgħa ta' rappurtaġġ ta' statistika u li l-banek ċentrali nazzjonali jistabbilixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess skond il-liġi Komunitarja jew nazzjonali jew skond prattika stabbilita u li sservi skopijiet oħra ta' l-istatistika. Madanakollu, dan għandu jsir mingħajr ħsara għas-sodisfazzjoni tal-ħtiġijiet ta' l-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13).F'każijiet speċifiċi, l-BĊE jista' joqgħod fuq informazzjoni ta' l-istatistika miġbura għal dawn l-għanijiet sabiex jissodisfa dawn il-ħtiġijiet.

Il-konsegwenza ta' l-għoti ta' deroga minn bank ċentrali nazzjonali, kif definit aktar "il fuq" hija li l-istituzzjonijiet finanzjari monetarji żgħar involuti jkunu suġġetti għal anqas obbligi ta' rappurtaġġ (jiġifieri, fost l-oħrajn, rapporti kull tlett xhur biss) li huma obbligatorji fil-kuntest ta' riservi minimi u li huma speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.Il-ħtiġijiet għal dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji żgħar li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jinstabu fl-Anness III ta' l-imsemmi Regolament. Madanakollu, istituzzjonijiet finanzjarji ta' kreditu li ngħataw deroga għandhom l-għażla li jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha dwar ir-rappurtaġġ.

5. *Użu ta' informazzjoni ta' l-istatistika taħt ir-Regolament tal-BĊE dwar riservi minimi*

Sabiex jitnaqqas il-piż maħluq mill-obbligu tar-rappurtaġġ u sabiex ikun evitat xogħol doppju fil-ġbir ta' informazzjoni ta' l-istatistika, l-informazzjoni ta' l-istatistika dwar il-*balance sheet* irrapportata mill-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji taħt ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) hija wżata wkoll biex tkun ikkalkulata l-bażi ta' riserva taħt ir-Regolament (KE) Nru 1745//2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riservi minimi (BĊE/2003/9).

([4]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

Fil-fatt, minħabba skopjijet ta' l-istatistika, l-aġenti li jagħmlu r-rapporti għandhom jirraportaw data lill-banek ċentrali nazzjonali rispettivi tagħhom skond il-qafas spjegat fit-Tabella 1 hawn taħt, li hija inkluża fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-*balance sheet* konsolidata għas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13). Fit-Tabella 1, il-kaxxi immarkati b' "*" huma wżati mill-istituzzjonijiet li qegħdin jagħmlu r-rapport sabiex jikkalkulaw il-bażi ta' riserva tagħhom (ara Kaxxa 13 fil-Kapitolu 7 ta' din il-pubblikazzjoni).

Sabiex jagħmlu kalkulazzjoni korretta tal-bażi ta' riserva li fir-rigward tagħhom jkun applikat proporzjon pożittiv ta' riserva, huwa meħtieġ li tingħata analiżi dettaljata dwar depożiti b' maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn, dwar depożiti li jissarfu wara avviż ta' aktar minn sentejn u għal responsabbiltajiet *repo* ta' istituzzjonijiet ta' kreditu vis-à-vis is-setturi ta' l-"istituzzjonijiet finanzjarji monetarji" ("domestiċi" u "ta' Stati Membri oħra li qegħdin jieħdu sehem"), "istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għal ħtiġijiet ta' riserva, il-BĊE u banek ċentrali nazzjonali" u "gvern ċentrali", u vis-à-vis il-bqija tad-Dinja (Rest of the World).

| OĠĠETTI TAL-KARTA TAL-BILANĊ | A. Domestiku | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji | Mhux Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji | | | | | | | |
| | | Gvern ċentrali | Setturi ohra residenzali | | | | | | |
| | | | Totali | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123+S124) | Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond ital-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Familji + istituzzjonijiet li ma jaghmlux profitti li jaqdu l-familji (S.14 + S.15) | | |
| | | | | | | | Kreditu tal-konsumatur | Self ghal xiri ta' dar | Ohra (residwu) |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) | (f) | (g) | (h) | (i) |
| **ASSI** | | | | | | | | | |
| **1. Flus** | | | | | | | | | |
| 1e. Ta' liema euro | | | | | | | | | |
| **2. Self** | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | |
| Iktar minn 5 snin | | | | | | | | | |
| 2e. Ta' liema Euro | | | | | | | | | |
| **3. Sigurtajiet ħlief għal ishma** | | | | | | | | | |
| 3e. Euro | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | | | | | | |
| Iktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| 3x. Muniti barranin | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | | | | | | |
| Iktar minn sentejn | | | | | | | | | |
| **4. Ishma ta' MMF/unitajiet** | | | | | | | | | |
| **5. Ishma u ekwità ohra** | | | | | | | | | |
| **6. Assi fissi** | | | | | | | | | |
| **7. Assi rimanenti** | | | | | | | | | |



| OĠĠETTI TAL-KARTA TAL-BILANĊ | B. Stati Membri ohra parteċipanti | | | | | | | | | C. Kumplament tad-dinja | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji | Mhux Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji | | | | | | | | | |
| | | Gvern ċentrali | Setturi ohra residenzali | | | | | | | | |
| | | | Totali | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123+S124) | Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond ital-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Familji + istituzzjonijiet li ma jaghmlux profitti li jaqdu l-familji (S.14 + S.15) | | | | |
| | | | | | | | Kreditu tal-konsumatur | Self ghal xiri ta' dar | Ohra (residwu) | | |
| | (j) | (k) | (l) | (m) | (n) | (o) | (p) | (q) | (r) | (s) | (t) |
| **ASSI** | | | | | | | | | | | |
| **1. Flus** | | | | | | | | | | | |
| 1e. Ta' liema euro | | | | | | | | | | | |
| **2. Self** | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn 5 snin | | | | | | | | | | | |
| 2e. Ta' liema Euro | | | | | | | | | | | |
| **3. Sigurtajiet ħlief għal ishma** | | | | | | | | | | | |
| 3e. Euro | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | |
| 3x. Muniti barranin | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | |
| **4. Ishma ta' MMF/unitajiet** | | | | | | | | | | | |
| **5. Ishma u ekwità ohra** | | | | | | | | | | | |
| **6. Assi fissi** | | | | | | | | | | | |
| **7. Assi rimanenti** | | | | | | | | | | | |

TABELLA 1

**Id-data neċessarja ghad trid tiġi provduta Fix-xahar**

| OĠĠETTI TAL-KARTA TAL-BILANĊ | A. Domestiku | | | | | | | | | B. Stati Membri parteċipanti ohrajn | | | | | | | | | C. Kumplament tad-Dinja | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (3) | Ta' liema istituzzjonijiet tal-kreditu soġġetti ghal RR, BĊE u BĊN | Istituzzjonijiet differenti mill-MFI | | | | | | | Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (3) | Ta' liema istituzzjonijiet tal-kreditu soġġetti ghal RR, BĊE u BĊN | Istituzzjonijiet differenti mill-MFI | | | | | | | | |
| | | | Gvern ġentrali | | Setturi ohra ta' residenti | | | | | | | Gvern ġentrali | | Setturi ohra residentir | | | | | | |
| | | | Gvern ċentrali | Gvern ġenerali iehor | Totali | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S124) | Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond ital-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Familji + istituzzjonijiet li ma jaghmlux profitti li jaqdu l-familji (S.14 + S.15) | | | Gvern ċentrali | Gvern ġenerali ieho | Totali | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S124) | Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fond ital-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Familji + istituzzjonijiet li ma jaghmlux profitti li jaqdu l-familji (S.14 + S.15) | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) | (f) | (g) | (h) | (i) | (j) | (k) | (l) | (m) | (n) | (o) | (p) | (q) | (r) | (s) | (t) |
| **LIJABILTAJIET** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **8. Munità fiċ-ċirkolazzjoni** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9. Depożiti** | * | * | * | | | | | | | * | * | * | | | | | | | * | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9e. Euro** | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | | | | |
| **9.1e. Matul il-lejl** | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| **9.2e. B'maturità mifthema** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Iktar minn sentejn (1) | * | * | * | * | * | | | | | * | * | * | * | * | | | | | * | |
| **9.3e. Mifdija mat-talba** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sa 3 xhur (2) | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Iktar minn 3 xhur | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Ta' liema iktar minn sentejn (4) | * | * | * | * | * | | | | | * | * | * | * | * | | | | | * | |
| **9.4e. Repos** | * | * | * | * | * | | | | | * | * | * | * | * | | | | | * | |
| **9x. Muniti barranin** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9.1x. Matul il-lejl** | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| **9.2x. B'maturità mifthema** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Iktar minn sentejn (1) | * | * | * | * | * | | | | | * | * | * | * | * | | | | | * | |
| **9.3x. Mifdija mat-talba** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sa 3 xhur (2) | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Iktar minn 3 xhur | | | | * | * | | | | | | | | * | * | | | | | | |
| Ta' liema iktar minn sentejn (4) | * | * | * | * | * | | | | | * | * | * | * | * | | | | | * | |
| **9.4x. Repos** | * | * | * | * | * | | | | | * | * | * | * | * | | | | | * | |
| **10. Ishma ta' MMF/unitajiet** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **11. Sigurtajiet tad-debitu użati** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 11e. Euro | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| Iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| 11x. Muniti barranin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| Iktar minn sena sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| Iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| **12. Kapitali u riservi** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **13. Lijabiltajiet rimanenti** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Inklużi depożiti regolati amministrativament.
(2) Inklużi depożiti *sight savings* mhux trasferibbli
(3) Istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu jirraportaw posizzjonijiet rigward Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji li ma humiex CI soġġetti ghar-riservi minimi, Il-BĊE u BĊN minflokk Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji u CI soġetto ghal riservi minimi, il-BĊE u BĊN, basta illi ma jkun implikat l-ebda telf ta' dettal u l-ebda posizzjonijiet skuri ma jkunu affettwati.
(4) Ir-rapportaġġ ta' dan l-oġġett huwa volontarju sa kull avviż iehor.

| | Bażi ta' riserva (ħlife strumenti negozjabbli) kkalkulat bħala s-somma tal-kollonni segwenti fit-Tabella 1 (Lijabiltajiet): (a) – (b) + (c) + (d) + (e) + (j) – (k) + (l) + (m) + (n) + (s) |
|---|---|
| **LIJABILTAJIET TAD-DEPOŻITU (Euro u muniti barranin flimkien)** | |
| **TOTAL TAD-DEPOŻITI**<br>**9.1e + 9.1x**<br>**9.2e + 9.2x**<br>**9.3e + 9.3x**<br>**9.4e + 9.4x** | |
| **minn liema:**<br>**9.2e + 9.2x b'maturità miftehma fuq** sentejn | |
| **minn liema:**<br>**9.3e + 9.3x s mifdija mat-talba fuq** sentejn | **Rapportaġġ volontarju** |
| **minn liema:**<br>**9.4e + 9.4x repos** | |

Barra minn hekk, skond is-sistemi nazzjonali tal-ġbir u mingħajr preġudizju għall-ħarsien sħiħ mad-definizzjonijiet u l-prinċipli tal-klassifikazzjoni tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI imfassla fir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali ta' l-Ewropa tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ kkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13), l-istituzzjonijiet tal-kreditu li huma soġġetti għar-rekweżiti ta' riserva jistgħu alternattivament jirraportaw id-data meħtieġa biex jikkalkulaw il-bażi tar-riserva, ħlife dawk fuq strumenti negozjabbli, skond it-tabella iżjed "l isfel" basta illi l-ebda posizzjonijiet pprintjati skuri tat-tabella ta' qabel ma jkunu affettwati.

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali ta' l-Ewropa tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) fih disposizzjonijiet speċifiċi u transizzjonali u disposizzjonijiet fuq amalgamazzjonijiet li jinvolvu istituzzjonijiet tal-kreditu b'rispett ta' l-applikazzjoni tas-sistema tar-riserva minima.

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali ta' l-Ewropa tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) jinkludi, partikolarment, skema ta' rapportaġġ għal istituzzjonijiet tal-kreditu fit-"tail". Istituzzjonijiet tal-kreditu fit-*tail* għandhom jirraportaw, bħala minimu, data ta' kull kwart tas-sena meħtieġa biex tkun ikkalkulata l-bażi tar-riserva skond it-Tabella 1a. Dawn l-istituzzjonijiet jassiguraw li r-rapportaġġ skond it-Tabella 1a huwa pjenament konsistenti mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet applikabbli fit-Tabella 1a. Id-data tal-bażi tar-riserva ta' l-istituzzjonijiet għat-tliet perjodi ta' manutenzjoni tar-riserva huma bbażati fuq data miġbura fl-aħħar ta' kull kwart tas-sena mill-BĊN.

L-Anness jinkludi ukoll disposizzjonijiet fuq ir-rapportaġġ fuq bażi kkonsolidat. Hekk kif jirċievu l-awtorizzazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew, l-istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għal riservi minimi jistgħu jwettqu ir-rapportaġġ statistiku konsolidat għal grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bla ħsara għar-riservi minimi ġewwa territorju nazzjonali waħdieni, basta illi l-istituzzjonijiet interessati jkunu rinunzjaw għall-benefiċċju ta' xi rimunerazzjoni f'somma waħda mill-ħtieġa tar-riserva. Il-benefiċċju ta' rimunerazzjoni f'somma waħda jibqa' iżda, għall-grupp kollu bħala wieħed. L-istituzzjonijiet kollha interessati huma inklużi separatament fil-lista tal-BĊE ta' l-MFI.

TABELLA 1A

**Hemm bżonn informazzjoni minn istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar biex ikunu jistgħu joħorġu rapporti kull erba' xhur**

| | Bażi ta' riserva kkalkulat bħala s-somma tal-kollonni segwenti fit-Tabella 1 (Lijabiltajiet): (a) – (b) + (c) + (d) + (e) + (j) – (k) + (l) + (m) + (n) + (s) |
|---|---|
| **LIJABILTAJIET TAD-DEPOŻITU (Euro u muniti barranin flimkien)** | |
| **9 TOTAL TAD-DEPOŻITI** **9.1e + 9.1x** **9.2e + 9.2x** **9.3e + 9.3x** **9.4e + 9.4x** | |
| **minn liema:** **9.2e + 9.2x b'maturità miftehma fuq** sentejn | |
| **minn liema:** **9.3e + 9.3x mifdija mat-talba fuq** sentejn | **Rapportaġġ volontarju** |
| **minn liema:** **9.4e + 9.4x repos** | |
| | Kwistjonijiet li għad ma tħallsux, kolonna (t) f'Tabella 1 Lijabiltajiet |
| **STRUMENTI NEGOZJABBLI (Euro u muniti barranin flimkien)** | |
| **11 SIGURTAJIET TAD-DEBITU LI NĦARĠU** **11e + 11x b'maturità miftehma sa** sentejn | |
| **11 SIGURTAJIET TAD-DEBITU LI NĦARĠU** **11e + 11x b'maturità miftehma sa** sentejn | |

Barra minn hekk, l-Anness jinkludi disposizzjonijiet li għandhom ikunu applikati fil-każ ta' amalgamazzjonijiet li jinvolvu istituzzjonijiet tal-kreditu. It-termini "amalgamazzjoni", "istituzzjonijiet amalgamanti" u "istituzzjoni li qed jakkwista" għandhom it-tifsria tagħhom mogħtija fir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 fuq l-applikazzjoni tar-riservi minimi (BĊE/2003/9). Għall-perjodu ta' manutenzjoni waqt liema sseħħ amalgamazzjoni, ir-rekweżiti ta' riserva ta' l-istituzzjoni li qed takkwista huma kkalkolati u għandhom jitħarrsu kif hemm imfassal fl-Artikolu 13 ta' l-imsemmi Regolament. Għal perjodu ta' manutenzjoni tar-riserva konsekuttivi, ir-rekweżiti ta' riserva ta' l-istituzzjoni li qed takkwista jkunu kkalkulati fuq bażi tar-riserva u ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika skond ir-regoli speċifiċi (ara t-tabella fl-AppendiċI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta tal-bilanċ tas-settur ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13)), jekk ikun japplika. Inkella għandhom japplikaw ir-regoli normali tar-rapportaġġ ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika u l-kalkoli tal-ħtiġijiet ta' riserva, kif hemm imfassal fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 fuq l-applikazzjoni ta' riservi minimi (BĊE/2003/9). Barra minn hekk, il-BĊN relevanti jista' jawtorizza lill-istituzzjoni li qed takkwista sa biex tħares l-obbligu tagħha biex tirraporta informazzjoni ta' l-istatistika permezz ta' proċeduri temporanji. Din id-deroga mill-proċeduri normali tar-rapportaġġ għandhom ikunu limitati għall-iqsar żmien possibbli u, f'kull każ, ma għandux jeċċedi sitt xhur wara li seħħet l-amalgamazzjoni. Din id-deroga hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' l-istituzzjoni li qed takkwista biex twettaq l-obbligi tagħha ta' rapportaġġ skond ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali ta' l-Ewropa tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) u, fejn japplika, l-obbligu biex tassumi l-obbligi tar-rapportaġġ ta' l-istituzzjonijiet li qegħdin jamalgamaw. L-istituzzjoni li qed takkwista għandha l-obbligu li tinforma il-BĊN relevanti bil-proċedrui li bi ħsiebha timplementa biex tħares l-obbligi tagħha tar-rapportaġġ ta' l-istatistika li huma marbutin mad-determiniazzjoni tar-rekweżiti tar-riserva, la darba ssir pubblika l-intenzjoni biex issir amalgamazzjoni u f'ħin tajjeb qabel ma sseġġ l-amalgamazzjoni.

6. *Verifika u ġbir obbligatorju*

Il-BĊE stess u il-BĊN normalment jeżerċitaw il-kompetenza li jivverifikaw u jiġbru l-informazzjoni ta' l-istatistika obligatorja kull meta l-istandards minimi tat-trasmissjoni, preċiżjonu, konformità konċetwali u reviżjonijiet huma mħarsa. Dawn l-istandards minimi huma mfassla fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna il-karta tal-bilanċ kkonsolidat tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13)

7. *Stati Membri li mhumiex qegħdin jipparteċipaw*

Bħala regolament taħt l-Artikolu 34.1 ta' l-Istatut ma jagħti l-ebda drittijiet jew ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li għandhom deroga (l-Artikolu 43.1 ta' l-Istatut) u fuq id-Danimarka (l-Artikolu 2 tal-protokoll fuq ċerti disposizzjonijiet li jirrelataw mad-Danimarka) u ma huwiex applikabbli għar-Renju Unit (l-Artikolu 8 tal-Protokoll fuq ċerti disposizzjonijiet li jirrelataw mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq), Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13) huwa applikabbli fl-Istati Membri parteċipanti biss.

Iżda, l-Artikolu 5 ta' l-Istatut li jikkonċerna l-kompetenza tal-BĊE u tal-BĊN fil-qasam ta' l-istatistika u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li jikkonċerna il-ġbir ta' informazzjoni ta' l-istatistika mill-Bank Ċentrali Ewropew huma applikabbli fl-Istati Membri kollha. Dan jimplika ukoll, flimkien ma' L-artikolu 10 (l-ex Artikolu 5) tat-Trattat, obbligu fuq l-Istati Membri li ma humiex qegħdin jipparteċipaw sabiex jfasslu u jimplimentaw il-miżuri kollha li huma jqisu xierqa fil-livell nazzjonali sabiex iwettqu il-ġbir ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika meħtieġa biex iħarsu ir-rekweżiti tal-BĊE tar-rapportaġġ ta' l-istatistika u l-preparazzjonijiet f'waqthom fil-qasam ta' l-istatistika biex huma jsiru Stati Membri parteċipanti. an l-obbligu sar espliċitament fl-Artikolu 4 tar-Reċita Nru 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li jikkonċerna il-ġbir ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika mill-Bank Ċentrali Ewropew. Għal raġunijiet ta' trasparenza, dan l-obbligu speċjali huwa mfakkar fir-reċiti tar-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna il-karta tal-bilanċ kkonsolidat tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13).

*ANNESS 5*

**Is-siti ta' l-internet ta' l-Ewrosistema**

| Bank Ċentrali | Sit ta' l-Internet |
|---|---|
| European Central Bank | www.ecb.int |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | www.nbb.be or www.bnb.be |
| Deutsche Bundesbank | www.bundesbank.de |
| Bank of Greece | www.bankofgreece.gr |
| Banco de España | www.bde.es |
| Banque de France | www.banque-france.fr |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | www.centralbank.ie |
| Banca d'Italia | www.bancaditalia.it |
| Banque centrale du Luxembourg | www.bcl.lu |
| De Nederlandsche Bank | www.dnb.nl |
| Österreichische Nationalbank | www.oenb.at |
| Banco de Portugal | www.bportugal.pt |
| Suomen Pankki – Finlands Bank | www.bof.fi |

*ANNESS 6*

**Proċeduri u sanzjonijiet li għandhom ikunu applikati fl-eventwalità ta' nuqqas ta' ooservanza ma' l-obbligi tal-kontraparti**

1. *Pieni finanzjarji*

Fl-eventwalità ta' ksur minn kontraparti tar-regoli ta' l-offerta ([1]), tar-regoli tat-transazzjonijiet bilaterali ([2]), tar-regoli għall-użu ta' l-assi ta' bażi ([3]), jew ta' proċeduri ta' tmiem il-ġurnata u kondizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilità ta' self marġinali ([4]), l-Ewrosistema għandha tapplika il-pieni finanzjarji li ġejjin:

(i) Għal ksur ta' regoli relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-offerti, transazzjonijiet bilaterali u l-użu ta' l-assi ta' bażi, għall-ewwel u għat-tieni eventwalitajiet ta' ksur li jseħħu f'perjodu ta' 12-il xahar għandha tkun applikata piena finanzjarja għal kull ksur. Il-pieni finanzjarji li jistgħu jkunu applikati għandhom ikunu kkalkulati fuq ir-rata t' self marġinali miżjud 2.5 punti perċentwali.

– għal ksur ta' regoli relatati ma operazzjonijiet ta' offerti u transazzjonijiet bilaterali, il-pieni finanzjarji għandhom ikunu kkalkulati fuq bażi ta' l-ammont tal-kollaterali jew flus li l-kontraparti ma setgħetx tilħaq, mmultiplikat bil-ko-effiċjent 7/360,

– għal ksur tar-regoli relatati ma' l-użu ta' l-assi ta' bażi, il-pieni finanzjarji għandhom ikunu kkalkulati fuq bażi ta' l-ammont ta' assi li mhumiex eliġibbli (jew assi li ma jistgħux jintużaw mill-kontraparti), li huma jew: (1) provduti mill-kontraparti lil bank ċentrali nazzjonali jew lill-BĊE, jew (2) ma tneħħewx mill-kontraparti wara 20 ġurnata ta' xogħol wara eveniment wara liema l-assi eliġibbli saru ineliġibbli jew ma jistgħux jintużaw iżjed mill-kontraparti, mmultiplikati bil-ko-effiċjent 1/360.

(ii) L-ewwel darba li jinkisru r-regoli tal-proċeduri ta' l-aħħar tal-ġurnata jew għall-aċċess tal-faċilità ta' self marġinali, il-pieni finanzjarji li jistgħu jkunu applikati għandhom ikunu kkalkulati b'5 punti perċentwali. Fl-eveniment ta' ksur ripetut, ir-rata ta' l-interessi tal-piena għandha tiżdied b'2.5 punti perċentwali oħra kull darba li dan iseħħ f'temp ta' perjodu ta' 12-il xahar, ikkalkulat fuq il-bażi ta' l-ammont ta' l-aċċess mhux awtorrizzat għall-faċilità ta' self marġinali.

2. *Pieni mhux finanzjarji*

L-Ewrosistema għandha tissospendi lil kontraparti għal ksur tar-regoli mill-operazzjonijiet ta' l-offerti u transazzjonijiet bilaterali, u ta' regoli għall-assi ta' bażi kif huma mfassla "l isfel":

(a) Suspensjoni wara ksur ta' regoli relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-offerti u transazzjonijiet bilaterali

Jekk iseħħ it-tielet ksur ta' l-istess tip f'temp ta' perjodu ta' 12-il xahar, l-Ewrosistema għandha tissuspendi lil kontrapartijiet mill-operazzjoni(jiet) sussegwenti tas-suq miftuħ ta' l-istess tip u mwettqa taħt l-istess proċeduri, li għandu jibda waqt ċertu perjodu, flimkien mal-piena finanzjarja kkalkulat skond ir-regoli mfassla f'Taqsima 1. Is-suspensjoni għandha tkun applikata skond l-iskala segwenti:

(i) jekk l-ammont tal-kollateral jew flus li ma twassalx huwa sa 40 % tal-kollateral totali jew flus li għandhom jingħataw fl-eventwalità tat-tielet ksur, għandha tkun applikata suspensjoni ta' xahar;

(ii) jekk l-ammont tal-kollateral jew flus li ma twassalx huwa bejn l-40 % u t-80 % tal-kollateral totali jew flus li għandhom jingħataw fl-eventwalità tat-tielet ksur, għandha tkun applikata suspensjoni ta' xahrejn; u

---

([1]) Dan japplika jekk kontraparti ma tkunx tista' titrasferixxi ammont suffiċjenti ta' assi ta' bażi biex tirrispetta l-ammont ta' likwidità li ġie allokat lilha f'operazzjoni li tipprovdi l-likwidità jew jekk ma tkunx kappaċI twassal ammont ta' flus suffiċenti biex thallas l-ammont li ġie allokat lilha f'operazzjoni li tassorbi l-likwidità.

([2]) Dan japplika jekk kontraparti ma setgħetx twassal ammont suffiċjenti ta' assi ta' bażi eliġobbli jew jekk ma kinitx kappaċI twassal ammont suffiċenti t' flus biex thallas l-ammont miftiehem f'transazzjonijiet bilaterali.

([3]) Dan japplika jekk kontraparti tkun qed tuza assi li huma jew li saru ineliġibbli (jew li ma tistax tuża) biex tassigura kreditu li jkun għadu ma thallasx.

([4]) Dan japplika jekk kontraparti għandha bilanċ negattib fuq il-kont tal-hlas fl-aħħart al-ġurnata u ma tilħaqx il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali.

(iii) jekk l-ammont tal-kollateral jew flus li ma twassalx huwa bejn it-80 % u 100 % tal-kollateral totali jew flus li għandhom jingħataw fl-eventwalità tat-tielet ksur, għandha tkun applikata suspensjoni ta' tliet xhur.

Dawn il-pieni finanzjarji u miżuri ta' suspensjoni għandhom ikunu applikati ukoll, mingħajr preġudizju għas-subsezzjoni (c) ta' hawn taħt, għal kull ksur suċċessiv ieħor f'kull perjodu ta' temp ta' 12-il xahar.

(b) Suspensjoni wara ksru tar-regoli għall-assi ta' bażi

Jekk iseħħ it-tielet ksur f'temp ta' perjodu ta' 12-il xahar l-Ewrosistema għandha tissuspendi lill-kontraparti mill-operazzjoni ssusegwenti tas-suq miftuħ, flimkien ma' piena finanzjarja li tkun kkalkulata skond it-Taqsima 1 ta' hawn fuq.

Dawn il-pieni finanzjarji u miżuri ta' suspensjoni għandhom ikunu applikati ukoll, mingħajr preġudizju għas-subsezzjoni (c) ta' hawn taħt, għal kull ksur suċċessiv ieħor f'kull perjodu ta' temp ta' 12-il xahar.

(c) Suspensjoni minn aċċess għal operazzjonijiet tal-politka monetarja tal-futur kollha għal ċertu perjodu f'każijiet eċċezzjonali

F'każijiet eċċezzjonali fejn jinħtieġ minħabba s-serjetà tal-każ(ijiet) ta' nuqqas ta' konformità, u waqt li jittieħed akkont ta' l-ammonti partikolari involuti, il-frekwenza jew id-dewmien tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, tista' tingħata konsiderazzjoni, flimkien mal-piena finanzjarja kkalkulata skond it-Taqsima 1 "l fuq" għas-suspensjoni tal-kontraparti mill-aċċess għall-operazzjonijiet kollha ta' politika finanzjarja tal-futur għal perjodu ta' tliet xhur.

(d) Istituzzjonijiet li jinstabu f'Stati Membri oħra

L-Ewrosistema tista' tiddeċiedi ukoll jekk il-miżura ta' suspensjoni proposta fuq il-kontraparti f'nuqqas ta' konformità, għandhiex tapplika ukoll lill-fergħat ta' l-istess istituzzjoni li jinstabu f'Stati Membri oħra.